



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 58

31 ta' Lulju 2015

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

il-505 Sessjoni Plenarja tal-KESE tat-18 u d-19 ta' Frar 2015

2015/C 251/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għall-immappjar ta' strateġġi makroreġjonali fl-Ewropa" (Opinjoni fuq inizzjattiva proprja)	1
2015/C 251/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rwol tal-kooperattivi u tal-banek tat-tfaddil fil-koeżjoni territorjali — proposti għal qafas adattat ta' regolamentazzjoni finanzjarja" (Opinjoni fuq inizzjattiva proprja).	7
2015/C 251/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tneħħija għalkollox tal-asbestos mill-UE"	13
2015/C 251/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u kif jistgħu jinkisbu l-għanijiet tagħha sal-2020" (Opinjoni esploratorja fuq talba tal-Presidenza Latvjana)	19

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW

il-505 Sessjoni Plenarja tal-KESE tat-18 u d-19 ta' Frar 2015

2015/C 251/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali: l-indirizzar ta' riskji, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-iffaċilitar tal-kummerċ" (COM(2014) 527 final)	25
2015/C 251/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni ta' kombustjoni interna għall-makkinarju mobbli mhux maħsub biex jintuża fit-triq" (COM (2014) 581 final — 2014/0268 (COD)).	31

2015/C 251/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u s-Sistema Ewropea ta’ Superviżjuri Finanzjarji (SESF)” (COM(2014) 509 <i>final</i>) u dwar “Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS)” (COM(2014) 508 <i>final</i>).	33
2015/C 251/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Green Paper “Nagħmlu l-aħjar mill-kompetenzi tradizzjonali tal-Ewropa: il-possibilità li tiġi estiża l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-Unjoni Ewropea għal prodotti mhux agrikoli” (COM(2014) 469 <i>final</i>).	39
2015/C 251/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment — Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015” (COM(2014) 902 <i>final</i>)	44

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-505 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE TAT-18 U D-19 TA' FRAR 2015

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għall-immappjar ta' strateġiji makroreġjonali fl-Ewropa"

(Opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2015/C 251/01)

Relatur: Etele BARÁTH

Nhar is-27 ta' Frar 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

Proposta għall-immappjar ta' strateġiji makroreġjonali fl-Ewropa.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-3 ta' Frar 2015.

Matul il-505 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta' Frar 2015 (seduta tat-18 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'166 vot favur, vot 1 (wieħed) kontra u 6 astensjonijiet.

Introduzzjoni

S'issa jidher ċar li r-reazzjoni Ewropea għall-kriżi ġenerali, li nħolqot mill-kriżi finanzjarja, ma kinitx sodisfaċenti. Bosta analiżijiet enfasizzaw li d-deċiżjonijiet li ttieħdu taw wisq attenzjoni lis-settur finanzjarju u n-natura estremament ġerarkika tal-mekkaniżmu tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, li b'hekk waqqfuha milli tiegħu l-passi meħtieġa biex issolvi t-tensjonijiet soċjali. Wieħed jista' josserva wkoll li hemm żbilanċ kbir bejn, minn naħa, l-għanijiet u l-pjani ta' azzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 bl-iskop li jappoġġjaw l-iżvilupp fit-tul tal-UE u, min-naħa l-oħra, ir-riżorsi disponibbli. Bħalissa huwa ta' importanza ewlenija t-tisħiħ tal-koerenza bejn id-diversi miżuri ta' politika ekonomika.

Għalkemm ċerti pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant irnexxielhom il-ahhqu, hemm differenzi li qed jikbru bejn Stati Membri oħrajn, f'termini kemm tal-produzzjoni ekonomika globali kif ukoll tad-dħul u l-livell tal-għajxien. Din is-sitwazzjoni ħraxet minħabba ċerti karatteristiċi reġjonali, u f'xi żoni ħarġu fid-dieher tensjonijiet li mhumiex sostenibbli.

Kemm l-iżviluppi tal-politika soċjali meħtieġa biex noħorġu mill-kriżi, kif ukoll l-għanijiet u l-programmi mġedda tal-politika ta' koeżjoni jeħtieġu li ssir enfasi fuq id-dimensjoni territorjali tal-politiki Ewropej.

Din il-ħtieġa ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea mġedda meta hija nediet il-programm "Bidu ġdid" għat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien. Il-programm tal-Kummissjoni Ewropea jfisser kemm opportunitajiet ġodda kif ukoll responsabbiltajiet ġodda fir-rigward mhux biss taż-żieda sostanzjali tal-fondi ta' investiment u ta' żvilupp għall-perijodu 2015-2017 iżda wkoll tat-tneħħija tal-ostakli legali u organizzattivi. Dan japplika wkoll għall-istrateġiji makroreġjonali. Il-fatt li l-10 prijoritajiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma jsaħħu direttament jew indirettament l-interkonnessjoni bejn il-makroreġjuni tal-Ewropa u l-iżvilupp komuni tagħhom jikkontribwixxi wkoll għal definizzjoni mill-ġdid tar-rwol tal-politika makroreġjonali, tal-post u tal-fattibbiltà tal-istrateġiji.

Prattika ta' governanza ġdida, immirata lejn l-iżvilupp, deċentralizzata ħafna, li toħloq rabtiet iżjed sistematiċi bejn l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, u li tqis bl-istess mod l-istrategġiji makroreġjonali, tista' tagħti kontribut ikbar lejn l-irkupru tat-tkabbir u t-titjib tal-effikaċja/effettività u l-effiċjenza tal-investimenti⁽¹⁾.

Bis-saħħa ta' governanza mġedda, l-istrategġiji makroreġjonali jistgħu jkunu għodda eċċellenti biex jitħaffef il-pass tal-proċessi tal-iżvilupp, tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali u tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-Istrategġija Ewropa 2020, filwaqt li jitħares l-ambjent, li mhu xejn inqas importanti. It-“Tliet Le” mhux ħa jkunu iżjed ta' xkiel: il-qafas finanzjarju pluriennali tal-2014-2020 johlq possibiltajiet finanzjarji, il-qafas strateġiku komuni jstabbilixxi regoli filwaqt li fil-prattika ġie żviluppat mekkaniżmu ta' implimentazzjoni.

Fit-tfassil ta' din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja, il-KESE qed jimplementa dak li ġie miftiehm fis-sessjoni plenarja tal-ħarifa tal-2013, u janalizza l-impatt tal-istrategġija makroreġjonali fl-Ewropa mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili b'mod partikolari. Se jħares ukoll lejn mod kif dawn l-istrategġiji jiġu integrati fil-politika Ewropea tal-iżvilupp.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Wara li studja s-sitwazzjoni tal-istrategġiji makroreġjonali u l-opinjoni u l-proposti relatati⁽²⁾, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ikkonkluda li, abbażi tar-riżultati miksuba, jidher b'mod ċar li jeħtieġ li jiġu żviluppati strategġiji makroreġjonali fil-livell Ewropew. L-għan tal-makroreġjuni mhux li jifirdu iżda li jgħaqqdu.

1.2. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kunsill Ewropew jieħu pożizzjoni favur l-integrazzjoni tal-politika makroreġjonali fl-istruttura ta' governanza tal-UE u jsejjaħ għat-tfassil ta' linji gwida li jkunu validi għall-l-UE kollha sabiex tiġi defnita strategġija ta' żvilupp makroreġjonali li taqdi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

1.3. Il-KESE jaħseb li l-istrategġiji makroreġjonali għandhom rwol dejjem ikbar x'jaqdu fil-ġejjieni tal-UE. Il-programmi makroreġjonali eżistenti:

- ikkontribixxew fil-livell politiku għall-iżvilupp ta' livell intermedjarju Ewropew li bħalissa huwa nieqes, bil-potenzjal li ssir medjazzjoni bejn approċċi għalkollox kontra ta' xulxin, jiġifieri dak federalist u dak nazzjonalist,
- bħala strumenti ta' governanza msejsa fuq il-kooperazzjoni orizzontali, iprovdew soluzzjoni għall-problema tal-konċentrazzjoni wisq ġerarkika u burokratika,
- ikkontribixxew għall-parteċipazzjoni sistematika tal-qasam ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali u ekonomiċi, matul il-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji.

1.4. L-istrategġiji makroreġjonali jstgħu jtejbju l-kompetittività ekonomika, jagħtu spinta tant meħtieġa lill-PDG u anke jżidu l-valur miżjud Ewropew. Permezz ta' monitoraġġ ibbażat fuq bażi tad-data adatta, u l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tas-sħubija, kif ukoll analiżi komparattiva bbażata fuq l-esperjenza mġarrba, kienu meħtieġa dawn l-istrategġiji bħala politika effettiva. Pereżempju:

1.4.1. fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, it-tilħiq tal-oġġettivi tal-Istrategġija Ewropa 2020 jista' jingħata viżibbiltà akbar fil-livell reġjonali;

1.4.2. bħala parti mir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-oġġettivi u r-riżultati ġenerali u speċifiċi tal-Istrategġija Ewropa 2020, għandu jkun possibbli, fl-interessi tal-effettività, li jiġu integrati aspetti ambjentali, urbani u ta' żvilupp tal-kooperazzjoni makroreġjonali mħaddna fid-diversi “ftehimiet ta' sħubija”;

1.4.3. abbażi tal-11-il oġġettiv strateġiku tal-politika ta' koeżjoni stabbiliti għall-2014-2020, it-tisħiħ tad-dimensjoni makroreġjonali tal-miżuri ppjanati inklużi fil-programmi operattivi jista' jiżgura l-valur miżjud, l-effettività u l-effiċjenza tagħhom fil-livell Ewropew;

⁽¹⁾ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-governanza tal-istrategġiji makroreġjonali, COM(2014) 284 final

⁽²⁾ Recent and Upcoming EESC Opinions on Macro-regional Areas and Strategies, and Related Horizontal Matters – Key Points

1.4.4. id-dimensjoni makroreġjonali tal-programmi ta' kooperazzjoni reġjonali adottati taħt l-aġenda urbana li jikkonċernaw in-netwerk tal-UE tal-muniċipalitajiet tista' tiffaċilita l-integrazzjoni soċjali u kulturali u trawwem il-kundizzjonijiet neċessarji biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet soċjali;

1.4.5. ser jinħoloq strument makroreġjonali ġdid għall-konservazzjoni ambjentali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda t-tisħiħ tal-istruttura ta' governanza fil-livell Ewropew billi jiġu involuti s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet muniċipali u reġjonali f'kull stadju tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, flimkien ma' grupp ta' koordinazzjoni ta' livell għoli magħmul minn rappreżentanti tat-28 pajjiż, li jkun responsabbli għall-ġestjoni makroreġjonali.

2. Dibattitu

2.1. L-esperjenza sal-lum, u l-analiżijiet tal-Kummissjoni jikkonfermaw dan, tindika li l-istrateġiji makroreġjonali joffru valur miżjud f'dak li jirrigwarda:

- it-tisħiħ tal-identità Ewropea u reġjonali,
- it-fassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji Ewropej, u
- l-użu koordinat tar-riżorsi.

2.2. L-istrateġiji makroreġjonali joffru strumenti ġodda u li huma meħtieġa ħafna. Dawn huma importanti għaliex:

- ir-reazzjonijiet għall-kriżi mhumiex kumplessi, u għaldaqstant irid jinstab bilanċ bejn l-aspetti territorjali u soċjali varji,
- l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew urew li r-relazzjonijiet tal-UE mas-soċjetà ċivili għad mhumiex adegwati,
- is-sistema istituzzjonali tal-UE teħtieġ riforma (pereżempju, id-demokratizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tagħha, it-tisħiħ tal-istrutturi orizzontali, l-implimentazzjoni iżjed effiċjenti u effettiva tal-politiki tagħha, kif ukoll is-sħubija soċjoekonomika).

2.3. L-istrateġiji makroreġjonali huma rilevanti attwalment għaliex:

- l-elezzjonijiet wasslu biex tiġi fformata Kummissjoni ġdida, bi prijoritajiet ġodda, li l-oġġettivi ewlenin tagħha, b'mod partikolari l-ħolqien tal-impjiegi, it-tisħiħ tat-tkabbir u l-effettività tal-investment ipplanat mill-intrapriżi, jiddependu bil-bosta mill-kapaċità reġjonali għall-adattament,
- bħalissa qiegħda ssir ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020. Fl-2015 se jiġu adottati d-direttivi riveduti, u x'aktarx dan se jinvolvi t-tisħiħ tal-approċċ makroreġjonali,
- intwera li kemm f'termini ta' governanza kif ukoll ta' valur miżjud Ewropew – b'mod partikolari fir-rigward tal-konservazzjoni ambjentali (baħar) u l-prevenzjoni tad-diżastri (ħarsien mill-għargħar) u fil-kuntest tal-kooperazzjoni ekonomika fil-qasam tat-turiżmu u setturi esposti għall-innovazzjoni – l-istrateġiji makroreġjonali li diġà ġew adottati u li issa qed jiġu implimentati (għar-reġjuni tad-Danubju u tal-Baltiku) identifikaw riżorsi ġodda,
- l-inizjattivi tal-Kummissjoni (l-Adrijatiku u l-Alpi) qed jespandu u qed jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Istati Membri u r-reġjuni jippjanaw rabtiet makroreġjonali, (b'enfasi partikolari fuq il-parteciċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-kooperazzjoni),
- saru żviluppi sinifikanti fil-possibilitajiet ta' kooperazzjoni makroreġjonali – mhux l-inqas f'termini politiki – kif ġie identifikat mill-qasam soċjoekonomiku (reġjun tal-Mediterran, il-kosta tal-Atlantiku), u dan ikkontribwixxa konsiderevolment għall-koordinazzjoni ta' strateġiji marittimi u politiki "terrestri";
- il-kooperazzjoni makroreġjonali li ilha stabbilita qed tissaħħaħ tul l-infrastruttura transkonfinali u lineari, b'mod partikolari bis-saħħa tal-iżvilupp ta' rabtiet makroreġjonali taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

— sar obbligatorju li jingħataw provi ta' kooperazzjoni makroreġjonali bħala parti mill-ftehimiet ta' sħubija għall-perijodu ta' programmar 2014-2020.

2.4. Min-natura tagħhom, l-istrateġiji makroreġjonali huma mmirati lejn l-iżvilupp, u għalhekk jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tisħiħ u l-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp tal-UE, b'mod partikolari b'rabta ma' inizjattivi minn isfel għal fuq. Dan japplika b'mod partikolari għal dawn l-oqsma (funzjonijiet) li ġejjin:

- l-attività ekonomika tal-SMEs;
- ir-riċerka, l-edukazzjoni, it-tagħlim tal-lingwi, il-kooperazzjoni fil-kwistjonijiet ta' kultura u saħħa;
- il-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija, il-protezzjoni tal-ambjent, il-loġistika, is-servizzi pubbliċi (ilma, dranaġġ, skart);
- l-ippjanar konġunt mill-korpi pubbliċi, l-istituzzjonijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u l-migrazzjoni;
- it-tisħiħ konkret tal-kompetizzjoni fis-suq (kooperazzjoni konkreta fis-suq tax-xogħol, appoġġ lill-SMEs, stabbiliment ta' fondi għall-iżvilupp);
- il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika.

Ħafna minn dawn huma oqsma fejn huwa adatt primarjament approċċ minn isfel għal fuq favur l-integrazzjoni, meta wieħed iqis li f'termini diretti l-istituzzjonijiet Ewropej jaqdu biss rwol regolatorju marġinali hawnhekk.

2.5. Il-parteċipanti fl-istrateġiji makroreġjonali għandhom jikkooperaw bħala partijiet interessati responsabbli għall-ħidmiet trasversali tal-gvernijiet tagħhom.

2.6. L-approċċ makroreġjonali joffri opportunitajiet għat-tiġdid tal-UE, kemm f'termini ta' perspettiva kif ukoll strumenti ta' governanza:

- il-governanza politika u l-ġestjoni strateġika tiegħu jlaqqgħu flimkien partijiet interessati fil-livelli differenti mingħajr il-ħtieġa li jiġu stabbiliti istituzzjonijiet kbar ġodda,
- huwa kapaċi jintegra politiki u programmi fil-livelli differenti (il-politiki u l-programmi Ewropej, nazzjonali u daww marbuta mal-kooperazzjoni territorjali; daww fil-pajjiżi ta' assoċjazzjoni u ta' adeżjoni; l-istrumenti settorjali u finanzjarji, eċċ.),
- jikkoordina l-istrumenti politiċi, strateġiċi u finanzjarji sabiex ikun hemm implimentazzjoni effiċjenti u effettiva,
- jgħin biex jitneħħew il-konfini reġjonali bejn l-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni territorjali u s-setturi differenti, u fl-aħħar nett
- jassigura sjieda ċara matul il-proċess kollu tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġija.

2.7. Il-prerekwiżiti għal governanza makroreġjonali "tajba" huma li jkollha:

- il-kapaċità ta' pjanar strateġiku,
- bażi tad-data affidabbli speċifika għar-reġjun ikkonċernat u l-kapaċità ta' analiżi,
- korp eżekuttiv adegwat,

- sistema wiesgħa ta' monitoraġġ kemm tal-ippjanar kif ukoll tal-implimentazzjoni,
- mezzi ta' komunikazzjoni adegwati,
- il-kapaċità ta' adattament neċessarju, u
- trasparenza essenzjali tal-attivitajiet, għal finijiet ta' monitoraġġ.

2.8. Skont id-definizzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali, makroreġjun:

- ikopri żona li għandha karatteristiċi ġeografiċi, ekonomiċi u kulturali komuni,
- jiffaċċja l-istess sfidi u l-istess possibilitajiet, u
- għandu fi ħdanu atturi differenti li jikkooperaw b'mod imsaħħa u jikkoordinaw ir-riżorsi tagħhom sabiex jippromovu l-koeżjoni territorjali.

2.9. Fil-prattika Ewropea attwali, hemm żewġ tipi ta' makroreġjuni li jaqgħu taħt din id-definizzjoni. It-tnejn li huma huma karatterizzati mill-possibilità li jilqgħu parteċipanti minn pajjiżi terzi:

- il-makroreġjuni tat-tip lineari, li essenzjalment huma marbuta mal-infrastrutturi l-kbar, bħal dawk tar-reġjun tad-Danubju jew ir-reġjuni li jinsabu tul il-Kurituri, u
- l-makroreġjuni li jkopru żona wiesgħa, bħall-Baltiku, l-Adrijatiku jew l-Alpi, kif ukoll ir-reġjun tal-Mediterran u l-kosta tal-Atlantiku.

2.10. Bil-ħolqien tal-UE, il-fruntieri storiċi tal-Ewropa saru virtwali f'termini funzjonali. L-approċċ makroreġjonali jippermetti li jitfasslu fruntieri funzjonali ġodda fuq il-mappa tal-Ewropa. Abbażi tas-sistemi makroreġjonali, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni miftuħa li ġiet imsaħħa jew hija fil-proċess li tiġi msaħħa diġà jirriflettu l-approċċ politiku tas-seklu 21, li f'Ewropa demokratika għandu jrawwem kooperazzjoni li dejjem qed tiġġeddedd favur l-ekonomija u soċjetà inklużiva filwaqt li l-ambjent jiġi mħares b'mod sostenibbli.

3. Osservazzjonijiet ġenerali u proposti għat-twessigħ tar-rwol tal-istrateġiji makroreġjonali

3.1. Huwa possibbli li jinstab bilanċ bejn, minn naħa l-enfasi l-ġdida tal-Istrateġija Ewropa 2020 flimkien mal-governanza finanzjarja u ekonomika, u min-naħa l-oħra l-idea li nimxu lil hinn mill-PGD. Dan jista' jsir billi jitnaqqsu d-differenzi reġjonali u permezz tal-iżvilupp armonjuż li jqis il-ħtiġijiet soċjali u l-aspetti ambjentali.

3.2. L-istrateġiji makroreġjonali jikkontribwixxu għall-koeżjoni territorjali billi jsaħħu l-mekkaniżmi msejsa fuq is-solidarjetà. Fl-istess waqt, billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi differenti fir-reġjuni varji, huwa possibbli li jiġu koordinati b'mod iżjed effettiv l-istrumenti tal-iżvilupp.

3.3. Il-proposti dwar żvilupp makroreġjonali kkoordinati u l-vantaġġi ekonomiċi ta' kooperazzjoni makroreġjonali iktar mill-qrib se jgħinu biex jiġbdu aktar investiment fl-innovazzjoni u produzzjoni fuq skala kbira u l-kapaċità tal-provvista.

3.4. In-netwerks flimkien mar-rabtiet stituzzjonali u ekonomiċi fi ħdan il-makroreġjuni jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-effetti tal-kriżi tal-globalizzazzjoni billi jisfruttaw ir-riżorsi u jgħinu biex jitnaqqsu d-differenzi bejn ir-reġjuni f'livelli varji ta' żvilupp. Ir-reġjuni metropolitani u r-reġjuni urbani żviluppatti l-oħra għandhom rwol ewlieni hawnhekk billi joħlqu d-dinamika favur l-iżvilupp.

3.5. In-netwerks tar-reġjuni metropolitani u poliċentriċi joffru potenzjal ekonomiku u innovattiv konsiderevoli, u jixprunaw il-ħolqien tal-impjeg. Fl-istess waqt jistgħu jkunu l-kawża ta' periklu kbir għall-ambjent. L-istrateġiji makroreġjonali jistgħu jikkumpensaw għar-riskji marbuta mat-tibdil fil-klima kaġun ta' popolazzjonijiet urbani kbar, u jippermettu li jitfasslu pjani sabiex dawn ir-riskji jisfaw fix-xejn.

3.6. L-istrateġiji makroreġjonali jistgħu jgħinu wkoll biex jiżguraw żvilupp proporzjonat ta' muniċipalitajiet żgħar jew ta' daqs medju, billi jsaħħu r-rabtiet bejniethom u jippromovu valuri lokali u reġjonali.

3.7. Il-politika makroreġjonali tista' tgħin biex jitnaqqsu d-differenzi territorjali u ekonomiċi billi tadatta l-programmi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 għall-kundizzjonijiet ta' reġjun partikolari.

3.8. L-istrateġija makroreġjonali tista' tkun l-istrument għall-ħolqien tal-massa kritika meħtieġa biex jingħaqdu l-assi ekonomiċi, soċjali u ambjentali fl-interess tal-iżvilupp. Dan jista' jkun ta' rilevanza partikolari fil-qafas tal-programmi transnazzjonali transkonfinali.

3.9. Fid-dawl tal-ambitu tagħhom, l-istrateġiji makroreġjonali jstgħu jgħinu biex jiġu żviluppati servizzi ta' interess ġenerali b'mod iżjed ġust u bi prezz li jintlaħaq, fl-istess waqt li jiffaċilitaw l-aċċess għal informazzjoni u għarfien u jtejbu l-kundizzjonijiet għall-mobilità.

Brussell, it-18 ta' Frar 2015

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rwol tal-kooperattivi u tal-banek tat-tfaddil fil-koeżjoni territorjali — proposti għal qafas adattat ta’ regolamentazzjoni finanzjarja”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2015/C 251/02)

Relatur: is-Sur Carlos TRIAS PINTÓ

Nhar l-10 ta’ Lulju 2014, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

Ir-rwol tal-kooperattivi u tal-banek tat-tfaddil fil-koeżjoni territorjali – proposti għal qafas adattat ta’ regolamentazzjoni finanzjarja

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Komitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-3 ta’ Frar 2015.

Matul il-505 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta’ Frar 2015 (seduta tat-18 ta’ Frar 2015) il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’153 vot favur, 2 voti kontra u 10 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Fit-transizzjoni lejn mudelli ġodda ta’ servizzi bankarji u mhux bankarju fil-kuntest finanzjarju, il-KESE jqis li huwa indispensabbli li tinżamm il-“bijodiversità” tas-sistema finanzjarja, mingħajr ma dan jimplika li l-istandards jiġu applikati b’mod arbitrarju ⁽¹⁾.

1.2. Il-banek immexxija skont il-prinċipju tal-valur għall-azzjonisti (*shareholder value* (SHV)) għandhom jiġu kkomplementati b’mod effiċjenti bil-banek *stakeholder value* (STV) permezz tal-attivitajiet bl-ingrossa, bl-imnut u ta’ investiment. Huwa biss b’dan il-mod li tista’ tiġi żgurata ekosistema finanzjarja stabbli u effikaċi, li tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-iżvilupp tal-ekonomija reali.

1.3. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-isforz imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea biex fir-regolamentazzjoni finanzjarja tikkunsidra n-natura speċifika tal-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil biex jiġu evitati l-konsegwenzi mhux mixtieqa tal-applikazzjoni uniformi tar-regoli prudenzjali u l-possibbiltà li jkun hemm piżijiet amministrattivi żejda.

1.4. Madankollu, il-problema prinċipali tibqa’ l-applikazzjoni adegwata tal-**prinċipju ta’ proporzjonalità** fir-regolamentazzjoni bankarja l-ġdida (b’mod partikolari fir-rigward tad-**Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital – DRK IV u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital – CRR**), li l-Komitat ta’ Basel issuġġerixxa li jiġu applikati proporzjonalment skont it-Trattati tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li għandhom jiġu applikati r-rekwiżiti aktar stretti għall-banek globali, xi rekwiżiti rigorużi għall-banek pan-Ewropej (b’mod sistematiku fl-Ewropa) u rekwiżiti aktar flessibbli għall-banek nazzjonali u lokali (biex jiġi żgurat livell adegwat ta’ protezzjoni għall-konsumatur).

1.5. Dan ma jfissirx li ċerti ferġhat tas-settur finanzjarju jiġu privileġġjati għal xejn b’xejn. Il-KESE dejjem tkellem favur kundizzjonijiet ġusti ta’ kompetizzjoni u għalhekk jirrakkomanda l-użu ta’ parametri oġġettivi li jiġġustifikaw regolazzjoni speċifika għal kull mudell ta’ kummerċ. Bażikament, dawn huma l-prestazzjoni ekonomika u dik finanzjarja, il-kontribut għall-ekonomija reali, il-ġestjoni tar-riskju u l-governanza. Il-KESE jipproponi li l-awtoritajiet finanzjarji jinċentivaw lill-protagonisti li jissodisfaw l-aħjar dawn il-kundizzjonijiet.

1.6. Fl-istess ħin li l-KESE jenfasizza l-mudell bankarju li jirrappreżentaw il-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil, huwa jixtieq jenfasizza l-istmerrija tiegħu għal ċerta imġiba fis-settur finanzjarju, li tinkludi dik ta’ ċerti korpi ta’ dan is-settur. Huwa jappella li jissaħħu l-istandards tal-etika professjonali u l-kodiċi ta’ governanza tajba għall-industrija finanzjarja kollha, peress li dawn huma vitali sabiex terġa’ tiġi rkuprata l-fiducia mitlufa.

⁽¹⁾ ĠU C 451, 16.12.2014, p. 45.

1.7. Il-KESE jenfasizza l-effetti drammatiċi li staġnar kontinwu u nuqqas ta' kreditu għall-SMEs u l-familji jista' jkollhom fuq il-futur tal-Unjoni Ewropea. Huwa jtenni wkoll il-kritika reċenti mill-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kumitat ta' Basel li tefgħet f'dubju l-istrumenti speċifiċi Ewropej sabiex jiġu ffinanzjati l-SMEs.

1.8. Jekk l-Ewropa tixtieq tindirizza b'suċċess l-isfidi tal-futur u tkun aġent tal-bidla (u mhux tesperjenza b'mod passiv) jeħtieġ li kemm jista' jkun malajr tadotta firxa ta' miżuri fil-kuntest finanzjarju sabiex b'mod effettiv jitwettqu l-Istrateġija Ewropa 2020, l-Att dwar is-Suq Uniku I u II, l-iSmall Business Act, il-Programm COSME, l-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali, eċċ. It-tisħiħ tar-rwol tal-banek tat-tfaddil u tal-kooperattivi fis-sistema finanzjarja Ewropea ser ikun essenzjali sabiex jitwettqu dawn l-għanijiet.

2. Il-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil fil-kuntest finanzjarju Ewropew

2.1. Il-banek ta' tfaddil u l-kooperattivi storikament/tradizzjonalment qdew rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-ekonomija, b'mod partikolari fl-appoġġ għall-agrikoltura, l-industrija ż-żgħira u l-kummerċ. Atwalment dawn jirrappreżentaw madwar 40 % tas-settur finanzjarju tal-Unjoni Ewropea (li jitla' għal 70 % fi Franza u għal 60 % fil-Ġermanja), b'differenzi sinifikattivi fl-istrutturi tagħhom bejn il-pajjiżi. Fil-każ tal-banek tat-tfaddil, il-konċentrazzjoni settorjali f'pajjiżi bħal Spanja u l-Finlandja tikkontrasta mas-sistema mxerrda ħafna fil-Ġermanja jew l-Awstrija.

2.2. B'mod ġenerali, ir-ristrutturazzjoni bankarja wasslet għal stampa iżgħar u iktar strutturata iżda inqas inklużiva, peress li fis-snin reċenti ħadhet lill-SMEs u lill-familji mill-finanzjament. Dan mexxa id f'id mat-tnaqqis gradwali tan-netwerk territorjali tal-fergħat u diversi postijiet ta' xogħol. Dan il-fenomeni jista' jiggrava jekk mis-suq ikun eskluż il-bank lokali.

2.3. Bħala mudell ta' negozju ta' bank bl-imnut, il-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil joffru elementi differenti sinifikattivi ħafna: ir-rabta tagħhom man-nisġa produttiva lokali, l-għeruq territorjali tagħhom, in-netwerks kummerċjali estensivi tagħhom, relazzjonijiet mill-qrib mal-klijent, il-finanzjament ta' setturi speċifiċi, ir-rabtiet mill-qrib mal-interessi lokali u l-partijiet soċjali u l-impenn solidali tagħhom.

2.4. Minħabba l-mod kif huma strutturati, hemm tendenza li l-banek tat-tfaddil u l-kooperattivi jkollhom strutturi b'saħħithom ta' assi, b'assunzjoni raġonevoli ta' riskju, li jorjentaw il-proċessi tagħhom ta' investiment u kapitalizzazzjoni b'konformità mal-politiki ta' żvilupp territorjali endoġenu.

2.5. Mil-lat kunċettwali, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-karatteristiċi li jiddistingwixxu l-kooperattivi mill-banek tat-tfaddil:

- il-kooperattivi huma ta' natura privata b'kundizzjoni doppja: huma kumpaniji kooperattivi u entitajiet ta' kreditu li l-għan prinċipali tagħhom huwa l-għoti ta' servizzi finanzjarji lill-membri/proprjetarji u l-klijenti tagħhom. Il-prinċipji kooperattivi li jservu ta' bażi għall-governanza tagħhom huma t-teħid ta' deċiżjoni b'mod demokratiku u l-parteċipazzjoni (persuna waħda, vot wieħed) u ammont sinifikanti tad-dħul finanzjarju tagħhom imur fil-fondi statutorji ta' riżerva u tal-fondi soċjali;
- il-banek tat-tfaddil huma forma privata ta' fundazzjoni bi rwol doppju essenzjali: attività finanzjarja u skop soċjali. L-uniċità tal-mudell tikkonsisti fin-nuqqas ta' sidien espliċiti, għalkemm jikkoeżistu wkoll konfigurazzjonijiet oħra, bħal dawk tal-kumpaniji pubbliċi jew il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata. Fil-forma ta' fundazzjoni, il-korpi ta' governanza ġejjin minn assemblea ġenerali li fiha jiġu rrappreżentati il-korporazzjonijiet lokali u reġjonali, kif ukoll, skont il-pajjiżi, il-klijenti, il-korpi fundaturi u l-impjegati. Il-profitti miksuba jintefgħu f'riżervi u inizjattivi soċjali.

2.6. Iċ-ċifri għall-kooperattivi huma espressivi ħafna f'perjodi ta' kriżi: l-ebda kooperattiva fl-UE għadha ma falliet. Għandhom madwar 20 % tas-sehem tas-suq tad-depożiti, f'pajjiżi bħall-Italja, Franza, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi jiffinanzjaw bejn 25 % u 45 % tas-self lill-SMEs u żiedu s-sehem tagħhom ta' depożiti b'mod kostanti tul dawn l-aħħar snin, u dan huwa indikazzjoni ċara ta' fiduċja f'din l-entità.

2.7. Min-naħa tagħhom, il-banek tat-tfaddil komplew jaqdu parti sinifikanti fis-sistema finanzjarja tal-UE. B'hekk fil-Ġermanja għandhom sehem mis-suq ta' 43 % tad-depożiti u 39 % tas-self, filwaqt li fi Spanja għandhom 41 % u 42 % rispettivament.

2.8. Il-Fond Monetarju Internazzjonali ⁽²⁾ wkoll jenfasizza r-rwol essenzjali tal-kooperattivi. Dawn il-korpi, li jiddependu inqas mill-istennijiet tal-azzjonisti, ikopru b'mod affidabli u sigur il-bżonnijiet ta' self tal-SMEs u ta' ħafna familji.

2.9. Minkejja dan, stajna nosservaw xi eċċezzjonijiet: xi kooperattivi u banek tat-tfaddil abbandunaw l-għanijiet tagħhom, imxew lejn attivitajiet spekulattivi u għażlu espansjonijiet eċċessivi f'oqsma oħra, fejn dennsu r-reputazzjoni tagħhom. Minħabba f'hekk f'xi pajjiżi ġew implimentati miżuri regolatorji li b'ċertu mod fixklu dan il-mudell ta' bank.

2.10. Fil-qosor, it-tisħiħ tal-kapital, il-ksib ta' daqs adegwat, iż-żamma tan-natura territorjali u ż-żamma tal-livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur għandhom jimxu id f'id mal-protezzjoni tal-attributi bażiċi ta' mudell distint ta' negozju. F'dan il-proċess, il-KESE jitlob ir-rikonoxximent u l-appoġġ tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

3. Sfidi għall-iżvilupp tas-servizzi bankarji bl-imnut

3.1. Il-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil jinkorporaw il-karatteristiċi tagħhom ta' mudell ta' negozju bankarju bl-imnut: il-qribija mal-klijent, l-ankraġġ territorjali, il-kooperazzjoni, il-vokazzjoni soċjali, eċċ. Madankollu, fatturi differenti jinfluwenzaw l-iżvilupp potenzjali tagħhom ⁽³⁾:

- il-kompetizzjoni dejjem tiżdied wasslet għal tnaqqis progressiv tal-marġni ta' intermedjazzjoni finanzjarja;
- id-distribuzzjoni b'bosta mezzi teħtieġ investment sostanzjali fit-teknoloġija;
- f'xi każijiet, daqs żgħir ħafna jimplika l-bżonn li jissejju alleanzi strateġiċi bejn l-entitajiet jew li jkun hemm merger;
- il-fenomeni tal-konċentrazzjoni mhumiex mingħajr riskji u jistgħu jwasslu għal diżekonomiji ta' skala, u
- l-ibbankjar lokali huwa diffiċli li jiġi kkombinat mad-diversifikazzjoni ġeografika fis-swieq internazzjonali.

3.2. Minkejja dan, il-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil ikomplu jaqdu rwol rilevanti ħafna fit-twettiq tal-Istrategġija Ewropa 2020 permezz tal-funzjonijiet finanzjarji, soċjali u territorjali tagħhom, waqt li huma kkomplementati mill-forom ta' finanzjament mhux bankarju (crowdfunding, kapital ta' riskju, business angels, eċċ.) li ħarġu fid-dieher minħabba r-restrizzjoni qawwija għas-self mill-banek (credit crunch) u għall-garanziji għoljin mitluba.

3.3. Il-KESE jqis li l-awtoritajiet ekonomiċi u monetarji għandhom isaħħu l-miżuri sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-fondi u sabiex jitħeġġeġ il-finanzjament fit-tul, waqt li jiġu promossi l-forom differenti ta' intrapriża ⁽⁴⁾ u l-kondiviżjoni tar-riskji fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

4. Funzjoni soċjali għas-servizz tal-ekonomiji lokali

4.1. Għall-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil, il-funzjonijiet finanzjarji u soċjali huma marbutin mill-qrib fl-impenn tagħhom għall-koeżjoni territorjali. L-impenn soċjali u l-interess għall-komunità huma l-karatteristiċi l-aktar viżibbli għall-pubbliku ⁽⁵⁾.

4.2. Id-dħul finanzjarju żejjed imur għall-kultura, l-għajnuna soċjali u tas-saħħa, l-edukazzjoni u r-riċerka, il-wirt storiku artistiku, is-sostenibbiltà ambjentali, eċċ., u fil-każ tal-banek tat-tfaddil id-dividend soċjali jirrappreżenta diversi biljuni ta' euro kull sena.

⁽²⁾ Redesigning the Contours of the Future Financial System, IMF staff position note, 16 ta' Awwissu 2010 (SPN/10/10).

⁽³⁾ Banco de España: Cooperative and savings banks in Europe: Nature, challenges and perspectives, April 2011; Assoċjazzjoni Ewropea tal-Banek Kooperattivi: EACB answer to the Green Paper on territorial cohesion turning territorial diversity into strength, Frar 2009; WSBI-ESBG: 200 years of savings banks: a strong and lasting business model for responsible, regional retail banking, Settembru 2011; KESE: L-ekonomija soċjali fl-Unjoni Ewropea, 2014.

⁽⁴⁾ ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22.

⁽⁵⁾ Castelló, E.: El liderazgo social de las cajas de ahorros. (It-tmexxija soċjali tal-banek tat-tfaddil). FUNCAS, Madrid 2005.

4.3. Minħabba l-bżonn li jinholq valur għall-ekonomiji lokali, l-approċċ *stakeholder value* (STV) qiegħed isir dejjem aktar importanti. B'mod konkret, l-ibankjar soċjali jiffaċilita l-inklużjoni finanzjarja u l-koeżjoni territorjali, waqt li jitħeġġu l-intraprenditorija u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' crowdfunding u ta' investment soċjalment responsabbli.

4.4. Il-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil jaqdu rwol rilevanti bħala intermedjarji tal-istrumenti u l-programmi tal-UE. Il-KESE jemmen li l-banek kooperattivi iżgħar għandu jkollhom aċċess aktar faċli għar-rwol intermedjarju tal-istrumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew ta' Investment (BEI) u tal-Fond Ewropew ta' Investment (FEI), billi jiġu ssemplifikati r-rekwiżiti amministrattivi, kwistjoni importanti sabiex jitwettaq il-Pjan Juncker. Huwa wkoll vitali li jkunu jistgħu jsaħħu r-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva għan-negozju soċjali.

5. L-effetti tar-ristrutturazzjoni fis-settur tal-ibankjar soċjali

5.1. Fl-Ewropa fl-aħħar snin, il-banek tat-tfaddil għaddew minn ristrutturazzjoni intensa, u dan wassal biex f'xi pajjiżi tinbidel in-natura tagħhom ta' fundazzjoni.

5.2. Sussegwentement, minħabba l-kriżi finanzjarja globali, kien hemm proċessi ta' salvataġġ u riorganizzazzjoni, mergers u akkwisti, nazzjonalizzazzjonijiet u, fil-każ tal-banek tat-tfaddil ta' Spanja, konsolidazzjoni f'banek kummerċjali.

5.3. Il-problemi tal-governanza korporattiva, żieda fir-rekwiżiti tar-regolazzjoni finanzjarja l-ġdida u l-bżonn li jiġi aġġustat id-daqs tas-settur għal suq dejjem jonqos wasslu għal ċerti fenomeni ta' konċentrazzjonijiet fis-settur bankarju. Filwaqt li huwa diffiċli li dawn l-entitajiet jiġu internazzjonalizzati biex jikbru fid-daqs, il-KESE jenfasizza li t-teħid tar-riskji jista' jkun akbar fil-kumpaniji multinazzjonali.

5.4. Fl-estrem l-ieħor, abbażi tar-rapport tal-2012 tal-Grupp Liikanen u sabiex jiġu indirizzati l-problemi li l-banek li huma "wisq kbar biex ifallu" joħlqu għall-kontribwenti, il-Kummissjoni pproponiet regolament dwar miżuri strutturali sabiex tiżdied ir-reżiljenza tal-entitajiet tas-self tal-UE. Il-KESE diġà ħareġ opinjoni ⁽⁶⁾ dwar dan id-dokument, li ġiet adottata b'maġġoranza kbira.

5.5. Xi wħud mill-artikoli ta' din il-proposta għal Regolament jipprovdu eċċezzjonijiet għar-rekwiżiti tal-kapital u drittijiet tal-votazzjoni fil-każ ta' kooperattivi u banek tat-tfaddil, b'rikonoxximent tal-istruttura ekonomika u s-sjieda speċifika tagħhom.

5.6. Il-KESE jqis li ċerti regoli dwar is-separazzjoni bejn il-bank kummerċjali u bank ta' investment jistgħu jxekklu s-sistema ta' tħaddim tal-banek lokali ta' daqs iżgħar u l-preżenza tagħhom ta' kuljum fit-territorju sabiex tiġi megħjuna l-ekonomija reali u, għalhekk, jirriżultaw sproporzjonati.

5.7. Il-konsegwenzi ta' tali bidliet mhumiex newtrali għaċ-ċittadin Ewropew: dawn iwasslu għal tnaqqis fil-kapaċità (uffiċċji u ferġhat), bl-impatt fuq l-impjieg u l-finanzjament għall-familji u l-SMEs.

5.8. Fil-qosor, il-KESE jqis li mingħajr ċerta flessibbiltà sabiex jitwettqu r-rekwiżiti regolatorji l-ġodda, hemm ir-riskju li l-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil jiġu kkonsolidati f'banek kummerċjali u, b'konsegwenza, jitilfu n-natura speċjali tagħhom, b'tali mod li s-soċjetà titlef ass soċjali prinċipali li nbena matul diversi sekli.

6. Għażliet strateġiċi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-futur

6.1. Il-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil ikkontribwixxew sabiex is-sistema bankarja Ewropea tingħata l-istabbiltà, is-solvenza u l-kompetenza. Madankollu, ir-rekwiżiti ġodda tas-suq iwasslu sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin:

- konsolidazzjoni tal-mudell ta' bank lokali bl-imnut,
- teħid ta' aktar passi fil-kuntest tal-kooperazzjoni intraprenditorjali,
- titjib tas-sistemi interni tagħhom relatati mal-ġestjoni tar-riskji,
- adattar għall-miżuri regolatorji, ta' superviżjoni u ta' reżiljenza ġodda,
- żieda fil-professjonalità tal-manigġers tagħhom,

⁽⁶⁾ ĠU C 451, 16.12.2014, p. 45.

- tisħiħ tal-effiċjenza fil-ġestjoni,
- protezzjoni tal-livell tagħhom ta' kapital sabiex tiġi evitata l-insolvenza, u
- promozzjoni tat-trasparenza u l-governanza korporattiva tajba.

6.2. Il-kapital li ġej mir-relazzjonijiet huwa ass intanġibbli ta' importanza kbira fil-kummerċ bankarju, u għalhekk l-entitajiet finanzjarji tal-ekonomija soċjali għandhom jagħmlu użu tajjeb min-netwerks tagħhom ta' kuntatt u ta' appoġġ intern. Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet finanzjarji għandhom jirrikonoxxu l-valur ta' dawn il-fondi ta' solidarjetà bejn il-kooperattivi meta japplikaw l-istandards prudenzjali.

6.3. Bl-istess mod għandhom iżommu għajnejhom fuq il-livelli ta' inadempjenza, is-sitwazzjonijiet ta' inċertezza li ġejjin mir-riskji ġeopolitiċi u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi (Aġenda Diġitali) li joħlqu ekosistema ġdida għas-sistema finanzjarja fejn jeħtieġ li jiġu osservati l-interazzjonijiet futuri ta' erba' partijiet interessati: l-ibbankjar tradizzjonali, l-atturi diġitali l-ġodda, ir-regolatur u l-konsumaturi.

6.4. Jeħtieġ li jikkombinaw is-saħħa tagħhom bħala mudell ta' qrubija (mill-għarfien tal-persuni u l-impenn tagħhom sal-proġetti Komunitarji) mal-użu tal-ICT, sabiex jiġu appoġġjati inizjattivi ġodda favur l-irkupru tal-ekonomija produttiva.

6.5. Jeħtieġ li jtejbu l-governanza korporattiva tagħhom, waqt li jinkorporaw strutturi adegwati ta' taħriġ, ġestjoni u kontroll tal-attività. B'mod konkret għandhom jiġu stabbiliti kodiċijiet stretti ta' mġiba biex jiġu żgurati l-professjonaliżmu u l-etika fir-rappreżentanza diversa fil-korpi governattivi.

6.6. Il-KESE jipproponi li jinholq mudell ġdid ta' superviżjoni interna tal-banek tat-tfaddil u tal-kooperattivi li jintegra lill-impjegati, lir-rappreżentanti tal-SMEs u lil gruppi oħra ta' interess.

6.7. Jeħtieġu jindirizzaw l-isfida l-ġdida ta' kompetizzjoni mhux bankarja – li tindirizza l-ħtiġijiet ġodda taċ-ċittadini – sabiex ikunu jistgħu jikbru flimkien u jstabbilixxu alleanzi mal-pjattaformi tal-crowdfunding u l-applikazzjonijiet ta' konsum kollaborattiv.

7. Titjib tar-reżiljenza u s-superviżjoni tal-ibbankjar Ewropew

7.1. Il-KESE jappella għall-ikkompletar tas-sistemi ta' regolazzjoni u superviżjoni finanzjarja, filwaqt li l-entitajiet finanzjarja għandhom jingħataw biżżejjed kapaċità sabiex jirreżistu għal kriżijiet futuri.

7.2. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea adottat regolament iddelegat ⁽⁷⁾ li, abbażi tal-abbozzi ta' standards tekniċi tal-Awtorità Bankarja Ewropea, jirregola l-aspetti relatati mar-rekwiżiti ta' fondi proprji waqt li jitqies li l-istrumenti ta' kapital tal-kooperattivi u l-banek tat-tfaddil huma differenti. Il-kwistjonijiet relatati mal-limitu tar-rimborż tal-istrumenti ta' kapital tal-ewwel livell fil-każ tal-kooperattivi għandhom rilevanza partikolari.

7.3. Pilastru bażiku ieħor sabiex titlesta l-unjoni bankarja huwa l-“mekkaniżmu superviżorju uniku” u l-ġestjoni tal-fond stabbilit sabiex jitħallas kwalunkwe salvataġġ tal-banek (bank bailout). Fil-fehma tal-KESE, dan l-istrument ser isaħħaħ il-mod kif l-ibbankjar jirrispondi quddiem kriżijiet futuri ⁽⁸⁾.

7.4. Minħabba l-bżonn li jinqasam ir-riskju, il-KESE jaqbel li meta jkun qiegħed jiġi determinat il-kontribut ta' kull entità għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-Banek tal-futur, jeħtieġ li jitqies il-mudell ta' riskju tiegħu. Huwa jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni sabiex jiġu applikati b'mod adatt l-indikaturi stabbiliti mid-Direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽⁹⁾. Min-naħa tiegħu, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon li tqieset l-appartenenza f'sistema istituzzjonali ta' protezzjoni ⁽¹⁰⁾.

⁽⁷⁾ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 tas-7 ta' Jannar 2014.

⁽⁸⁾ ĠU C 67, 6.3.2014, p. 58

⁽⁹⁾ Ara d-Direttiva 2014/59/UE.

⁽¹⁰⁾ Ara r-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/63 tal-Kummissjoni Ewropea.

7.5. F'dan ix-xenarju finanzjarju l-għdid, il-KESE jappella għal impuls awtentiku tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-etika u t-trasparenza fil-finanzi u sforz pedagoġiku tal-korpi regolatorji sabiex titjieb il-kultura finanzjarja ⁽¹¹⁾, b'mod partikolari fir-rigward tal-formoli tal-ekonomija soċjali, li sal-lum għadhom mhux magħrufa. F'dan ir-rigward huwa importanti li n-netwerks li jirrappreżentawhom – l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Banek Kooperattivi (EACB), il-Federazzjoni Ewropea ta' Banek Etiċi u ta' Banek Alternattivi (FEBEA) u l-Grupp Ewropew tal-Banek tat-Tfaddil (ESBG) – ikunu involuti aktar u jkunu aktar viżibbli.

7.6. Fil-fehma tal-KESE huwa pożittiv ħafna li qegħdin jifasslu strumenti finanzjarji ġodda li jtejbu l-governanza attwali, iżda jeħtieġ li meta jiġu regolati ma tintesiex id-diversità tal-atturi finanzjarji involuti. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu stabbli waqt li jiġi llimitat l-piż għall-entitajiet finanzjarji b'inqas riżorsi. Fil-qosor dan iwassal għal leġislazzjoni aħjar.

8. Tisħiħ tal-mudell ta' bankjar soċjalment responsabbli

8.1. Ir-ristawr tan-nisġa produttiva, it-tisħiħ tal-ekonomiji lokali u l-indirizzar tal-problemi soċjali għandhom ikunu prijoritajiet għall-UE. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-istituzzjonijiet, permezz ta' fora ta' djalogu permanenti, sabiex isaħħu l-mudelli bankarji li jankraw is-sistema finanzjarja fl-ekonomija reali u b'hekk ir-reġjuni jkollhom l-istabbiltà u r-rikkezza.

8.2. It-tendenza lejn l-użu ta' banek dejjem aktar kbar, minħabba l-proċessi ta' ristrutturazzjoni, toħloq tħassib minħabba r-riskju sistematiku li ġgħib magħha. B'konsegwenza, il-KESE jappella li jkun hemm ritorn għall-kummerċ tradizzjonali (*back to basics*) fil-kuntest ta' divrenzjar bejn l-entitajiet li jispeċjalizzaw fl-ibbankjar kummerċjali u dawk li jikkombinaw l-iżvilupp tal-kummerċ tagħhom mal-ibbankjar tal-investment. L-esperjenza wriet li d-diversità, it-tixrid u l-kondiviżjoni tar-riskji huma tajbin għas-sistema finanzjara Ewropea.

8.3. Il-vitalità u l-iżvilupp tal-kooperattivi u tal-banek tat-tfaddil jistrieħu fuq il-ġestjoni demokratika u l-libertà li ttieħed deċiżjoni b'mod responsabbli dwar l-eċċess (surplus) tagħhom. It-tisħiħ tal-intermedjazzjoni finanzjarja għas-servizz tal-ekonomija reali jiggarantixxi li din tkompli fil-futur, b'konformità mal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti sal-2015 u d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2012 dwar il-kooperattivi.

8.4. Għalhekk, il-banek tat-tfaddil u l-kooperattivi jistħoqqilhom trattament speċifiku meta jiġu applikati l-istandards prudenzjali, peress li dawn l-entitajiet jipprovdur l-mudell bankarju li qed jitolbuċ-ċittadini Ewropej, li huwa bbażat fuq ġestjoni responsabbli u solidali ⁽¹²⁾, li hi msejsa fuq il-prinċipji u l-valuri tal-ekonomija soċjali.

Brussell, it-18 ta' Frar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹¹⁾ ĠU C 318, 29.10.2011, p. 24.

⁽¹²⁾ ĠU C 100, 30.4.2009, p. 84.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tneħħija għalkollox tal-asbestos mill-UE”

(2015/C 251/03)

Rapporteur: Aurel LAURENȚIU PLOSCEANU**Korelatur: Enrico GIBELLIERI**

Nhar it-8 ta' Lulju 2014, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

“It-tneħħija għalkollox tal-asbestos mill-UE”

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Jannar 2015.

Matul il-505 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta' Frar 2015 (seduta tat-18 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'162 vot favur, 5 voti kontra u 10 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. It-tneħħija għalkollox tal-asbestos kollu użat u tal-prodotti kollha li jkun fihom l-asbestos għandha tkun mira prijoritarja tal-Unjoni Ewropea. Il-pjani ta' azzjoni huma kwistjoni għall-Istati Membri iżda l-UE għandha tikkoordina. F'dan ir-rigward, il-KESE jħeġġeġ lill-UE taħdem flimkien mal-imsieħba soċjali u ma' partijiet interessati oħra fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali biex jiżviluppaw u jaqsmu bejniethom pjani ta' azzjoni għat-tneħħija u l-ġestjoni tal-asbestos. Dawn il-pjani għandhom jinkludu: l-edukazzjoni u l-informazzjoni; it-taħriġ għall-impjegati fiċ-ċivil; it-taħriġ nazzjonali u internazzjonali; il-programmi għall-iffinanzjar tat-tneħħija tal-asbestos; kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar it-tneħħija tal-asbestos u l-prodotti li fihom l-asbestos (anke waqt it-tneħħija mill-bini), faċilitajiet pubbliċi u impjanti fejn qabel kien hemm fabbriki tal-asbestos; it-tindif ta' bini u installazzjonijiet preżenti fil-bini, bil-għan li jitneħħa l-asbestos u kull irdim li jkun fih l-asbestos; il-monitoraġġ tal-effettività tal-esiġenzi legali eżistenti; valutazzjonijiet tal-esponiment ta' persunal friskju u l-protezzjoni tas-saħħa.

1.2. Għadd ta' Stati Membri żviluppaw reġistri ta' bini li fih l-asbestos. L-Istati Membri l-oħra għandhom jitħeġġu jiżviluppaw reġistri bħal dawn, li għandhom iservu biex jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji tal-asbestos għall-ħaddiema u għal min iħaddem qabel ma jitwettqu xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, u jikkomplementaw il-protezzjoni eżistenti tas-saħħa u tas-sikurezza meħtieġa skont il-liġi tal-UE. Ir-reġistrazzjoni tista' tibda fil-livell lokali għall-bini pubbliku u l-infrastruttura pubblika.

Sal-lum il-ġurnata, il-Polonja biss stabbilixxiet pjan ta' azzjoni bl-appoġġ finanzjarju meħtieġ, bil-għan li jitneħħew ir-riżorsi kollha eżistenti tal-asbestos⁽¹⁾.

1.3. L-għan huwa li l-asbestos kollu jitneħħa qabel tmiem l-2032. Fuq il-bażi ta' dan il-mudell, l-Unjoni Ewropea għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri jniedu pjani speċifiċi ta' azzjoni u pjani direzzjonali flivelli differenti: lokali, reġjonali u nazzjonali. F'dan ir-rigward, huwa ta' importanza kbira wkoll l-infurzar tar-regolamenti dwar l-asbestos fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Fil-livell Ewropew, il-Kumitat Għoli tal-Ispettorati tax-Xogħol (Senior Labour Inspectors' Committee – SLIC), u l-ispettorati tax-xogħol fil-livell nazzjonali, jistgħu jaqdu rwol importanti biex jiżguraw li dan jinkiseb.

1.4. L-eżempju Pollakk jgħallimna l-importanza kruċjali li jkun hemm fondi pubbliċi biżżejjed għat-tneħħija tal-asbestos. Fil-fehma tagħna, it-tneħħija organizzata u strutturata tal-asbestos hija wkoll tip ta' titjib tal-iżvilupp reġjonali u t-titjib tal-infrastruttura ta' dawn ir-reġjuni. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkunsidra l-possibbiltà li tagħti aċċess għall-fondi strutturali tagħha espliċitament għall-pjani favur it-tneħħija tal-asbestos.

1.5. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea twettaq studju tal-approċċi u s-sistemi nazzjonali eżistenti għar-reġistrazzjoni tal-asbestos kif ukoll il-finanzjament tagħhom.

⁽¹⁾ Il-Ministeru Pollakk tal-Ekonomija; Programm għat-Tnaqqis tal-Sbestos fil-Polonja 2009-2032 – Anness għar-Riżoluzzjoni Nru 39/2010 tal-Kunsill tal-Ministri tal-15 ta' Marzu 2010.

1.6. Il-miżbljet għall-iskart tal-asbestos huma biss soluzzjoni temporanja għall-problema li, b'dan il-mod, qed titħalla f'idejn il-ġenerazzjonijiet futuri, peress li meta jgħaddi ż-żmien ikun prattikament impossibbli li jinqerdu l-fibri tal-asbestos. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tippromovi sistemi għad-distruzzjoni tal-prodotti li jkun fihom l-asbestos (sistema bħall-plasma torches, il-pirogassifikazzjoni, eċċ.), b'referenza għall-aqwa mezzi tekniċi disponibbli. Għandhom jittejjeg r-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu implimentati teknoloġiji sostenibbli għall-ipproċessar u n-newtralizzazzjoni tal-iskart li jkun fih l-asbestos sabiex b'mod sigur jiġi riċiklat, użat mill-ġdid u tonqos il-frekwenza li biha jintrema fil-miżbljet. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi miżuri effettivi sabiex tiġi evitata l-prattika perikoluża tar-rimi tal-iskart tal-asbestos fil-miżbljet li huma allokati għall-iskart tal-kostruzzjoni ġenerali.

1.7. Il-finanzjament tal-UE u l-inċentivi tal-Istati Membri favur livell ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija fil-bini għandhom jintrabtu mat-tneħħija sigura tal-asbestos minn dan il-bini. Filwaqt li huwa minnu li l-UE żviluppat politika ambizzjuża għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u d-Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija hija mistennija li tistabbilixxi strateġija fit-tul f'kull Stat Membru għar-rinnovazzjoni tal-bini, din il-politika mhijiex marbuta ma' strateġiji għat-tneħħija tal-asbestos. Hija rakkomandata bil-qawwa taħlita bħal din, li tkun ifformulata f'politika konsistenti tal-UE li tintegra l-oqsma rilevanti ta' politika.

Kull xorta ta' pjan ta' azzjoni għat-tneħħija tal-asbestos għandu jikkunsidra l-kwalifiki tal-partijiet interessati kollha involuti fil-ħidma/fl-azzjoni. Dan jikkonċerna lill-ħaddiema u l-intrapriżi, il-koordinaturi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, kif ukoll lill-ispetturi tax-xogħol, il-konsulenti, dawk li jħarrġu, min iħaddem u oħrajn. Hemm bżonn kbir u huwa rakkomandat ħafna li ssir ċertifikazzjoni tal-kapaċità tal-intrapriżi li jkunu involuti f'dawn il-pjani ta' azzjoni.

1.8. It-tneħħija sigura tiddependi ħafna minn ħaddiema mħarrġa ta' żewġ kategoriji: dawk li jaħdmu f'intrapriżi speċjalizzati, u dawk fi professjonijiet u xogħol li jiġu f'kuntatt mal-asbestos aċċidentalment.

Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni, bil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, biex tipprovi l-appoġġ meħtieġ favur azzjonijiet u inizjattivi bil-għan li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema kollha tal-UE, fid-dawl tal-fatt li l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, li jimpjegaw il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema Ewropej, huma esposti b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza. L-għoti ta' taħriġ siewi huwa kruċjali f'dan ir-rigward.

1.9. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-imsieħba soċjali u ma' partijiet interessati oħrajn, tfassal programmi u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji relatati mal-asbestos u l-ħtieġa ta' taħriġ adegwat għall-persunal li aktarx ikun affettwat mill-ACMs, b'konformità mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2009/148/KE, u biex ittejjeb l-informazzjoni dwar leġislazzjoni eżistenti dwar l-asbestos u tipprovi gwidi prattiċi dwar kif wieħed jikkonforma magħha, inklużi ċ-ċittadini tal-UE.

1.10. Il-leġislazzjoni tal-UE għandha tirrifletti wkoll u tadotta l-aħħar riżultati fil-qasam tax-xjenza u r-riċerka medika. Riċerka reċenti skopriet ukoll li anke esponiment baxx ħafna u perjodu twil ħafna li matulu l-mard ikun mistur jistgħu jwasslu għall-mesoteljoma u l-kanċer tal-pulmun. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni temenda r-Rakkomandazzjoni 2003/670/KE sabiex tirrifletti l-progress miksub mir-riċerka medika u tinkludi l-kanċer tal-larinġi u tal-ovarju bħala mard relatat mal-asbestos.

1.11. Għandu jiġi żgurat li fil-livell tal-Istati Membri, il-każijiet kollha ta' asbestożi, mesoteljoma u mard ieħor relatat mal-asbestos jiġu rreġistrati permezz ta' ġbir sistematiku ta' data dwar mard okkupazzjonali u mhux okkupazzjonali marbut mal-asbestos, li l-plakek plewriċi jiġu kategorizzati u uffiċjalment rreġistrati bħala mard relatat mal-asbestos, u li tiġi żgurata, bl-għajjn ta' osservatorji dedikati, mappa affidabbli tal-preżenza tal-asbestos. Il-persunal mediku jeħtieġ taħriġ adatt sabiex kulħadd ikun jista' jaqdi dmirijietu u jagħmel dijanjożi ġusta.

1.12. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE jxerrdu, jew jappoġġjaw, it-tixrid tal-aqwa prattiki dwar linji gwida u prattiki fil-livell nazzjonali li jirrigwardaw il-proċeduri nazzjonali għar-rikonoxximent tal-mard relatat mal-asbestos.

1.12.1. B'mod partikolari, jeħtieġ li jittejjeb ir-rwol attiv tal-vittmi fil-proċeduri ta' rikonoxximent. Jeħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ legali, finanzjarju u personali biex ikollhom aċċess għall-informazzjoni meħtieġa. Għandhom jiġu organizzati assoċjazzjonijiet tal-vittmi tal-asbestos. B'hekk, ikun jista' jitnaqqas il-piż personali li jgħorru b'rabta ma' dawn il-proċeduri ta' rikonoxximent, li dejjem iżid it-tbatija tagħhom relatata mal-marda.

Għalhekk, il-KESE:

- jitlob lill-korpi tal-assigurazzjoni u tal-kumpens jadottaw approċċ komuni għar-rikonoxximent u l-kumpens għall-mard okkupazzjonali marbut mal-asbestos;
- jitlob biex il-proċeduri ta' rikonoxximent jiġu ssemplifikati u ffaċilitati;
- jirrikonoxxi li, minħabba l-perjodi twal ta' kemm il-mard idum mistur, il-vittmi tal-asbestos sikwit ma jkunux jistgħu jissostanzjaw il-kawżalità tal-esponiment tagħhom għall-asbestos fuq ix-xogħol;
- jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja konferenzi li jipprovdu lill-gruppi tal-vittmi tal-asbestos pariri professjonali, u li jipprovdu appoġġ għall-membri tagħhom.

1.12.2. Fl-aħħar nett, il-KESE jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea, bil-kooperazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), pajjiżi terzi u korpi internazzjonali oħra, jippromovu livelli għolja ta' saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol madwar id-dinja kollha, pereżempju billi jidentifikaw problemi relatati mal-asbestos u jippromovu soluzzjonijiet li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tas-saħħa; huwa jitlob ukoll informazzjoni u appoġġ aħjar għall-vittmi tal-mard relatat mal-asbestos.

1.12.3. Fid-dawl tal-importanza kbira tal-kwistjoni, il-KESE/is-CCMI ser jippreżentaw din l-opinjoni f'konferenza organizzata b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kummissjoni Ewropea.

2. Introduzzjoni

2.1. Minkejja l-projbizzjoni tal-asbestos fl-Ewropa kollha ⁽²⁾ (fl-1999, bil-għan li tiġi implimentata sal-2005), l-asbestos għadu qed joqtol lin-nies fl-Ewropa. Minkejja li t-tipi kollha tal-asbestos huma perikolużi, u l-impatt dannuż tiegħu ġie dokumentat u huwa soġġett għar-regolamenti, u minkejja l-projbizzjoni fuq l-użu tal-asbestos, xorta waħda għadu jinsab f'haġna bastimenti, ferroviji, makkinarju, bunkers, mini, galleriji, pajpijiet taħt l-art ta' networks tal-ilma kemm pubbliċi kif ukoll privati u speċjalment fil-bini, inkluż bosta bini pubbliki u privat.

2.2. Skont il-WHO, kull sena jiġu rreġistrati bejn 20 000 u 30 000 każ ta' mard relatat mal-asbestos fl-UE biss, u li fl-UE aktar minn 300 000 ċittadin huma mistennija li jmutu kaġun tal-mesoteljoma sal-2030 ⁽³⁾. Huwa stmat ukoll li fid-dinja kollha 112 000 persuna jmutu kull sena kaġun ta' mard relatat mal-asbestos ⁽⁴⁾.

2.3. Il-projbizzjoni tal-asbestos fl-Ewropa kollha ⁽⁵⁾ (stabbilita fl-1999, bil-għan li tiġi implimentata sal-2005) u s-sorveljanza eżistenti tas-suq ma jiżgurawx li l-prodotti li fihom l-asbestos ma jiġux impurtati fis-suq Ewropew. Dan il-fatt jikkonċerna firxa wiesgħa ta' prodotti, fosthom materjal tal-bini, apparat elettrodomestiku, firrodi għall-brejks tal-karozzi jew termsijiet. Abbażi tal-approċċ il-ġdid għas-Sorveljanza tas-Suq Ewropew ⁽⁶⁾, l-UE tista' tiegħu passi kontra l-prodotti li fihom l-asbestos.

2.4. Fil-livell tal-UE, hemm sett komprensiv ta' leġislazzjoni dwar l-asbestos rigward kwalunkwe projbizzjoni, il-valuri limitu u l-protezzjoni tal-ħaddiema. Minbarra l-projbizzjoni li jsir użu u kummerċjalizzazzjoni tal-asbestos, ġew stabbiliti valuri limitu, u direttiva speċifika tal-UE tirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol ⁽⁷⁾, filwaqt li ċ-ċertifikazzjoni tal-intrapriżi u l-informazzjoni u t-taħriġ tal-ħaddiema huma obbligatorji. Madankollu, sikwit id-dispożizzjonijiet tal-UE jkunu ġenerali haġna u jwasslu għal implimentazzjoni diverġenti. Barra minn hekk, għadhom neqsin aspetti bħal dispożizzjonijiet speċifiċi għal-livelli ta' taħriġ għall-funzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet differenti dwar ir-reġistrazzjoni tas-sorsi tal-asbestos.

2.5. Hawnhekk, jeħtieġ insemmu li rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew, li ġie adottat f'Marzu 2013 ⁽⁸⁾, jiddeskrivi b'mod komprensiv il-problemi differenti u l-oqsma ta' politika relatati mal-kwistjoni tal-asbestos u jelenka 62 talba speċifika li saru lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell Ewropew u dak nazzjonali.

⁽²⁾ Direttiva 1999/77/KE.

⁽³⁾ <http://www.who.int/mediacentre/factsheets/fs343/en/>

⁽⁴⁾ <http://www.efbww.org/pdfs/Presentation%20Mr%20Takala.pdf>

⁽⁵⁾ Direttiva 1999/77/KE.

⁽⁶⁾ [http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2013:0075:FIN:EN:PDF; COM\(2013\)75 final, l-Artikolu 12 b'mod partikolari \(disponibbli bil-Malti hawnhekk: http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=MT&f=ST%205890%202013%20INIT\)](http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2013:0075:FIN:EN:PDF; COM(2013)75 final, l-Artikolu 12 b'mod partikolari (disponibbli bil-Malti hawnhekk: http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=MT&f=ST%205890%202013%20INIT))

⁽⁷⁾ Direttiva 83/477/KEE tad-19.9.1983, kif emendata mid-Direttiva 91/382/KE tal-25.6.1991 u emendata mid-Direttiva 98/24/KE tas-7.4.1998.

⁽⁸⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2013 dwar "Theddid għas-saħħa okkupazzjonali marbut mal-asbestos u prospettivi għall-eliminazzjoni tal-asbestos eżistenti kollu" (2012/2065/INI).

2.6. Illum il-ġurnata, jeħtieġ li niffaċċjaw il-fatt li l-produzzjoni annwali tal-asbestos fid-dinja għadha fl-istess livell għoli, minkejja li bosta pajjiżi pprojbixxew l-użu tiegħu. Il-kummerċ u l-użu tal-asbestos sempliċement ghaddeu mill-pajjiżi industrijalizzati għal dawk emerġenti. Il-kummerċ dinji fl-asbestos għaddej 'il quddiem ġmielu u għandu l-appoġġ tal-attività b'saħħitha ta' lobby internazzjonali tal-asbestos, li juża wkoll riċerka kompjaċenti minn ċerti xjenzjati fil-propaganda tiegħu. Għandu jiġi osservat ukoll f'dan ir-rigward li l-investment finanzjarju Ewropew fl-industrija globali tal-asbestos għadu għaddej. L-Ewropa qiegħda wkoll tissokta bl-esportazzjoni tal-asbestos, billi tibgħat bastimenti għar-ruttam lejn inħawi oħra tad-dinja. Jeħtieġ li nosservaw ukoll li l-bastimenti li jgħorru l-asbestos bħala merkanzija fi tranżitu għadhom jitrakkaw u jużaw il-faċilitajiet tal-port jew il-ħżin temporanju fl-UE.

2.7. Huwa ta' importanza kruċjali li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi fl-istess livell dinji fir-rigward tal-asbestos u f'dan ir-rigward l-UE għandha taqdi rwol deċiżiv sabiex jiġi pprojbit l-użu ta' kull tip ta' asbestos madwar id-dinja. F'dan ir-rigward, l-Ewropa tista' tipprovdi l-għarfien tagħha lil reġjuni oħra tad-dinja dwar l-effetti tal-asbestos fuq is-saħħa, kif jista' jiġi sostitwit minn materjali oħrajn u t-tneħħija sigura tal-asbestos. Jinħtieġ kontribut iżjed qawwi mill-UE fl-istituzzjonijiet internazzjonali sabiex jiġu introdotti strumenti ġodda li jidentifikaw is-suq tal-asbestos bħala kummerċ tossiku u biex isir prijorità għolja l-ejenkar tal-asbestos tal-krisotil fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam⁽⁹⁾.

3. Żviluppi speċifiċi

3.1. Skont studju ppubblikat fl-2011⁽¹⁰⁾, proporzjon sostanzjali taż-żoni mibnija eżistenti fl-UE huma eqdem minn 50 sena. Iżjed minn 40 % tal-bini residenzjali nbena qabel is-sittinijiet. Bejn l-1961 u l-1990, perjodu li matulu l-istokk tad-djar fi kważi l-Istati Membri kollha rdoppja u iżjed, kien hemm żieda qawwija fil-bini u l-asbestos kien jintuża b'mod mifruk.

3.2. Skont l-istess studju, il-bini jikkonsma madwar 40 % tal-ħtiġijiet finali totali kollha marbuta mal-enerġija fl-Ewropa. Il-bini jirrappreżenta l-iżjed settur li jikkonsma, segwit mit-trasport bi 33 %. Fl-istess ħin, l-UE timpenja ruħha li tnaqqas bi 80-95 % l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2050 bħala parti mill-pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050⁽¹¹⁾.

3.3. Dan ifisser li r-rinnovazzjoni taż-żoni mibnija għandha kemm potenzjal sostanzjali għat-tisħiħ tal-prestazzjoni enerġetika tal-bini, u b'hekk jintlaħqu l-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-2050, kif ukoll opportunità unika għat-tneħħija tal-asbestos.

3.4. Madankollu, dan jitlob approċċ ikkoordinat u kooperazzjoni mill-qrib kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali f'dak li jirrigwarda politiki u skemi finanzjarji. Huma meħtieġa wkoll strumenti finanzjarji innovattivi sabiex jixprunaw l-investment privat.

3.5. Il-livell tal-UE huwa mistenni li jaqdi rwol ta' appoġġ u koordinazzjoni. Barra minn hekk, it-taħriġ tal-ħaddiema, ir-reġistrazzjoni u r-rikonossiment tal-mard relatat mal-asbestos huma l-koll oqsma ta' politika li jeħtieġ li jiġu kkoordinati aħjar.

4. Żviluppi fil-livell nazzjonali

4.1. Anke b'din il-projbizzjoni, għad hemm miljuni ta' tunnelli ta' asbestos fil-bini, u mhux l-Istati Membri kollha introduċew reġistri b'informazzjoni dwar fejn jinsab u dwar il-kwantità ta' asbestos li jeħtieġ li titneħħa. Għalhekk, ma jeżisti l-ebda punt tat-tluq adegwat għat-trattament adatt tar-riżorsi kollha tal-asbestos li għad fadal fl-Ewropa.

⁽⁹⁾ Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004 u l-għanijiet tagħha huma: li tippromovi responsabbiltà konġunta u sforzi kooperattivi fost il-Partijiet fil-kummerċ internazzjonali ta' ċerti kimiċi perikolużi għall-protezzjoni ta' saħħet il-bniedem u l-ambjent minn ħsara potenzjali; u li tikkontribwixxi għall-użu ambjentalment tajjeb ta' dawn il-kimiċi perikolużi, billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi tagħhom, billi tipprevedi proċess nazzjonali għat-tehdid tad-deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom u billi xxerred dawn id-deċiżjonijiet fost il-Partijiet.

<http://www.pic.int/TheConvention/Overview/TextoftheConvention/tabid/1048/language/en-US/Default.aspx>

⁽¹⁰⁾ BPIE (Buildings Performance Institute Europe), "Europe's buildings under the microscope", Ottubru 2011.

⁽¹¹⁾ Direttiva 2010/31/KE tas-17.5.2010.

4.2. Illum, il-Polonja hija l-uniku pajjiż tal-UE li stabbilixxa programm nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos eżistenti kollu stmat għal EUR 10 biljun sal-2030, b'perjodu ta' żmien ċar u l-finanzjament korrispondenti permezz ta' taħlita ta' mezzi pubbliċi (l-Istat, programmi tal-UE) u privati (is-sidien, l-assoċjazzjonijiet territorjali, eċċ.). Jeħtieġ li inizjattiva ta' dan it-tip titnieda fil-pajjiżi kollha tal-UE ⁽¹²⁾.

4.3. Fi Franza, 3 miljun unità ta' akkomodazzjoni soċjali minn stokk ta' 15-il miljun ġew identifikati li għandhom problemi relatati mal-asbestos u l-ispejjeż stmati għar-riabilitazzjoni meħtieġa huma ta' EUR 15-il biljun. L-ispiża stmata għal kull unità hija bejn EUR 15 000 u EUR 20 000. Il-ħidma ta' żvilupp dwar l-asbestos fit-torri ikoniku ta' Montparnasse f'Pariġi għandha tiġi osservata mill-qrib.

4.4. Fir-Renju Unit għaddeja kampanja biex jitneħħa l-asbestos mill-iskejjel kollha. Waħda mir-raġunijiet għall-kampanja hija r-rata oġhla ta' mesoteljoma fost l-għalliema fir-Renju Unit ⁽¹³⁾.

4.5. Fil-Litwanja, fl-2012 beda programm implimentat mill-Ministeru tal-Agricoltura għas-sostituzzjoni ta' soqfa tal-asbestos; l-applikanti huma raħħala u l-ammont massimu ta' appoġġ finanzjarju għall-proġett ma jistax jaqbeż il-LTL 6 000 (EUR 1 740). L-UE u l-baġit statali jappoġġjaw sa 50 % tal-ispejjeż kollha tal-proġetti eliġibbli.

5. Azzjonijiet ta' taħriġ

5.1. Waħda mill-problemi l-iżjed serji hija l-għarfien – u n-nuqqas ta' għarfien – dwar l-asbestos. Ħafna ħaddiema huma esposti għall-asbestos fix-xogħol tagħhom. Dan huwa minnu b'mod partikolari fis-setturi tal-manutenzjoni u d-dekontaminazzjoni, iżda hemm bosta oħrajn li potenzjalment jintlaqtu (is-saqqaqa, dawk li jaħdmu fid-dawl, dawk li jistallaw is-sistemi tat-tisħin, il-ħaddiema fil-qasam tar-riċiklaġġ, il-koordinaturi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, l-ispetturi tax-xogħol u bosta oħrajn). Il-leġislazzjoni fis-seħħ diġà tistabbilixxi obbligu għal min iħaddem sabiex jipprovdi taħriġ adattat għall-ħaddiema kollha li huma, jew li x'aktarx ikunu, esposti għat-trab tal-asbestos jew ta' materjali li fihom l-asbestos. Madankollu, minħabba l-projbizzjoni tal-użu tat-tipi varji ta' materjal, l-għarfien dwar il-perikli, il-karatteristiċi u l-apparenza viżiva qed jintilef ftit ftit. Filwaqt li ħafna Stati Membri pprovdew korsjijiet ta' taħriġ għall-ħaddiema involuti fit-twaqqiġ, il-bini u l-manutenzjoni, u għal oħrajn li jaħdmu fit-tneħħija tal-ACMs, għad ma hemmx biżżejjed standards li japplikaw fl-Ewropa kollha.

5.2. L-integrità fiżika hija dritt fundamentali tal-bniedem, minqux, fost l-oħrajn, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għandhom jiġu żviluppati politiki tal-UE biex jiproteġu dan id-dritt. L-ewwel u qabel kollox, dan jikkonċerna l-politiki dwar is-saħħa pubblika u dawk dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, iżda wkoll oqsma oħra ta' politika dwar l-esponiment potenzjali għall-asbestos u dwar kif għandu jiġi trattat l-asbestos.

5.3. Qasam ieħor ta' tħassib huwa l-għarfien adegwat min-naħa tal-ingeniera ċivili, il-periti u l-impjegati fintrapriżi li mhumiex speċjalizzati fit-tneħħija tal-asbestos. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' ħidma, flimkien mal-Istati Membri, biex tiżviluppa kwalifiki minimi speċifiċi għall-asbestos u ttiprovdi kwalifiki minimi speċifiċi għall-asbestos għat-taħriġ ta' dawn il-professjonijiet/ħaddiema.

5.4. L-imsieħba soċjali Ewropej mill-industrija tal-bini (FIEC [il-Federazzjoni tal-Industrija Ewropea tal-Bini] u EFBWW [il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema fis-Setturi tal-Bini u tal-Injam]) indirizzaw il-problema billi żviluppaw Moduli ta' Informazzjoni dwar l-Asbestos ⁽¹⁴⁾ għat-tieni kategorija ta' ħaddiema. Proġett ieħor iffinanzjat mill-UE (ABClean – proġett fil-qafas tal-programm Leonardo Da Vinci), lil hinn mill-qafas tad-djalogu soċjali, qed jiżviluppa xi materjal għall-korsjiet "ħarreġ lil min iħarreġ" ⁽¹⁵⁾.

⁽¹²⁾ Anness għar-Riżoluzzjoni Nru 39/2010 tal-Kunsil tal-Ministri tal-15 ta' Marzu 2010.

⁽¹³⁾ <http://www.asbestosexposureschools.co.uk/pdfnewslinks/INCREASING%20MESOTHELIOMA%20DEATHS%20AMONGST%20SCHOOL%20STAFF%20AND%20FORMER%20PUPILS%20%2017%20JAN%2015.pdf>

⁽¹⁴⁾ <http://www.efbww.org/default.asp?Issue=Asbestos&Language=EN> u: <http://www.fiec.eu/en/library-619/other-publications.aspx>

⁽¹⁵⁾ <http://www.abcleanonline.eu/Project.aspx>

6. Riżultat tas-seduta fuq skala żgħira

6.1. Hemm wisq persuni fl-Ewropa li qed isofru minn mard differenti relatat mal-asbestos. Il-biċċa l-kbira ta' dan il-mard huwa relatat max-xogħol iżda żgur mhux kollha. In-nisa tad-dar li kienu jnaddfu l-ħwejjeġ tax-xogħol tal-irġiel tagħhom kienu wkoll huma stess esposti għall-fibri tal-asbestos, l-istess kif kienu t-tfal tagħhom. Kampanja fir-Renju Unit skopriet li madwar 80 % tal-iskejjeż kollha għadhom ikkontaminati mill-asbestos. Din l-era tista' faċilment issir ġenerazzjoni oħra ta' vittmi tal-asbestos, l-iżjed fid-dawl tal-aħħar riċerka xjentifika dwar il-kwistjoni tal-livelli ta' esponiment/il-livelli ta' kemm ikun ilu mistur dan l-esponiment u l-iżvilupp tal-mard. Anke dożi baxxi ħafna ta' esponiment, jekk ikkombinati ma' perjodu twil fejn dan l-esponiment ikun mistur, jistgħu jwasslu għal mard differenti relatat mal-asbestos. Għalhekk, l-esponiment għall-asbestos huwa theddida għall-popolazzjoni iġenerali f'għadd ta' Stati Membri.

6.2. Barra minn hekk, u minħabba l-perjodu twil ta' kemm idum mistur u minħabba n-nuqqas ta' għarfien fost l-istaff mediku, il-vittmi sikwit ma jirċevux l-appoġġ u l-informazzjoni adatti u f'waqthom mingħand dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa.

6.3. Ir-rimi sigur tiegħu huwa aspett importanti ta' kull pjan favur it-tneħħija. Jekk dan l-aspett jiġi injorat, ikun hemm esponiment mhux mistenni. Pereżempju, fl-Isvizzera, l-ogħla esponiment għall-asbestos tkejjel fis-settur tar-riċiklaġġ.

6.4. Bil-għan li jiġu protetti ċ-ċittadini u l-ħaddiema, sorveljanza tas-suq li taħdem tajjeb hija prerekwiżit għall-prevenzjoni ta' materjal ġdid li jkun fiha l-asbestos milli jidħol fis-suq Ewropew.

6.5. Rigward in-natura letali ta' kull tip ta' asbestos, l-UE qed taġixxi skont bażi soda komuni. Id-Direttiva 1999/77/KE tiddikjara li "ebda livell ta' espożizzjoni għadu ma għie identifikat li taħtu l-asbestos tal-krisotil ma jimponix riskji karċinoġeniċi" u li "mod effettiv għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem huwa li jiġi projbit l-użu tal-fibri krisotili tal-asbestos u tal-prodotti li jikkontjenuhom".

6.6. Mard marbut mal-asbestos jista' u ħafna drabi jwassal għal mewta ta' tbatija kbira u li tiegħu fit-tul. Rapport tal-EUROGIP⁽¹⁶⁾ u r-rapport tal-EFBWW, l-ETUC u l-IBAS xeħtu dawl fuq is-sitwazzjoni tar-rikonoxximent u l-kumpens tal-mard relatat mal-asbestos kif inhi rregolata fl-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant⁽¹⁷⁾. Anke jekk huwa minnu li l-biċċa l-kbira tal-iżjed mard rilevanti relatat mal-asbestos huwa, fil-prinċipju, rikonoxxut fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ta' spiss jiġri li l-vittmi jkunu għadhom qed jiġġieldu għar-rikonoxximent tagħhom mingħajr suċċess.

Ir-rapporti msemmijin hawn fuq juru wkoll li d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri nazzjonali dwar ir-rikonoxximent u l-kumpens ivarjaw ħafna. Ta' spiss, ma jkunx hemm l-appoġġ u l-gwida li jeħtieġu l-vittmi.

Brussell, it-18 ta' Frar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

⁽¹⁶⁾ <http://www.eurogip.fr/en/publications-d-eurogip/130-asbestos-related-occupational-diseases-in-europe-recognition-statistics-specific-systems>

⁽¹⁷⁾ <http://www.efbww.org/default.asp?Issue=Asbestosdiseases=EN>

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u kif jistgħu jinkisbu l-għanijiet tagħha sal-2020”

(Opinjoni esploratorja fuq talba tal-Presidenza Latvjana)

(2015/C 251/04)

Relatur ġenerali: is-Sur BARÁTH

Fittra datata l-25 ta' Settembru 2014, is-Sur Rihards Kozlovskis, Aġent Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ministru għall-Intern tar-Repubblika tal-Latvja, talab lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ifassal opinjoni esploratorja dwar

“Il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u kif jistgħu jinkisbu l-għanijiet tagħha sal-2020”

Nhar l-14 ta' Ottubru 2014, il-Bureau tal-Kumitat ta' istruzzjonijiet lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Ewropa 2020 sabiex jipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-495 sessjoni plenarja tiegħu tat-18 u d-19 ta' Frar 2015 (seduta tat-19 ta' Frar) li jaħtar lis-Sur Baráth bħala relatur ġenerali u adotta din l-Opinjoni b'184 vot favur, 5 voti kontra u 6 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jaqbel mal-Presidenza Latvjana, u jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tar-reviżjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea. Il-KESE jappoġġja r-rabta diretta li saret bejn il-kompetittività Ewropea mtejba u l-inizjattiva ewlenija tal-“Aġenda Diġitali għall-Ewropa”⁽¹⁾, inklużi l-konsegwenzi enormi għall-industrija, is-suq tax-xogħol u s-soċjetà b'mod ġenerali, li ġew sottovalutati mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill. Is-sitwazzjoni teħtieġ viżjoni ġenerali fuq perjodu medju u fit-tul u sens akbar ta' responsabbiltà.

1.2. Il-miżuri suġġeriti f'din l-Opinjoni tal-KESE għandhom jgħinu biex jiġi żgurat li gradwalment, tul perjodu ta' bosta snin, l-Istrateġija Ewropa 2020 (u wara l-Ewropa 2030) tkun il-kunċett ċentrali li fuqu jkunu bbażati l-istrateġiji ekonomiċi, soċjali u territorjali tal-UE fit-tul, filwaqt li titqies il-firxa ta' sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri.

1.3. Il-kriżi finanzjarja kellha impatt kbir fuq l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, u dan ħoloq limitazzjonijiet u restrizzjonijiet f'termini tal-effettività, l-adegwatezza u l-leġittimità tal-għanijiet u l-mudell ta' governanza tagħha. B'mod ġenerali, l-UE issa hija ferm aktar 'il bogħod mill-għanijiet tal-Ewropa 2020 milli kienet fl-2010. L-istrateġija batiet minħabba l-kriżi.

1.4. Id-dettalji tas-sitwazzjoni attwali jistgħu jinsabu fl-istħarriġ maħruġ mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 u fl-Opinjoni tal-KESE⁽²⁾. L-Opinjoni fiha għadd ta' punti interessanti li għandhom jiġi kkunsidrati fir-rigward tal-bidliet progressivi li għandhom jiġu proposti għall-istrateġija riveduta. F'diversi okkażjonijiet, il-KESE jenfasizza li l-Ewropa m'għandhiex b'żonn strateġija kompletament ġdida, iżda għandha b'żonn strateġija ħafna aktar effikaċi.

1.5. Il-Kummissjoni l-ġdida, li bdiet il-mandat tagħha fil-ħarifa tal-2014, ippubblikat il-programm ta' ħidma tagħha intitolat “Bidu ġdid għall-Ewropa”⁽³⁾.

Il-KESE jaqbel mat-tliet pilastru tal-programm ta' ħidma:

- a. li tingħata spinta addizzjonali għall-irkupru tal-ekonomija Ewropea u għall-ħolqien tal-impjiegi;
- b. li tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul f'oqsma strateġiċi;

⁽¹⁾ Għall-“Aġenda Diġitali għall-Ewropa” jekk jogħġbok ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea <http://ec.europa.eu/digital-agenda/>

⁽²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “*Evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv*”, ĠU C 12, 15.1.2015, p. 105.

⁽³⁾ Għall-“Bidu ġdid għall-Ewropa” ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea <http://ec.europa.eu/digital-agenda/>

c. li jissaħħu l-kapital uman u l-infrastruttura fiżika tal-Ewropa, filwaqt li ssir enfasi fuq l-interkonnessjonijiet Ewropej.

1.6. Il-programm ta' ħidma l-ġdid jindirizza l-implimentazzjoni tal-għaxar linji gwida ta' politika li jikkostitwixxu l-prijoritajiet tal-President tal-Kummissjoni, Jean-Claude Juncker. Dan huwa aktar importanti meta jiġi kkusnidrat li bosta minn dawn il-prijoritajiet jappoġġjaw direttament l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020:

a. Pjan ta' Investiment għall-Ewropa ⁽⁴⁾, l-istabbiliment ta' fond Ewropew ġdid li jgħorr ir-riskju għall-investment strateġiku,

b. Pakkett ambizzjuż tas-suq uniku diġitali u

c. Passi inizjali lejn Unjoni tal-Enerġija.

1.6.1. Għandu jkun hemm viżjoni globali, flimkien ma' strateġija għall-implimentazzjoni tagħha, u informazzjoni mifruxa dwarha. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-pjan ta' investment għandhom ikunu marbutin ħafna aktar mill-qrib.

1.6.2. Il-KESE bħalissa qed jeżamina l'Opinjoni ⁽⁵⁾ sa liema punt il-Pjan ta' Investiment għandu jipatti għan-nuqqasijiet ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020, u l-istrumenti finanzjarji l-ġodda jżidu l-possibbiltà li jiġu implimentati l-għanijiet tagħha.

1.6.3. Il-KESE huwa favur it-titjib tal-pakkett dwar is-suq uniku diġitali ⁽⁶⁾, filwaqt li jieħu pass deċiżiv lejn l-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija diġitali tal-Istrateġija Ewropa 2020. L-iżgurar tal-ġejjieni diġitali tal-Unjoni Ewropea huwa wieħed mill-pilastri ewlenin li jappoġġja l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u li jiddetermina l-iżvilupp sostenibbli ta' soċjetà Ewropea li tirrispetta l-ambjent. Il-KESE jitlob miżuri sabiex iż-żieda konsiderevoli fl-applikazzjonijiet diġitali li jużaw in-nies fl-Ewropa jkollha impatt pożittiv anki fid-dinja tax-xogħol.

Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu għall-allokazzjoni ta' fondi biex ikopru n-nuqqas fil-finanzjament fl-espansjoni tan-netwerks diġitali u tal-broadband, kif ġie deċiż mill-Kunsill Ewropew fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020 ⁽⁷⁾.

1.6.4. Il-KESE jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu dwar il-promozzjoni ta' politika komuni Ewropea dwar l-enerġija, filwaqt li jitrawmu prinċipji bħall-adattament u t-tnaqqis tad-differenzi fil-prezzijiet tal-enerġija, it-titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq intern tal-enerġija, it-tnaqqis tad-dipendenza mill-enerġija minn pajjiżi li mhumiex fl-UE u l-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli.

2. Analiżi dwar l-effetti ewlenin fuq il-passi futuri sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020

2.1. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) ⁽⁸⁾ ippubblikat lejn l-aħħar tal-2014 iqis b'mod formali l-pjan ta' żvilupp il-ġdid, li huwa essenzjali għall-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea. L-għanijiet ewlenin tas-Semestru Ewropew, il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Istrateġija Ewropa 2020 fl-aħħar għandhom ikunu allinjati permezz ta' viżjoni fit-tul:

2.1.1. spinta koordinata għall-investment, ibbażat fuq il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa;

a. l-għan hu li jiġu żgurati tal-anqas EUR 315-il biljun f'finanzjament addizzjonali fil-livell tal-UE għall-investment fl-infrastruttura, fejn il-progress huwa mistenni jikseb benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostanzjali;

b. l-iżgurar li l-finanzjament jilħaq l-ekonomija reali;

⁽⁴⁾ Għall-"Pjan ta' Investiment", ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/priorities/jobs-growth-investment/plan/index_en.htm (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, ECO/374 (għandha mhix ippubblikata fil-ĠU).

⁽⁶⁾ Għall-"Pakkett dwar is-suq uniku diġitali" ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/digital-single-market-analysis-and-data> (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁷⁾ Matul in-negozjati dwar il-QFP, l-element tal-broadband tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tnaqqas bi EUR 8,2 biljun, u issa jammonta għal EUR 1 biljun biss.

⁽⁸⁾ Għall-"Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015", ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/europe2020/making-it-happen/annual-growth-surveys/index_mt.htm

c. it-titjib tal-ambjent tal-investment u

d. t-tisħiħ ta' sistema ta' kofinanzjament innovattiva;

2.1.2. impenn imġedded lejn ir-riformi strutturali;

2.1.3. il-ksib tar-responsabbiltà fiskali;

2.1.4. l-aħjar użu possibbli ta' flessibbiltà fir-regoli eżistenti; u

2.1.5. huwa essenzjali essenzjali li s-sistema ta' governanza tiġi simplifikata biex issir aktar effettiva u tiżdied ir-responsabbiltà komuni mill-Istati Membri u l-UE.

3. L-aġġustament tal-programmi operattivi, li tfasslu fuq il-bażi tal-ftehimiet ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, wasal biex jintemm. Peress li l-Programm "Bidu ġdid" bla dubju ser ikollu impatt fuq id-diversi programmi nazzjonali, f'termini kemm ta' għanijiet u strumenti, il-koordinazzjoni Ewropea li ġiet żviluppata s'issa għandha tissaħħa.

3.1. Ir-rilevanza, l-effiċjenza u l-effettività tal-mod kif jintużaw il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għandhom influwenza ewlenija fuq l-oqfsa għall-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u legali l-ġodda. Il-KESE jipproponi li tingħata ħarsa ġenerali lejn l-investimenti fil-programmi ta' infrastruttura u tal-iżvilupp ekonomiku appoġġjati mill-Fondi, u li dawn isiru konformi mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (European Fund for Strategic Investments – EFSI) ⁽⁹⁾.

3.2. It-tweġiq tal-għanijiet tal-Pjan ta' Investment u tal-Programm EFSI, iż-żieda tal-effett ta' lieva tal-fondi tal-UE 2014-2020 u l-irduppar tal-valur ta' strumenti finanzjarji innovattivi huma kruċjali biex jinkisbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

3.3. Il-KESE, il-KtR u l-Membri tal-Parlament Ewropew ippreżentaw għadd ta' possibbiltajiet li jippermettu li jsiru ċerti konċessjonijiet għal perjodu tranżizzjonali, sabiex jiżiedu r-riżorsi, bil-għan li tingħata spinta lill-investimenti tal-UE. Għandu jiġi kkunsidrat mod kif jista' jiġi eliminat il-kofinanzjament mill-Istati Membri tal-fondi strutturali użati għal investiment soċjali fuq perjodu twil (speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni) mill-kalkolu tad-defiċit mingħajr ma jinbidlu r-regoli, b'konformità mal-approċċ tal-Kummissjoni. Il-KESE jappoġġja d-diskussjoni li għaddejjja fil-Kummissjoni tal-UE dwar l-użu tal-hekk imsejħa "regola tad-deheb" fil-finanzjament, biex fil-kuntest tal-qafas tar-regoli fiskali tal-UEM, l-investimenti soċjali jiġu esklużi mill-kalkolu tad-defiċits pubbliċi netti ⁽¹⁰⁾.

3.4. Mil-lat finanzjarju, huwa importanti li jinstab approċċ komprensiv għat-tipi differenti ta' nefqa, bħas-sistema ta' kofinanzjament għan-netwerk trans-Ewropew ⁽¹¹⁾ u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ⁽¹²⁾, u l-investimenti nazzjonali kofinanzjati mill-EFSI. Dan irid jiġi ċċarat mill-Kummissjoni.

3.5. Fost l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, flimkien mat-titjib tal-kompetittività fit-tul, huwa importanti li l-Fondi Strutturali jiffokaw aktar fuq l-implimentazzjoni tal-programmi ambjentali jew dawk b'aspett uman. Dan għandu jippromovi wkoll l-iżvilupp sostenibbli ta' fatturi "lil hinn mill-PDG" ⁽¹³⁾. Minħabba l-possibbiltajiet ta' finanzjament addizzjonali, għandha tiġi estiża l-enfasi ikbar fuq sistema ta' żvilupp "orjentata lejn il-produzzjoni" u fuq sferi li jappoġġjaw is-soċjetà, il-familji u l-valuri individwali, bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

4. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li Strateġija Ewropa 2020 riveduta u mtejba jista' jkollha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni ta' governanza ekonomika Ewropea ġdida mmirata lejn żieda fil-kompetittività u l-iżvilupp.

⁽⁹⁾ Għall-"Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi", ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/priorities/jobs-growth-investment/plan/financing/index_en.htm#efsi (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁰⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-investment b'impatt soċjali", ĠU C 226, 16.7.2014, p. 21.

⁽¹¹⁾ Għan-"netwerk trans-Ewropew", jekk jogħġbok ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/tentec/tentec-portal/site/index_en.htm (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹²⁾ Għall-"Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/connecting-europe-facility> (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-PDG u lil hinn minnu – l-involvement tas-soċjetà ċivili fl-għażla ta' indikaturi komplementari", ĠU C 181, 21.6.2012, p. 14.

4.1. Minħabba prijoritajiet li dejjem jinbidlu u sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020, ikun utli li jkun hemm punt uniku ta' kuntatt (one-stop shop) kapaċi jiżgura l-koordinazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni effettivi tal-kompiti u l-proċeduri, u dan jinkludi l-aġenziji tal-UE.

4.2. Ta' min jikkunsidra wkoll it-twaqqif ta' punt uniku ta' kuntatt li jiġġestixxi u jissorvelja l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u l-koordinazzjoni bejn l-ekonomija reali u l-livell pan-Ewropew u dak nazzjonali/reġjonali, jew li korp eżistenti jiġi konvertit għal dan il-għan. Permezz ta' dan l-approċċ jista' jiġi evitat xogħol doppju u jinħolqu sinerġiji aħjar.

5. Azzjonijiet biex tissaħħaħ il-governanza ekonomika Ewropea

5.1. Billi r-rabtiet tal-governanza tal-Ewropa 2020 bejn l-għanijiet fil-perjodu l-qasir u fit-tul huma dgħajfa ħafna, tinħtieġ, tal-anqas, l-azzjoni li ġejja:

5.1.1. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għandu jinkludi referenza għall-progress tal-Ewropa 2020;

- a. is-Semestru għandu jikkonċentra ħafna aktar fuq it-titjib tal-kompetittività u d-dejn pubbliku u estern u l-implimentazzjoni b'mod partikolari;
- b. l-infiq tal-Fond ta' Koeżjoni tal-UE għandu jkun ibbażat fuq il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, b'konformità mas-Semestru;
- c. l-integrazzjoni fiskali għandha tkun itkar profonda u għandha tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u
- d. l-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq indikaturi u punti ta' riferiment ċari, inklużi miżuri "lil hinn mill-PDG".

5.1.2. Is-sitwazzjonijiet differenti ħafna fl-Istati Membri jirrikjedu l-flessibbiltà fl-evalwazzjoni u għanijiet ċari u għodod immirati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, pereżempju:

- a. riformi strutturali fis-settur pubbliku, biex s-settur jinżamm bħala wieħed mill-garanzji bażiċi għall-kwalità tal-ħajja;
- b. titjib fil-klima għan-negozju biex jiġi attirat il-kapital;
- c. il-promozzjoni tal-investment fl-infrastruttura;
- d. it-titjib tal-aċċess għall-kreditu għall-SMEs;
- e. il-ħolqien tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal tranżizzjoni tal-enerġija bla xkiel;
- f. it-tiżhij tas-setturi tal-edukazzjoni;
- g. rata ta' attività ogħla u rata ta' qgħad iktar baxxa, immonitorjati fil-livell tal-UE ⁽¹⁴⁾;
- h. it-tnaqqis tad-distakki soċjali bejn u fi ħdan l-Istati Membri, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tal-minoranzi;
- i. il-ġlieda kontra l-faqar u l-ġhoti ta' spinta lill-PDG u
- j. t-tiżhij tal-koeżjoni soċjali u t-tnaqqis tal-inugwaljanza permezz tas-solidarjetà, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

6. L-irfinar tal-kunċett ta' "tkabbir":

- a. l-implimentazzjoni flimkien mal-"kompetittività sostenibbli";
- b. l-adozzjoni ta' politiki li jappoġġjaw il-protezzjoni ambjentali u soċjali u ⁽¹⁵⁾
- c. l-introduzzjoni ta' indikatur ġdid pan-Ewropew tat-tendenzi fis-suq tax-xogħol fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda u ġenwini fil-livell tal-UE.

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbondanti ta' impjiegi", ĠU C 11, 15.1.2013, p. 65.

⁽¹⁵⁾ Ara t-Trattat ta' Lisbona, l-Artikoli 191.

7. L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa

7.1. Il-KESE jaqbel mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni: it-teknoloġiji diġitali jintroduċu modi ġodda tal-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi u qed jagħtu sura ġdida lill-mod kif ngħixu, naħdmu u nitgħallmu⁽¹⁶⁾. Il-kontribut tal-KESE għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Aġenda Diġitali għall-Ewropa⁽¹⁷⁾ u l-enfasi prinċipali ta' Suq Uniku Diġitali ambizzjuż huma proposti biex:

Fil-qasam ekonomiku

- a. jitfassal b'mod attiv il-ġejjieni diġitali tal-UE;
- b. tiġi integrata d-diġitalizzazzjoni u jitnaqqsu l-problemi ta' funzjonament diġitali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri;
- c. tiġi diġitalizzata l-ekonomija u jiġu żviluppatti r-riċerka u l-innovazzjoni;

Fil-qasam soċjali:

- d. tiġi estiża sew l-edukazzjoni fil-qasam diġitali sabiex l-Ewropej isiru kreaturi u produttori ta' kontenut diġitali;
- e. tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' ħaddiema kwalifikati fl-ICT;
- f. jinħolqu l-kundizzjonijiet għal ekonomija u soċjetà diġitali dinamiċi billi jissaħħaħ l-ambjent regolatorju għat-telekomunikazzjonijiet;
- g. jiġi rivedut il-qafas leġislattiv u regolatorju ġenerali bil-għan li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet stabbli għan-negozji u l-istart-ups;
- h. jiġi rikonoxxut is-settur diġitali bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali;

Fil-qasam tal-ambjent diġitali:

- i. jiġu promossi l-inklużjoni elettronika u l-aċċess ugwali u universali għal kulħadd għall-Internet broadband;
- j. jiġu ssemplifikati r-regoli għall-konsumaturi li jixtru onlajn u b'mod diġitali billi tissaħħaħ il-fiduċja tagħhom permezz ta' aktar sigurtà;
- k. jittejjeb il-kummerċ elettroniku transkonfinali;

Fil-qasam tas-sigurtà:

- l. jintużaw it-teknoloġiji diġitali sabiex jiproteġu l-ambjent uman u dak naturali;
- m. jitħaffef il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet abbażi ta' approċċ etiku u t-tiżiż tal-protezzjoni tal-konsumatur;
- n. jiġu aġġornati r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur;
- o. tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà sabiex jitħarsu d-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini (Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE⁽¹⁸⁾) u
- p. t-tfal u l-utenti vulnerabbli jitħarsu miċ-ċiberkriminalità;

7.2. L-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali u ż-żieda kbira fl-oqsma tal-applikazzjoni tagħhom huma riflessi f'bidla strutturali sinifikanti fi kważi s-setturi ekonomiċi kollha. Dan jolqot liċ-ċittadini mhux biss bħala konsumaturi, iżda fuq kolloxx fil-post tax-xogħol, huma jwasslu wkoll għall-pressjoni għall-aqwa effiċjenza li timplika spejjeż konsiderevoli għal dawk ikkonċernati, f'xi każi sa telf tal-impjieġ. F'dan il-kuntest il-KESE jqis li l-eliminazzjoni ġenerali ta' dawn il-kwistjonijiet mill-inizjattivi kollha tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa huwa nuqqas kbir, jitlob għalhekk bidla f'dan ir-rigward u ser jieħu l-pożizzjoni tiegħu dwar dan l-opinjoni fuq inizjattiva proprja⁽¹⁹⁾.

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-impatt tas-servizzi tan-negozju fl-industrija", ĠU C 12, 15.1.2015, p. 23.

⁽¹⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Is-suq diġitali – xprun għat-tkabbir", ĠU C 229, 31.7.2012, p. 1.

⁽¹⁸⁾ http://www.europarl.europa.eu/charter/pdf/text_en.pdf (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-settur tas-servizzi u l-impjieġ* CCM/136 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU)

8. Lejn governanza ekonomika ġdida orjentata lejn l-iżvilupp

8.1. Passi lejn governanza orjentata lejn l-iżvilupp;

- a. tissaħħaħ il-governanza fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri wkoll;
 - b. tiġi kkonfermata mill-ġdid il-ħtieġa għall-Istrateġija Ewropa 2020, li tagħmilha aktar kompatibbli mal-politiki tal-UE fi ħdan l-istrateġiji Ewropej;
 - c. li l-parti tal-koordinazzjoni ekonomika tal-governanza Ewropea tiġi kkomplementata bit-tisħiħ tal-oqfsa istituzzjonali u finanzjarji tagħha orjentati lejn l-iżvilupp;
 - d. tissaħħaħ il-koordinazzjoni strateġika fit-tul taħt l-Istrateġija Ewropa 2020 fil-fażijiet ta' mira u ta' implimentazzjoni wkoll;
 - e. titwettaq valutazzjoni territorjali komprensiva ħafna tal-Istrateġija Ewropa 2020 mġedda;
Grafika dwar *il-Governanza orjentata lejn l-Iżvilupp* – biex tikkonsulta l-grafika, jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-link:
<http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.europe-2020-opinions.34752>
 - f. tissaħħaħ il-katina tal-valur permezz ta' politiki trasversali u settorjali;
 - g. tissaħħaħ il-kooperazzjoni territorjali;
 - h. tissaħħaħ il-governanza permezz tal-parteċipazzjoni tas-soċjeta' ċivili organizzata;
 - i. jiġi rikonoxxut il-potenzjal tal-KESE fil-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni f'diversi livelli bejn l-ekonomija reali, is-soċjeta' organizzata u l-imsieħba istituzzjonali.
9. Il-prerekwiżiti għal governanza "tajba" orjentata lejn l-iżvilupp huma li jkollha:
- a. kapaċità fissa ta' pjanar strateġiku;
 - b. kapaċità eżekuttiva għal koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar;
 - c. sistema komprensiva għall-monitoraġġ kemm tal-ippjanar kif ukoll tal-implimentazzjoni;
 - d. bażi tad-data speċifika affidabbli għall-għanijiet ikkonċernati u li jkollha l-kapaċità analitika meħtieġa;
 - e. riżorsi ta' komunikazzjoni adegwati;
 - f. l-adattabbiltà meħtieġa u
 - g. trasparenza fl-attivitajiet tagħha, sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà.

Brussell, id-19 ta' Frar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-505 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE TAT-18 U D-19 TA' FRAR 2015

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali: l-indirizzar ta' riskji, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-iffaċilitar tal-kummerċ”

(COM(2014) 527 final)

(2015/C 251/05)

Relatur: is-Sur HERNÁNDEZ BATALER

Korelatur: is-Sur SIMONS

Nhar l-1 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali: L-indirizzar ta' riskji, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-iffaċilitar tal-kummerċ”

COM(2014) 527 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-2 ta' Frar 2015.

Matul il-505 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta' Frar 2015 (seduta tat-18 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'141.vot favur, vot wieħed (1) kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju doganali. Għall-implimentazzjoni korretta tal-istrateġija, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw bejniethom, iżda wkoll mal-awtoritajiet tal-gvern (bħad-dipartimenti tas-saħħa u l-konsum, u d-dipartimenti tas-sigurtà permezz tal-kooperazzjoni ġudizzjarja).

Għall-KESE, l-aktar ħaġa importanti hija li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-regoli doganali tal-Unjoni Ewropea u l-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni previsti mid-dritt tal-Unjoni.

1.2. Għal ġestjoni integrata tar-riskji mid-dwani, jeħtieġ ukoll li tiġi armonizzata u rikonċiljata l-implimentazzjoni ta' politiki oħra. L-Istati Membri diġà għandhom data uffiċjali dwar dawn il-kwistjonijiet, għalhekk hemm bżonn li l-informazzjoni relatata tinġabar u tiġi skambjata, partikolarment permezz tal-interoperabbiltà tad-data uffiċjali relatata mar-riskji gravi.

1.3. Sabiex tadotta r-regoli tagħha u tikkomplementa s-sitwazzjoni tagħha, l-UE għandha tibbaża fuq l-istandards tal-Kompendju tal-Ġestjoni tar-Riskju u standards oħra tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) sabiex ir-regoli doganali tagħha jkunu konformi mal-maġġoranza tar-regoli eżistenti f'dan il-qasam.

1.4. Skont l-Objettiv 3 tal-Pjan ta' Azzjoni, għandu jiġi ddeterminat b'mod ċar min, fejn u meta għandhom jitwettqu l-kontrolli, li għandu jirriżulta konsistenti mal-mappa tar-riskji u għandu jkun ċar min, fejn u meta għandhom iwettqu kontrolli, li tkun konsistenti mal-mappa ta' riskji u s-saħħa tagħha li l-Kummissjoni missha tadotta, bħala miżura ta' implimentazzjoni. Għal dan l-għan u minħabba l-importanza tagħha, huwa kkunsidrat li din għandha tkun l-azzjoni prijoritarja li għandha tiġi implimentata.

1.5. Peress li hija prijorità li tiġi garantita l-applikazzjoni uniformi tar-regoli doganali tal-UE, l-Objettiv 5 tal-Pjan ta' Azzjoni huwa wkoll importanti ħafna. L-istrateġija kollha hija bbażata fuq il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-modi kollha ta' twettiq u identifikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-UE.

1.6. Il-Kumitat jixtieq jenfasizza li, fil-mument tat-tfassil tal-istrateġija, għandhom jitqiesu l-elementi distinti tal-prattika doganali fl-Istati Membri, bħad-daqs tal-flussi kummerċjali konċernati, il-volumi u l-prattiki. Għalhekk dawn għandkom ikunu kompatibbli u jirrispettaw il-prinċipji u l-leġislazzjoni tal-Unjoni.

1.7. Il-KESE jaqbel mal-importanza mogħtija fil-Komunikazzjoni għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, iżda jixtieq jenfasizza wkoll l-importanza u r-rwol li jistgħu jaqdu aġenti soċjali oħra involuti fl-istrateġija.

1.8. Għalkemm il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi dan, iżda ma tindirizzaxh direttament, il-Kumitat jappella għal viżibilità akbar għall-proġetti pilota fuq il-post, u b'hekk jitrawwem rwol akbar mill-aġenti involuti li jwassal għal investment privat addizzjonali li jsaħħa l-istrateġija tal-Komunikazzjoni billi tiġi xprunata l-innovazzjoni.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-ġestjoni tar-riskju hija prinċipju bażiku tal-metodi moderni ta' kontroll doganali. L-amministrazzjonijiet doganali jimplimentaw mekkaniżmi ta' analiżi u reviżjoni bil-għan li jiżguraw l-effettività tal-proċeduri ta' kontroll fit-territorju doganali kollu. Il-proċeduri għandhom ikunu riveduti u aġġustati kontinwament, jekk ikun meħtieġ, biex ikunu sodisfatti domandi ġodda.

2.2. Abbażi tal-ġestjoni tar-riskju, l-amministrazzjonijiet doganali għandhom l-għan li jilhqqu bilanċ raġonevoli u ġust bejn, minn naħa, il-ġlieda kontra l-frodi u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jixxeġkel mill-inqas il-moviment legali tal-merkanzija u l-persuni u li l-ispejjeż jinżammu baxxi kemm jista' jkun.

2.3. Minħabba li xi kultant huwa impossibbli li tiġi kkontrollata parti sinifikanti tal-merkanzija, il-Programm SAFE jibni l-pedamenti tal-iskema tal-“operaturi ekonomiċi awtorizzati”, li tikkonsisti f'li l-intrapriżi jiġu akkredijati bħala msieħba ta' fiduċja fil-qasam doganali permezz ta' verifika *ex ante*. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet għandhom jifhmu perfettament l-attività tal-operatur, ikollhom stampa ċara tal-proċessi kummerċjali tan-negozju u tal-ambjent intraprenditorjali li jopera fih u jkollhom aċċess permanenti għar-reġistru tal-kontijiet tiegħu. Fl-Unjoni, ir-Regolament (KE) Nru 648/2005 ⁽¹⁾ jiddefinixxi fl-Artikolu 5a tiegħu l-istatus ta' “operatur ekonomiku awtorizzat” u l-konċessjoni tiegħu. L-operaturi ekonomiċi jqisu li din il-kundizzjoni hija meħtieġa sabiex jiffunzjonaw b'mod adegwat fis-suq.

2.4. Fl-Unjoni Ewropea, l-“unjoni doganali” tissemma fit-TFUE bħala kompetenza esklużiva, l-istess bħall-formalitajiet u d-drittijiet tal-importazzjoni u l-esportazzjoni. Din il-politika hija stabbilita bħala dritt sopranazzjonali, fil-livell tad-dritt oriġinarju, kif jidher fit-titolu relatat mal-“moviment ħieles tal-merkanzija” fl-Artikolu 28 u l-artikoli li jsegwu, sal-Artikolu 37. Iżda llum id-dwani għandhom ukoll kompiti oħra, li dejjem huma aktar numerużi. Fil-fatt jeżistu tliet pilastri: il-fiskali, is-sigurtà u l-monitoraġġ tar-regoli mhux tariffarji. Għalhekk, parti minn dawn l-attivitàjiet hija, pereżempju, regolata mill-Artikolu 87 tat-TFUE dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, li mhijiex kompetenza esklużiva tal-UE.

2.5. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Jannar 2013 ⁽²⁾ tintroduċi approċċ komuni għall-ġestjoni integrata tar-riskju, li, fil-punti tad-dħul u tal-ħruġ tal-unjoni doganali, jippermetti li jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin:

- allokazzjoni aħjar tar-riżorsi umani u finanzjarji li għandhom jiġu kkonċentrati, fejn meħtieġ;
- applikazzjoni integrali u uniformi tal-leġislazzjoni doganali tal-UE;
- sistema integrata ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, l-operaturi u t-trasportaturi; u
- Prattiki ssemplifikati u tnaqqis fil-ħin u l-ispejjeż marbutin mat-tranżazzjonijiet.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tat-13 ta' April 2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13) kif ukoll l-atti leġislativi oħra bħar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

⁽²⁾ COM(2012) 793 final.

2.6. Il-KESE kkummenta ⁽³⁾ favur din il-Komunikazzjoni tal-2013, fejn qies fundamentali li jkun hemm approċċ komuni tal-ġestjoni tar-riskju doganali u s-sigurtà tal-katina tal-provvista biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u nondiskriminatorja tal-leġislazzjoni tal-UE min-naħa tal-awtoritajiet kollha kkonċernati fit-territorju kollu tal-unjoni doganali.

2.7. Il-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2013 adotta konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-ġestjoni tar-riskju doganali, u stieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija koerenti. L-UE tikkondividi l-oġġettivi strateġiċi komuni tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-integrità tal-katina tal-provvista u s-sigurtà taċ-ċittadini, l-interessi finanzjarji tal-UE u l-Istati Membri tagħha kif ukoll l-oġġettivi li jiġi ffaċilitat u aċċellerat il-kummerċ leġittimu sabiex tiġi promossa l-kompetittività.

2.8. Il-kodiċi doganali attwalment fis-seħħ, adottat bir-Regolament Nru 952/2013 ⁽⁴⁾, mhux biss jinkludi l-ġestjoni tar-riskju bħala funzjoni speċifika tad-dwani, iżda jqiegħed il-funzjoni tas-“sorveljanza” fil-bażi tas-sistema, jiġifieri r-Regolament tat-Tariffa Doganali Komuni. L-inklużjoni tal-ġestjoni tar-riskju fil-kodiċi doganali ssaħħaħ il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, doganali u mhux doganali, u l-Kummissjoni, waqt li xi kultant din tal-aħħar tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni għal dak l-iskop.

3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

3.1. Il-Kummissjoni tippreżenta strateġija ġdida biex tittejjeb il-ġestjoni tar-riskju doganali fl-Unjoni Ewropea, li flimkien ma' pjan ta' azzjoni dettaljat, ser tiġġestixxi b'mod aktar effiċjenti l-volum dejjem jikber ta' kummerċ permezz ta' katina tal-provvista internazzjonali dejjem aktar kumplessa.

3.1.1. Il-pjan ta' azzjoni jiżviluppa sensiela ta' azzjonijiet għal kull oġġettiv. Dawn huma azzjonijiet li għandhom l-għan li jirrimedjaw in-nuqqasijiet li hemm, sabiex b'mod gradwali jissaħħu l-kapaċitajiet doganali tal-Unjoni Ewropea u tiġi kkonsolidata kooperazzjoni iktar sistematika ma' korpi, operaturi ekonomiċi u msieħba kummerċjali internazzjonali oħra, inklużi, f'ċerti każijiet, l-appoġġ u l-iżvilupp ta' regoli u standards internazzjonali.

3.1.2. Il-Kummissjoni qiegħda tfittex il-komplementarjetà u l-koerenza ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, kemm fil-kuntest tad-dwana kif ukoll fil-kuntest ta' politiki oħra, pereżempju, fl-inizjattivi dwar is-sigurtà, it-trasport jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

3.2. Id-dwani jużaw il-ġestjoni tar-riskji biex iwettqu kontrolli effettivi u effiċjenti, jevitaw tfixkil bla bżonn għall-kummerċ leġittimu u jużaw b'mod effiċjenti r-riżorsi, filwaqt li jorganizzaw dawn ir-riżorsi u jagħtu prijorità lil dawk l-oqsma li jippreżentaw riskju akbar u aktar serju.

3.3. L-Istrateġija tirreferi għall-ġestjoni tar-riskju u għall-kontroll tal-merkanzija li tidħol fl-Unjoni, toħroġ mill-Unjoni jew tgħaddi mill-Unjoni, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tagħha, il-livell ta' riskju u l-ispejjeż. Dan jeħtieġ il-kapaċità biex jiġu identifikati, evalwati u analizzati t-tneħħid u r-riskji kollha assoċjati mal-merkanzija u l-moviment tagħha.

3.3.1. Skont il-Komunikazzjoni, il-prinċipji fil-bażi tal-ġestjoni min-naħa tal-Unjoni tar-riskju doganali tal-katina tal-provvista huma dawn li ġejjin:

- valutazzjoni minn qabel, b'kontroll fejn meħtieġ;
- kooperazzjoni bejn il-korpi differenti;
- approċċ f'diversi livelli u koordinat, u
- użu effiċjenti tar-riżorsi.

3.3.2. Biex jitjiebu l-effikaċja u l-effiċjenza tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jippromovu ġestjoni tar-riskju doganali f'diversi livelli fl-UE bil-għan li jiġu adottati l-miżuri meħtieġa, jiġifieri:

- tittejjeb il-kwalità tad-data u tas-sistemi ta' reġistrazzjoni;

⁽³⁾ ĠU C 327, 12.11.2013, p. 15.

⁽⁴⁾ Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013).

- tiġi garantita d-disponibbiltà tad-data dwar il-katina tal-provvista u l-informazzjoni marbuta mar-riskju tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet doganali;
- jiġu applikati miżuri sabiex jikkontrollaw u jtaffu r-riskji meta jkun meħtieġ;
- jissaħħu l-kapaċitajiet;
- jiġu promossi l-kooperazzjoni bejn il-korpi u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni;
- titjieb il-kooperazzjoni mas-settur kummerċjali, u
- jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kooperazzjoni doganali fil-livell internazzjonali.

3.3.3. Il-Komunikazzjoni tispesifika l-mezzi biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija wieħed wieħed sabiex din il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri tkun tista' twassal għall-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE japprova u jappoġġja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u jqis fundamentali li jkun hemm approċċ aktar komuni tal-ġestjoni tar-riskju doganali u s-sigurtà tal-katina tal-provvista biex jiġu żgurati s-sigurtà legali u applikazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni doganali Ewropea, li għandha tiffaċilita l-moviment ħieles tal-merkanzija.

4.1.1. L-għan huwa li jissaħħu u jiġu applikati xi strumenti doganali stabbiliti sew bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni fuq naħa u l-operaturi ekonomiċi fuq in-naħa l-oħra, waqt li tiġi inkorporata funzjoni, li hija l-ġestjoni tar-riskju, li tissupplementa l-funzjonijiet eżistenti, jiġifieri l-applikazzjoni tat-tariffi, il-miżuri kummerċjali u listatistika.

4.2. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni jstipula objettivi u mezzi sabiex dawn jintlaħqu, u b'hekk jissaħħu l-kapaċitajiet doganali tal-Unjoni u jkun hemm kooperazzjoni aktar sistematika ma' korpi oħra, kemm jekk huma operaturi ekonomiċi jew saħansitra msieħba kummerċjali internazzjonali.

4.2.1. L-istrateġija ta' komplementarjetà ma' awtoritajiet kompetenti oħra involuti fil-movimenti tal-katina tal-provvista għandha tissemma b'mod ċar. Żvilupp adegwat tal-istrateġija jeħtieġ kooperazzjoni aktar mill-qrib u aktar effikaċi bejn l-awtoritajiet doganali fil-livell internazzjonali u anke bejn id-dwana u awtoritajiet pubbliċi oħra, bħall-awtoritajiet tas-saħħa u dawk tal-konsumaturi, fost l-oħrajn.

4.2.2. L-hekk imsejja "data uffiċjali", għalkemm diġà teżisti fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-kontrolli distinti fil-fruntiera, tiġi ġestita permezz ta' sistemi tal-IT (kontrolli esterni tas-saħħa – tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti – kontrolli farmaċewtiċi u dawk kosmetiċi, eċċ.). Madankollu, dawn mhumiex ċentralizzati jew kondiviżi, u għalhekk għandu jitjieb il-funzjonament tas-sistema u għandha tiġi ffaċilitata l-ħidma tad-dwana, peress li dan l-istrument jirrifletti d-data ta' riskju li tidentifika l-merkanzija fil-katina kollha tal-provvista.

4.2.3. Minħabba d-dimensjoni transnazzjonali tat-theddid u għalhekk tas-soluzzjonijiet tiegħu, jissaħħaħ il-fatt li d-"data uffiċjali" li teżisti fil-livell nazzjonali għandha tiġi kondiviża. Għalhekk qed jiġi propost li l-kriterji li jiġu ffixxati fil-livell tal-Unjoni jinbnew fuq l-istandards internazzjonali komuni u jissupplementawhom meta jiġu applikati fl-Unjoni. Għaldaqstant, il-KESE jenfasizza l-bżonn li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tad-data, bil-għan li l-azzjonijiet imsemmija fl-istrateġija jiġu implimentati u mwettqa b'mod effikaċi, peress li d-dimensjoni transnazzjonali hija dik li ssaħħaħ il-fatt li "data uffiċjali" li teżisti diġà fil-livell nazzjonali għandha tiġi kondiviża.

4.2.4. Normalment, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva fl-użu ta' sistema li tidentifika r-riskji, il-KESE jistenna li s-sistema użata, fost affarijiet oħra, tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

- il-miżuri, il-kriterji u l-istandards tar-riskju u l-emendi għalihom, sabiex jiġu identifikati bi preċiżjoni l-prodotti li għandhom riskji assoċjati, għandhom jiġu koperti mis- "Sistema tal-Ġestjoni tar-Riskju Doganali" stabbilita taħt ir-Regolament (UE) Nru 952/2013, waqt li jitqiesu s-sistemi ta' twissija bikrija u l-liġi dwar il-protezzjoni tad-data;

- jitħeġġu r-rabtiet mas-sistemi l-oħra rilevanti kollha, bħal dawk żviluppatti taħt ir-Regolament tal-Kunsill Nru 515/1997⁽⁵⁾;
- l-użu tal-prinċipji bażiċi tas-sistema ta' informazzjoni tas-suq intern (IMI), bl-għarfien li s-sistema fiha għodod li diġà ġew evalwati, u jiġu adattati għad-dwani;
- il-miżuri, il-kriterji u l-istandards li jiddefinixxu l-livelli tar-riskji relatati mal-prodotti, il-materjali, l-itinerarji, l-orijini u fatturi oħra li jidentifikaw ir-riskju, bl-użu tas-sistema TARIC sabiex kemm jista' jkun u meta jkun possibbli jiġu enfasizzati l-aktar riskji serji;

Barra minn hekk, il-KESE jtenni l-bżonn li l-awtoritajiet jipproċedu għall-iskambju ta' informazzjoni.

4.2.5. Fir-rigward tal-komplementarjetà tal-kooperazzjoni prevista fl-istrategġija, għandhom jitqiesu wkoll l-azzjonijiet ta' politika li huma rilevanti fir-rigward tas-sigurtà tal-prodotti, is-sigurtà tal-annimali, is-sigurtà tal-ikel u l-għalf, il-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll l-inizjattivi relatati fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI). Il-KESE jqis importanti ħafna l-iskambju ta' informazzjoni dwar problemi serji għas-saħħa pubblika u l-ambjent, kif ukoll għas-sigurtà u l-protezzjoni taċ-ċittadini.

4.3. Fir-rigward tal-Kompendju tal-Ġestjoni tar-Riskju Doganali u regoli oħra tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, ikun utli li l-kriterji li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni jkunu bbażati fuq dawn l-istandards komuni, u jiġu ssupplimentati għall-applikazzjoni fl-UE.

4.4. Hija ħaġa pożittiva li l-programmi tal-operatur ekonomiku awtorizzati jassoċjaw dan il-korp mal-ġestjoni tar-riskji, minħabba l-proċess estensiv ta' evalwazzjoni li l-operatur u l-ambjent tiegħu jiġi sottomess għalih fil-proċess tal-ħruġ taċ-ċertifikat, li huwa konsistenti mal-proċeduri doganali aktar sempliċi li jibbenefika minnhom id-detentur taċ-ċertifikat.

4.5. Fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll u ta' mitigazzjoni tar-riskji, fejn meħtieġ, għandha titqies il-metodoloġija proposta fil-Kompendju mfassal mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali.

4.6. Fil-kuntest tal-karta dwar l-iggradar tar-riskji li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni, wara li jiġu kkonsultati f'waqt u bit-trasparenza kollha l-esperti tal-Istati Membri u wara li jiġu mismugħa l-operaturi ekonomiċi, abbażi tal-Artikoli 50(1) u 284 tal-Kodiċi, l-Objettiv 3 tal-Pjan ta' Azzjoni għandu jkun aktar speċifiku bil-għan li jiġi ċċarat eżatt min, meta, fi x'ħin u x'inhu l-għan tal-evalwazzjoni minn qabel, b'kontroll meta jkun hemm bżonn. Fir-realtà, din għandha tkun l-ewwel azzjoni li għandha titlesta peress li, b'dan il-mod, ikun hemm livell akbar ta' ċarezza fl-implimentazzjoni tal-pjani l-oħra ta' azzjoni u fil-valutazzjoni tar-riskji u aktar ċertezza legali.

4.7. L-Objettiv 5 tal-Pjan ta' Azzjoni huwa wkoll estremament importanti peress li l-għan prinċipali tal-istrategġija huwa li tiġi promossa l-kooperazzjoni u tiġi kondiviża l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u dawk tal-Unjoni, aspekk li l-KESE dejjem tah importanza kbira. Għall-qosor, il-KESE jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar din il-kwistjoni fil-punti 1.9 u 1.10 u fil-punt 4 "Il-ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista" fl-Opinjoni tiegħu tal-2013 dwar kooperazzjoni iżjed strutturata u sistematika bejn id-dwani u l-awtoritajiet l-oħra li joperaw fis-suq intern, kif ukoll l-applikazzjoni koerenti u kkoordinata tal-miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni.

4.8. Il-KESE jtenni li din l-istrategġija tal-ġestjoni tar-riskju ma għandhiex timpedixxi lill-Istati Membri milli japplikaw il-leġislazzjoni doganali, b'tali mod li jkunu jistgħu jkomplu jikkunsidraw il-volum tal-flussi kummerċjali kkonċernati, iżda waqt li tinżamm il-konformità mad-Dritt tal-Unjoni.

4.9. F'dan ir-rigward, il-KESE jsostni li huwa possibbli li l-Istati Membri jżommu livell għoli ta' protezzjoni u fl-istess ħin jintensifikaw il-miżuri li jiffaċilitaw il-kummerċ, waqt li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi billi jippromovu proċeduri mingħajr karti, u jissemplifikaw il-proċeduri u l-implimentazzjoni tal-istatus tal-operatur awtorizzati.

4.10. Għandha tiġi promossa kooperazzjoni mill-qrib ma' ministeri u korpi oħra nazzjonali ta' infurzar kompetenti f'dan il-qasam biex, fost affarijiet oħra, jitnaqqsu kemm jista' jkun il-piżijiet, inklużi dawk amministrattivi, għall-operaturi kummerċjali. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jirrakkomanda li jitqiesu l-prinċipji bażiċi tal-IMI. Jekk fl-aħħar nett tintgħażel l-armonizzazzjoni, il-kooperazzjoni doganali jew taħlita taż-żewġ approċċi, il-proposti għandhom ikunu bbażati fuq "l-aħjar Prattiki" u mhux fuq livell medju Ewropew.

⁽⁵⁾ ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1.

4.11. Il-Kumitat ihegġegħ li fit-tfassil u l-iżvilupp tal-istrategġija jitqiesu l-emendi futuri tar- Regolament (KE) Nru 515/97 dwar għajnuna reċiproka doganali (il-Proposta għal Regolament COM(2013) 796), minħabba l-affinità enormi bejn il-każijiet trattati.

4.12. Il-KESE jtenni l-bżonn li l-proġetti pilota jingħataw aktar viżibilità, waqt li tiġi promossa-prattika tagħhom, bil-għan li dawk interessati jitħeġġu jaqdu rwol aktar importanti. Dan jista' jiffaċilita l-investment privat li, b'dan il-mod, ikompli jmessi 'l quddiem l-istrategġija prevista fil-Komunikazzjoni, waqt li jhegġegħ l-innovazzjoni.

5. Kummenti speċifiċi

5.1. Fl-attivitatiet li l-Kummissjoni ssejjaħ ta' appoġġ u żvilupp ta' regoli u standards internazzjonali, li huma msemmija fil-punt 3.1.1, għandu jkun possibbli li tiġi promossa standardizzazzjoni li twassal għal timbru tad-dwana li jippermetti l-kontrolli permezz ta' sistemi awtomatizzati, sabiex tiddaħħal fil-Qafas ta' Standards tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali (SAFE).

5.2. L-istrategġija ma ssemmix ir-riskju ta' frodi fl-informazzjoni jew il-possibbiltà li "jittieħed vantaġġ" mir-reputazzjoni tajba (imsejja "identity tag"). Il-ġestjoni tar-riskju għandha tippermetti lill-awtoritajiet doganali li jikxfu l-frodi fl-informazzjoni u l-użu ħażin tar-reputazzjoni tajba bil-għan li tiġi evitata l-importazzjoni ta' prodotti ffalsifikati u perikolużi.

5.2.1. Minkejja li l-Kummissjoni diġà ssemmi dan fl-Objettiv 6, il-Kumitat jappella sabiex il-proġetti pilota intiżi sabiex jintroduċu l-innovazzjonijiet f'sistemi ta' kontroll ikunu awtorizzati b'mod aktar ċar – naturalment b'numru ta' kundizzjonijiet – u, jekk jinkisbu riżultati pożittivi, għandha tiġi awtorizzata wkoll l-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom.

5.3. Skont il-Kummissjoni Ewropea, l-istrategġija l-ġdida ser tikkontribwixxi biex il-volum dejjem jikber ta' kummerċ bil-katina ta' provvista internazzjonali dejjem aktar kumplessa jiġi ġestit b'mod aktar effiċjenti (punt 3.1) u għalhekk għandu jkun hemm aktar effiċjenza fil-ġestjoni, li għandu jwassal għal titjib fil-katina tal-provvista.

5.4. Il-KESE jiddispijaċi li fl-istrategġija ppreżentata, il-Kummissjoni qed tikkontempla biss il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, waqt li tinjora r-rakkomandazzjonijiet li saru f'opinjonijiet preċedenti dwar il-bżonn li titqies il-kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi.

Brussell, it-18 ta' Frar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni ta’ kombustjoni interna għall-makkinarju mobbli mhux maħsub biex jintuża fit-triq”

(COM(2014) 581 final — 2014/0268 (COD))

(2015/C 251/06)

Relatur uniku: is-Sur Brendan BURNS

Nhar it-12 ta’ Novembru 2014 u nhar id-19 ta’ Frar 2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar

“il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni ta’ kombustjoni interna għall-makkinarju mobbli mhux maħsub biex jintuża fit-triq”

COM(2014) 581 final – 2014/0268 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-2 ta’ Frar 2015.

Matul il-505 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta’ Frar 2015 (seduta tat-18 ta’ Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’164 vot favur, vot kontra u 3 astensjonijiet.

1. Rakkomandazzjonijiet

1.1. Peress li l-introduzzjoni tat-tagħmir ta’ testjar u l-iżvilupp ta’ proċeduri ta’ testjar għar-“rendiment tal-emissjonijiet tal-magni matul is-servizz” huma kunċett ġdid għall-makkinarju mobbli mhux maħsub biex jintuża fit-triq (NRMM – non-road mobile machinery), il-KESE jirrakkomanda li jsiru programmi pilota għal kull tip ta’ magna u makkinarju biex jiġi verifikat jekk huwiex possibbli li jiġu installati l-istrumenti meħtieġa. Dawn l-istudji għandhom jaraw ukoll jekk il-magna li tintuża fil-makkinarju għandhiex tiġi ttestjata fuq bank tat-test, jekk l-isfidi tal-kejl dirett fuq il-makkinarju juru li jkunu eċċessivi.

1.2. Minħabba t-tħassib serju dwar is-saħħa pubblika fir-rigward tan-nanopartikoli li jirriżultaw mill-proċessi ta’ kombustjoni u l-livell għoli ta’ protezzjoni li jista’ jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni tal-Istadju V propost għall-magni tal-NRMM, u b’kunsiderazzjoni tal-kunsens dwar il-proposta tal-Kummissjoni espress mid-diversi partijiet interessati, inkluża l-industrija tal-manifattura tal-magni u l-makkinarju, il-KESE jirrakkomanda li r-Regolament il-ġdid jiġi approvat malajr. Bis-saħħa tal-interazzjoni intensiva matul l-istadju tal-abbozzar mal-partijiet kollha involuti (inklużi l-industrija u l-NGOs), il-proposta tal-Kummissjoni tirrikonoxxi t-teknoloġiji differenti disponibbli għall-kontroll tal-emissjonijiet skont id-daq tal-magna u ċ-ċiklu tal-kombustjoni.

2. Il-prinċipju bażiku tal-kunċett

2.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jemmen li t-tnaqqis tal-emissjonijiet dannużi tal-monossidu tal-karbonju, l-ossidi tan-nitroġenu, l-idrokarburi u l-partikolati mill-magni ta’ tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija huwa pass indispensabbli biex jintlaħqu l-livelli ta’ kwalità tal-arja tal-UE.

2.2. Il-KESE jemmen ukoll li kwanlunkwe proposta għal leġislazzjoni intiża biex tkun ta’ benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq proposti konkreti, tekniċi, ekonomiċi u prattiċi.

3. Kuntest

3.1. Id-definizzjoni tal-NRMM tinkludi għadd kbir ta’ tipi differenti ta’ makkinarju u ta’ magni ta’ kombustjoni. Dawn il-magni jiġu installati kemm f’tagħmir li jinżamm fl-idejn, kif ukoll f’magni bir-roti jew bil-binarji. Jitħaddmu fil-qasam tal-kostruzzjoni, tal-agrikoltura, tal-minjieri, dak ferrovarjarju, dak tal-passaġġi fuq l-ilma intern u f’haġna industrijii oħra. Il-limiti tal-emissjonijiet għal dawn il-magni attwalment huma stabbiliti fid-Direttiva 97/68/KE. L-aħħar li ġew introdotti stadij ġodda tal-emissjonijiet kien fl-2014, meta d-Direttiva ġiet emendata. Il-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet li dawn m’għadhomx jirriflettu l-istat attwali tat-teknoloġija u għaldaqstant l-NRMM jista’ jsir konformi mal-limiti tal-emissjonijiet użati għall-vetturi tat-triq (pereżempju karozzi tal-linja u trakkijiet).

3.2. Madankollu, ser jinħtieġu ħidma ta' żvilupp u riżorsi konsiderevoli biex it-teknoloġija li tintuża fit-triq tiġi adattata għall-magni u l-makkinarju tal-NRMM. Minħabba dan, il-proposta tal-Kummissjoni tal-UE tistabbilixxi limitu Euro VI għall-każijiet fejn it-teknoloġija tkun diġà matura u bnadi oħra jiġi suġġerit li jiġu applikati l-limiti EPA li diġà qed jintużaw fil-leġislazzjoni Amerikana li għamlet progress konsiderevoli f'dan is-settur.

3.3. Għall-kontra tar-regolamenti dwar l-emissjonijiet fl-awtostradi fejn issir distinzjoni bejn ir-regolazzjoni tal-iżgħar u l-ikbar vetturi, b'leġislazzjoni separata għall-muturi, il-vetturi light duty u heavy duty, ir-regolamenti proposti għall-magni mhux maħsuba biex jintużaw fit-triq jikkostitwixxu proposta komprensiva li ser tinkludi firxa kbira ħafna ta' makkinarju u tagħmir bsahha tal-magna ta' minn anqas minn 8 kW sa madwar 3 500 kW. Din ser tinkludi l-firxa kollha tal-kapaċità taċ-ċilindri tal-magna li tibda minn frazzjoni ta' litru u tasal sa aktar minn 100 litru għal kull ċilindru.

3.4. Il-magni tal-NRMM joperaw f'ċirkostanzi differenti minn dawk li joperaw fihom il-magni installati f'vetturi li jintużaw fit-triq. Il-biċċa l-kbira tal-magni tal-NRMM ma joperawx b'hat-trakkijiet li jieħdu xi żmien biex mill-istat ta' waqfien totali jilhq u l-potenza massima. Fil-biċċa l-kbira, il-magni tal-NRMM joperaw billi immedjatament jilhq u l-punt ta' potenza massima rekwiżita, imbagħad jieqfu għal perjodu qasir, imbagħad jilhq u l-potenza massima, u jergġu jieqfu. Iċ-ċiklu imbagħad jiġi ripetut. Dawn huma l-kundizzjonijiet normali ta' kif jaħdem ħafna mill-makkinarju NRMM. Dan huwa differenti mil-livelli kważi kostanti tat-tidwir tal-magni u l-potenzi tal-vetturi li jintużaw fit-triq.

3.5. Il-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati matul kwalunkwe proċess ta' adattament tal-magni NRMM:

- bidliet fid-disinn biex ikunu jifilħu l-kundizzjonijiet adatti mhux relatati mat-toroq, inkluż l-espożizzjoni fit-tul għal ambjent iktar aggressiv, żidiet drastiċi fit-tagħbijiet (high shock loading) u fil-vibrazzjonijiet meta mqabbla ma' vetturi li jintużaw f'awtostradi dritti u fil-wita,
- rikonfigurazzjoni tal-forma fiżika u tad-daqs li jkunu meħtieġa biex jitpoġġew fl-ispazju dimensjonali tad-diversità tal-magni mhux maħsuba biex jintużaw fit-triq u l-ħtieġa li jiġi minimizzat id-daqs globali tas-sistemi tal-postrattament,
- varjetà wiesgħa ta' ċikli ta' xogħol/tagħbija li matulhom is-sistemi ta' postrattament għandhom jaħdmu b'mod effettiv, inkluż it-tagħbija tranżitorja rapida,
- l-iżgurar ta' bilanċi termali u kimiċi xierqa fis-sistema tal-egżost għall-operazzjoni effettiva tas-sistema tal-postrattament inkluża r-riġenerazzjoni ta' sistemi ta' filtri tal-partiċelli f'medda wiesgħa ta' kundizzjonijiet,
- ir-riottimizzazzjoni tal-magna u s-sistema tal-postrattament biex jiġi żgurat rispons tranżitorju aċċettabbli u jiġi minimizzat il-konsum tal-karburant u tar-reaġent.

4. Problemi

4.1. Fir-rakkomandazzjonijiet il-Kummissjoni tistqarr li ser jiġi monitorjat ir-“rendiment tal-emissjonijiet tal-magni matul is-servizz” u li “qegħdin jiġu proposti programmi pilota bil-għan li jiġu żviluppati proċeduri xierqa tal-ittestjar”. Huwa importanti li tiġi verifikata l-fattibbiltà tal-istallazzjoni tas-sistemi ta' kejl tal-emissjonijiet (PEMS) portabbli fuq l-għadd ta' makkinarju li l-manifatturi tal-magni ser jagħżlu b'ħala rappreżentattiv tal-użu tal-prodotti tagħhom. L-istallazzjoni permanenti fuq il-magni kollha mhijiex ikkunsidrata f'din il-leġislazzjoni.

4.2. L-iskeda ta' introduzzjoni tal-Istadju V stabbilita fil-proposta tal-Kummissjoni tal-UE tkun possibbli biss jekk il-leġislazzjoni tiġi adottata fi żmien debitu. Jekk ikun hemm xi dewmien sostanzjali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni mhux ser ikun hemm ħin biex jiġi finalizzat l-iżvilupp tal-prodott u biex jitwettqu l-approvazzjonijiet kollha tat-tip.

Brussell, 18 ta' Frar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u s-Sistema Ewropea ta’ Superviżuri Finanzjarji (SESF)”

(COM(2014) 509 final)

u dwar “Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS)”

(COM(2014) 508 final)

(2015/C 251/07)

Relatur: is-Sur CEDRONE

Nhar it-8 ta’ Awwissu 2014, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u s-Sistema Ewropea ta’ Superviżuri Finanzjarji (SESF)”

COM(2014) 509 final

u dwar

“Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS)”

COM(2014) 508 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-3 ta’ Frar 2015.

Matul il-505 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta’ Frar 2015 (seduta tat-18 ta’ Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’166 vot favur, 5 voti kontra u 11-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat laqa’ b’sodisfazzjon l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni⁽¹⁾ u jaqbel mal-hteġa li tittieħed azzjoni korrettiva mmirata għat-titjib tal-funzjonament tas-Sistema Ewropea ta’ Superviżjoni Finanzjarja (SESF). Jemmen ukoll li hemm bżonn il-promozzjoni ta’ approċċ sistemiku fuq medda medja u twila ta’ żmien, biex jitħaffef l-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet strutturali li jistgħu jirrazzjonalizaw aħjar il-ħidma tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (ASE). Il-Kumitat iqis li huwa importanti ferm li l-qafas regolatorju u superviżorju l-ġdid ikun kapaċi jiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u tkabbir – b’mod antiċikliku – u jxekkel l-iżvilupp asimmetriku tas-sistema bankarja “parallela”.

1.2. Il-Kumitat jara l-bżonn li tiżdied l-effikaċja tal-azzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u tal-ASE; għaldaqstant jemmen li hemm bżonn reviżjoni tal-funzjonijiet regolatorji tal-ASE u l-applikazzjoni konkreta tal-analiżi tal-**ispejjeż u l-benefiċċji tal-istrutturi, tal-governanza u tal-proċessi** tad-deċiżjonijiet adottati mill-BERS u l-ASE, irfinar tal-istrumenti operattivi disponibbli u razzjonalizzazzjoni tal-arkitettura ġenerali tas-SESF.

1.3. Il-Kumitat jemmen li dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu mmirati primarjament biex **jiġi minimizzat l-impatt proċikliku** tal-leġislazzjoni superviżorja u **l-kunflitti ta’ interess** bejn l-interessi tal-UE u dawk nazzjonali, biex **jittejjeb il-bilanċ tal-ispejjeż u l-benefiċċji** tal-arkitettura superviżorja u **biex il-konsumaturi** ikunu protetti minn prattiċi inġusti ta’ intermedjarji. Il-Kumitat jikkunsidra li, f’dan l-istadju, għad hemm żewġ kwistjonijiet:

- (a) jekk il-mekkaniżmu ta’ sorveljanza l-ġdid hux se jinvolvi regolamentazzjoni eċċessiva li jkollha impatt negattiv fuq l-operat flessibbli u fuq l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-banek;

⁽¹⁾ COM(2014) 508 final u COM(2014) 509 final, 8 ta’ Settembru 2014.

(b) jekk hux se jirnexxhieu jevita, jew tal-anqas inaqas, ir-riskju ta' kriżi ġdida u hux se jirnexxhieu jagħmel is-sistema finanzjarja aktar effettiva, aktar sikura u trasparenti filwaqt li jiġu salvagwardjati l-klijenti/konsumaturi.

1.4. **B'referenza għall-BERS** u l-governanza tiegħu, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni biex **il-President tal-BĊE jkun ikkonfermat fil-presidenza, b'direttur eżekuttiv ġdid** b'kompiti operazzjonali u ta' kollegament bejn il-president u l-kunsill ġenerali, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-konflitti ta' interess possibbli. Fir-rigward tal-ħtieġa ta' konsolidazzjoni kwantitattiva-kwalitattiva tal-korpi tal-BERS, għalkemm il-Kumitat iħoss li dan huwa xieraq, jemmen li għandu jkun hemm dibattitu bil-għan li tiġi mħarsa r-rappreżentanza tal-Istati Membri fil-kunsill ġenerali u li tisaħħaħ l-indipendenza tal-membri tal-kumitat xjentifiku.

1.5. B'referenza għall-funzjonijiet u l-proċessi adottati mill-BERS, il-Kumitat iqis li huwa importanti li jiġu implimentati forum ta' **koordinazzjoni bejn il-BERS, il-BĊE u l-MSU (Mekkaniżmu Superviżorju Uniku)**, li jenfasizzaw il-karatteristiċi speċifiċi tal-BERS għar-riskju sistemiku, kemm fil-kapaċità tiegħu li jirrappreżenta l-pajjiżi li m'għandhomx l-euro bħala l-munita tagħhom, kif ukoll fir-rigward tal-kompetenza estiża tiegħu fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi. Il-KESE huwa favur **involvement akbar tal-BERS fil-proċess leġiżlattiv** fil-kwistjonijiet ta' rilevanza u favur koordinazzjoni aktar mill-qrib mal-ASE.

1.6. Fir-rigward tal-ASE, il-Kumitat jikkunsidra li jkun utli li jittieħdu miżuri korrettivi biex jiżguraw l-użu ta' miżuri ispirati mill-interessi tal-UE; f'dan il-kuntest, il-Kumitat jikkunsidra meħtieġ li **l-ASE jkollha governanza li tippermetti użu effettiv tal-konsultazzjoni bejn il-pari u l-medjazzjoni vinkolanti, sabiex tiġi żgurata l-konverġenza tas-sistemi u l-ħolqien ta' kultura superviżorja komuni.**

1.7. Fir-rigward tal-funzjoni regolatorja tal-ASE, il-Kumitat jemmen li dan għandu jsir flimkien ma' proċessi aktar trasparenti – anke fir-rigward tal-konsultazzjonijiet pubbliċi promossi mill-awtoritajiet – immirati lejn **involvement akbar tar-rappreżentanti tal-konsumaturi u l-ħaddiema tas-settur**; jemmen ukoll li hemm bżonn **aktar involvement tal-ASE fil-proċess tad-definizzjoni tal-leġiżlazzjoni primarja**. Koordinazzjoni akbar bejn l-ASE, u bejn dawn u l-BERS, għandha sseħħ billi jissaħħaħ aktar **ir-rwol tal-kumitat konġunt.**

1.8. Il-Kumitat jemmen li għandha ssir **razzjonalizzazzjoni tal-ispejjeż strutturali u organizzattivi tal-ASE**; din ir-razzjonalizzazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn proċess ta' responsabbiltà trasparenti u b'għan tar-razzjonalizzazzjoni loġistika u funzjonali.

1.9. Il-Kumitat iqis li jkun utli, sabiex tittejjeb il-kapaċità tat-tbassir tar-riskji ekonomiċi-finanzjarji, li s-SESF tibni interazzjoni effettiva mal-istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali għal ġestjoni kondiviża tar-riskji sistemiċi.

1.10. *Sommarju tal-proposti tal-Kumitat*

1.10.1. *Suq Uniku*:: il-promozzjoni ta' miżuri biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tas-SESF bl-organizzazzjoni l-ġdida tal-MSU u tal-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni, sabiex jitrawwem l-iżvilupp ta' sistema ta' sorveljanza Ewropea effiċjenti u effettiva.

1.10.2. *Simplifikazzjoni, trasparenza u effikaċja*: ir-razzjonalizzazzjoni tal-funzjonijiet regolatorji tal-istituzzjonijiet tas-SESF sabiex tithegġg is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju u jżiedu t-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċessi.

1.10.3. *Governanza*: il-promozzjoni ta' strateġija fuq perjodu ta' żmien medju mmirata għall-implimentazzjoni ta' proċess ta' konsolidazzjoni organizzattiva u funzjonali tal-awtoritajiet superviżorji li jistgħu jiksbu ekonomiji ta' skala u ambitu, bl-użu ta' sede unika u l-adozzjoni ta' mudell b'żewġ modalitajiet (twin peaks).

1.10.4. *UEM*: il-promozzjoni ta' mekkaniżmi biex jippromwovu l-prijoritajiet tal-pajjiżi fiż-żona tal-euro b'referenza partikolari għas-suq bankarju u għall-mekkaniżmu ta' sorveljanza unika li jipprevedi modalitajiet speċifiċi ta' adeżjoni tal-pajjiżi li ma jużawx l-euro.

1.10.5. Il-KESE, fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija f'din l-opinjoni, jemmen li:

- (a) il-kumitat xjentifiku tal-BERS u l-kumitati jew il-gruppi ta' esperti relatati tal-ASE – wara li jkunu ħadu l-opinjoni tal-grupp tal-partijiet interessati – għandhom jippreżentaw f'qasir żmien, suġġerimenti speċifiċi għat-titjib;
- (b) b'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea għandha tevalwa l-fattibilità ta' soluzzjonijiet iktar strutturali fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-SESF u l-mod ta' finanzjament tal-Awtorità.

2. Sfond

2.1. Fl-Ewropa, il-kriżi ekonomika u finanzjarja enfasizzat il-ħtieġa tar-reviżjoni tal-qafas ta' superviżjoni u regolazzjoni tas-servizzi bankarji u l-intermedjarji finanzjarji; enfasi qawwija tqiegħdet fuq il-funzjonalità tas-SESF u l-effettività tal-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet tagħha.

2.2. Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' De Larosière tal-2009⁽²⁾, il-Kummissjoni fasslet pakkett ta' miżuri biex isaħħu l-interdipendenza u l-koordinazzjoni bejn is-superviżuri nazzjonali u tissaħħaħ l-importanza tas-superviżjoni makroprudenzjali.

2.3. F'Jannar 2010, il-KESE ħareġ opinjoni dwar ir-regolamenti li jstabbilixxu l-BERS u l-ASE⁽³⁾. F'din l-Opinjoni, il-KESE, waqt li jtenni l-importanza ta' sistema superviżorja unika tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea, ta indikazzjonijiet speċifiċi għal bidliet fir-regolamenti li jstabbilixxu l-BERS u l-ASE.

2.4. B'regolamenti speċifiċi, fl-2010, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilixxew il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) – l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) – li, flimkien mal-kumitat konġunt tal-ASE u tal-BERS, jiffurmaw is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF).

2.5. Is-SESF bdiet l-attivitajiet tagħha f'Jannar 2011; ir-regolamenti tal-istituzzjonijiet tas-SESF⁽⁴⁾, jobbligaw lill-Kummissjoni tippubblika rapport dwar il-ħidma tal-BERS u l-ASE fl-ewwel tliet snin ta' attività minn Jannar 2011.

2.6. Sabiex twettaq il-mandat tagħha, il-Kummissjoni organizzat smiġh pubbliku (Mejju 2013) u konsultazzjoni pubblika (April – Lulju 2013) immirati għar-reviżjoni tas-SESF.

2.7. Fuq il-bażi tar-riżultati li ħarġu mill-involvement tal-partijiet interessati, mill-awtovalutazzjonijiet mogħtija mill-ASE⁽⁵⁾, mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Marzu 2014 dwar ir-rieżami tas-SESF⁽⁶⁾ u l-istudju tal-FMI⁽⁷⁾ u l-Parlament Ewropew⁽⁸⁾, il-Kummissjoni pproduċiet żewġ rapporti separati, wieħed rigward il-BERS u l-ASE u l-ieħor dwar is-SESF.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Din l-opinjoni dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-ħidma tal-BERS u l-ASE taġixxi fuq il-bażi tal-evalwazzjoni tal-azzjoni tal-BERS u l-ASE, u fuq l-aċċelerazzjoni li saret lill-proċess tas-superviżjoni unika fl-aħħar sena.

3.2. Il-Kumitat kemm-il darba argumenta favur is-SESF u jesprimi mill-ġdid l-apprezzament għall-azzjoni meħuda mill-BERS u l-ASE fl-ewwel tliet snin tal-ħidma tagħhom.

3.3. Instab lok għal titjib fil-funzjonament tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja kemm fl-organizzazzjoni kif ukoll fil-governanza, kemm f'termini tal-proċessi kif ukoll l-għodod operattivi; il-KESE jaqbel mal-oqsma ta' intervent potenzjali identifikati mill-Kummissjoni fir-rapporti tagħha; jenfasizza wkoll il-bżonn li tiġi adottata viżjoni sistemika għal terminu medju-twil, u jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-proposti relatati mal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ħaddiema.

⁽²⁾ Ir-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli għas-Superviżjoni Finanzjarja, tal-25 ta' Frar 2009; (mhux disponibbli bil-Malti) http://ec.europa.eu/internal_market/finances/docs/de_larosiere_report_en.pdf

⁽³⁾ ĠU C 339, 14.12.2010, p. 34.

⁽⁴⁾ Ir-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010, 1093/2010, 1094/2010, 1095/2010 tal-24 ta' Novembru 2010, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

⁽⁵⁾ Kumitat Kongunt (JC 2012 100), *Self Assessment Report of the European Supervisory Authorities*, 21 ta' Diċembru 2012 (dokument ristrett).

⁽⁶⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-rieżami tas-SESF.

⁽⁷⁾ FMI, *Financial Sector Assessment Program at EU Level*, Marzu 2013.

⁽⁸⁾ PE 507.490 (dwar il-BERS) u PE 507.446 (dwar l-ASE), Ottubru 2013.

3.4. Il-KESE jemmen li l-funzjonament tal-BERS enfażizza l-ħtieġa li tiġi esplorata l-possibilità ta' kompożizzjoni kwantitattiva-kwalitattiva differenti tal-korpi tiegħu – il-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija, il-Kumitat Tekniku Konsultattiv u l-Kumitat Xjentifiku – u l-ħtieġa li tkun definita soluzzjoni għall-ħatra tat-tieni president tal-BERS, minħabba l-iskadenza tal-ewwel terminu, mistennija f'Diċembru 2015. Mil-lat ta' proċess ġie identifikat lok għal titjib kemm f'termini tal-involvement tal-Bord fil-proċess legiŝlattiv, kif ukoll fit-tul ta' ħin tal-proċeduri interni ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

3.5. Il-KESE jemmen li l-funzjonament tal-ASE enfażizza l-opportunità li ssir bidla fil-funzjoni regolatorja u superviżorja, li tissaħħaħ il-politika dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, u ssir reviżjoni tal-kompożizzjoni tal-korpi sabiex jibbilanċjaw aħjar l-interessi tal-Unjoni ma' dawk tal-pajjiżi individwali. L-istruttura ġenerali tas-superviżjoni kienet is-suġġett tal-possibbiltà ta' eżami mill-ġdid, kemm fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-awtoritajiet differenti, kif ukoll fir-rigward tal-qafas loġistiku u l-mudell ta' superviżjoni stess. F'dan ir-rigward huma rilevanti l-kwistjoni tar-razzjonalizzazzjoni tal-binjiet u r-razzjonalizzazzjoni organizzattiva skont il-funzjonijiet u l-oqsma ta' responsabilità.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS)

4.1.1. Il-Kumitat jemmen li l-BERS jista' jkompli jaqdi rwol sinifikanti fil-prevenzjoni tar-riskju sistemiku, anke wara l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU), għal mill-inqas tliet raġunijiet: a) l-adozzjoni ta' superviżjoni komuni teħtieġ koordinazzjoni aktar b'saħħitha fost is-swieq finanzjarji li huma differenti mis-suq bankarju; b) il-monitoraġġ tal-gruppi bankarji kbar li huma ta' importanza sistemika isaħħaħ ir-rwol tal-BERS wkoll f'termini tal-interazzjoni mal-BĊE; c) il-parteċipazzjoni fil-BERS tar-rappreżentanti tal-pajjiżi taż-żona euro u l-pajjiżi li ma addottawx l-euro tippermetti lill-Bord li jkollu rwol stabilizzanti mfassal ukoll fuq fatturi varjabbli esoġeni tal-Unjoni Monetarja. F'xenarju bħal dan, huwa mistenni li l-bidliet fil-governanza u l-proċessi interni jistgħu jtejbju l-funzjonament tal-BERS u l-interazzjoni tiegħu mal-awtoritajiet superviżorji Ewropej, u l-BĊE.

4.1.2. Il-Kumitat huwa favur kompożizzjoni kwantitattiva u kwalitattiva differenti tal-korpi tal-BERS; madankollu, jikkunsidra li huwa utli li jiġi evalwat l-impatt li s-soluzzjoni li jitnaqqas l-għadd ta' membri tal-Bord Ġenerali jista' jkollha fuq ir-rappreżentattività tal-Istati Membri individwali. It-tnaqqis possibbli tal-membri tal-Bord għandu jiġi akkumpanjat mill-ħolqien ta' kumitati u gruppi ta' ħidma tematiċi. Il-Kumitat jemmen ukoll li huwa meħtieġ li tinżamm rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-partijiet interessati varji bit-tisħiħ ukoll tar-rwol tal-kumitat xjentifiku; għaldaqstant, l-idea biex dan il-kumitat jingħaqad mal-kumitat tekniku konsultattiv ma tidhirx adatta.

4.1.3. Il-Kumitat jemmen li l-azzjoni tal-BERS jista' jkollha impatt ikbar bl-ipoteżi proposta mill-Kummissjoni biex il-presidenza tal-BERS tkun ikkonfermata bħala l-president tal-BĊE, b'direttur eżekuttiv ġdid b'kompiti operazzjonali u ta' kollegament bejn il-President u l-Bord Ġenerali.

4.1.4. Il-Kumitat iqis li hemm bżonn li jiżdied l-involvement tal-BERS fil-proċessi legiŝlattivi billi jiġu pprovduti mekkaniżmi ta' konsultazzjoni espliċiti tal-BERS qabel l-adozzjoni ta' proposti legiŝlattivi dwar kwistjonijiet ta' rilevanza. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jappoġġja l-idea ta' involvement formali ta' rappreżentant tal-BERS fil-Kunsill tal-Ecofin u fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF), skont arranġamenti u termini li jridu jiġu ddefiniti.

4.1.5. L-effettività tal-BERS għandha tibbenefika minn proċess deċiżjonali aktar effiċjenti u veloċi; il-Kumitat jikkunsidra li huwa utli li jistieden lill-BERS biex jagħti l-awto-evalwazzjoni tal-proċess intern tiegħu f'idejn il-kumitat xjentifiku jagħmel, sabiex jipproponi mudell alternattiv u aktar funzjonali għad-dinamika tas-sistema finanzjarja. Il-Kumitat jemmen ukoll li l-BERS għandu jadotta l-proċessi neċessarji mmirati lejn it-tisħiħ tas-segwitu tar-rapportar u r-rakkomandazzjonijiet.

4.1.6. Il-ħidma tal-BERS għandha tkun ibbażata fuq interazzjoni aktar intensa mal-korpi Ewropej l-oħra, b'mod partikolari, mal-ASE differenti; il-Kumitat jikkunsidra neċessarju li jitlob lill-BERS sabiex jasal malajr għal proposta li tidentifika modi ta' komunikazzjoni u ta' skambju tad-data bejn l-istituzzjonijiet differenti tas-SESEF. Barra minn dan, il-Kumitat jħoss il-ħtieġa li jiġu implimentati forum ta' koordinazzjoni bejn il-BERS u l-awtoritajiet ta' superviżjoni makroprudenzjali nazzjonali, ukoll sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rappreżentazzjoni fil-BERS. Il-Kumitat iqis li hemm bżonn li jiġu stabbiliti s-sisien għal interazzjoni produttiva bejn il-BERS u l-BĊE, minħabba l-kompetenzi l-ġodda fil-qasam tas-superviżjoni makroprudenzjali li ngħataw lill-Bank Ċentrali Ewropew.

4.2. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u s-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF)

4.2.1. Il-Kumitat jemmen li t-tħaddim aħjar tal-ASE jkollu jinvolvi tibdil fl-istruttura istituzzjonali u operattiva eżistenti. B'mod partikolari, huma meħtieġa azzjonijiet biex tiġi razzjonalizzata l-funzjoni regolatorja, dik tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-governanza u l-proċessi; huma previsti wkoll miżuri korrettivi għall-mekkaniżmi finanzjarji tal-Awtoritajiet u għall-istruttura organizzattiva tagħhom.

4.2.2. Il-funzjoni regolatorja għandha tiġi akkumpanjata minn proċessi aktar trasparenti li jiżguraw tul ta' ħin aktar adatti tal-fażijiet ta' konsultazzjoni pubblika u analiżijiet ta' impatt li jikkombinaw l-approċċ statistiku/tal-kontabilità ma' dak kwalitattiv; f'dan ir-rigward, il-Kumitat jemmen li l-ASE għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi ta' interazzjoni mar-rappreżentanti tal-konsumaturi u tal-ħaddiema tas-settur. Il-Kumitat jemmen li huwa meħtieġ involviment akbar tal-ASE fil-proċess tad-definizzjoni tar-regoli tal-ewwel livell; il-Kumitat iqis li huwa essenzjali li jkun hemm mekkaniżmu trasparenti ta' konsultazzjoni tal-ASE qabel l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi dwar il-kwistjonijiet ta' rilevanza, li jista' jiffaċilita lill-Parlament u l-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri u fl-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-tul ta' ħin għall-implimentazzjoni preċiża u effettiva tagħhom. Madankollu, il-Kumitat huwa favorevoli li jiġi previst xi tip ta' involviment formali tal-Presidenti tal-ASE fil-Kunsill Ecofin.

4.2.3. Il-Kumitat jaqbel mat-talba tal-Kummissjoni biex l-ASE, taħt il-governanza attwali, issaħħaħ il-funzjonijiet u l-mekkaniżmi li jiżguraw it-teħid ta' azzjoni f'waqtha u ispirata mill-interessi tal-UE kollha kemm hi. L-ewwel nett, għandu jsir użu sħiħ tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali, b'ċarezza dwar il-funzjonament attwali tiegħu u l-ewwelwazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva.

4.2.4. Fil-perjodu medju, il-KESE jemmen li tkun siewja valutazzjoni tal-miżuri korrettivi strutturali għall-governanza attwali tal-ASE imfassla biex issaħħu ir-rappreżentazzjonijiet indipendenti fid-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

4.2.5. L-attività ta' kull Awtorità għandha tkun kapaċi tistrieħ fuq livell oġhla ta' koordinazzjoni mal-azzjonijiet ta' ASE oħrajn; il-Kumitat jemmen li l-ASE għandhom jistabilixxu kumitat jew grupp ta' esperti li jimplementaw, malajr, awto-ewalwazzjoni mmirata lejn it-titjib tal-mekkaniżmu ta' revizzjoni bejn il-pari, biex jissaħħaħ ir-rwol tal-kumitat konġunt, u sabiex jifasslu proċessi espliċiti ta' koordinazzjoni u skambju ta' data. Il-KESE jemmen li jkun utli li l-ASE jkunu obbligati jirazzjonalizzaw, bla dewmien, l-attività tagħhom u jagħtu rakkomandazzjonijiet dwar riorganizzazzjoni possibbli tal-kompetenzi li għandhom jingħataw lill-awtoritajiet individwali u lill-kumitat konġunt.

4.2.6. Il-koordinazzjoni bejn l-ASE għandha tistrieħ fuq sistema ta' funzjonijiet u setgħat ekwivalenti; il-Kumitat jikkunsidra li huwa utli li l-ASE jkollhom il-possibbiltà li jwettqu testijiet tal-istress fuq il-bażi tal-mudell tal-Awtorità Bankarja Ewropea. Il-koordinazzjoni bejn l-ASE għandha tqis il-grad differenti ta' integrazzjoni u armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tas-setturi differenti taħt sorveljanza.

4.2.7. Il-Kumitat japprezza l-enfasi tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar mill-qrib tal-ASE fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumaturi, b'attenzjoni partikolari għan-natura tal-prodotti offruti u l-kompatibilità tagħhom mal-profil tal-kljent; fl-istess ħin għandhom jiġu aġġornati l-azzjonijiet favur l-edukazzjoni finanzjarja. Barra minn dan, iqis neċessarju li, b'mod espliċitu, il-kompiti tal-ASE jiġu estiżi għall-protezzjoni tal-ħaddiema tas-settur, speċjalment meta mqabbel mal-impatt iġġenerat mill-mudelli ta' bejgħ u l-istrutturi ta' remunerazzjoni użati mill-intermedjarji finanzjarji. Huwa suġġerit li jiġi previst li l-awtoritajiet jadottaw kodiċi etiku fir-rigward tal-attività tagħhom u l-pubblikazzjoni annwali ta' rapport konġunt tal-ASE fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-ħaddiema. Il-Kumitat jqis li, f'dawn l-oqsma, il-kumitat konġunt għandu jkollu rwol primarju, bil-għan li jarmonizza l-istandards tal-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ħaddiema tas-settur b'mod orizzontal mal-oqsma differenti ta' responsabbiltà fl-awtoritajiet differenti.

4.2.8. Il-kompiti attribwiti lill-ASE u l-aħħar linji gwida tas-swieq finanzjarji jitolbu tisħiħ:

- (a) tal-għarfien espert tal-ASE – u l-koordinazzjoni tagħhom – fl-oqsma tal-finanzi inklużivi, speċjalment il-mikrokreditu u l-investment b'impatt soċjoekoloġiku (impact investing), permezz ta' involviment akbar ta' esperti u rappreżentanti tas-settur fil-kumitat xjentifiku tal-BERS u fil-gruppi tal-partijiet interessati tal-ASE;

(b) ir-rwol tal-kumitat konġunt, u l-adozzjoni tiegħu ta' proċeduri effettivi u rapidi, kif ukoll it-tisħiħ tal-persunal tal-ASE fil-korpi preparatorji.

4.2.9. Dwar il-modalitajiet ta' finanzjament tal-ASE, il-Kumitat jemmen li t-tranżizzjoni lejn mudell ta' finanzjament ibbażat fuq riżorsi privati għandu jiġi vvalutata fuq il-bażi ta' analiżi bir-reqqa tal-vantaġġi tiegħu u n-nuqqasijiet li jista' jkun hemm. Il-Kumitat jipproponi li l-alternattiva li jiżdied is-sehem tal-baġits tal-ASE kopert mill-miżati u t-taxxi tista' tiġi kkunsidrata bħala tranżitorji, u tkun tirreferi għal perjodu ta' ħames snin, filwaqt li l-ispejjeż prinċipali attribwibbli jiġu aġġustati għar-riżorsi addizzjonali li jistgħu jiġu assenjati lill-ASE; il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni biex fil-perjodu transitorju ta' ħames snin, twettaq analiżi tal-impatt ukoll biex tevalwa mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi li għandhom tendenza li jillimitaw ir-riskju ta' duplikazzjoni tal-ispejjeż ta' superviżjoni, biex tinkiseb razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi pubbliċi li jintużaw u biex il-piż ma jgħaddix għal fuq il-konsumaturi.

4.2.10. Is-sostenibbiltà tal-ASE tista' tibbenefika minn razzjonalizzazzjoni tal-ispejjeż li jirriżultaw minn riorganizzazzjoni loġistika. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir l-idea proposta mill-Kummissjoni ta' sede unika tal-ASE, anke fid-dawl ta' djalogu u koordinazzjoni aktar effiċjenti bejn l-awtoritajiet.

4.2.11. Il-Kumitat jemmen li r-razzjonalizzazzjoni loġistika u operattiva hija marbuta mill-qrib ma' dan il-mudell superviżorju; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' nofs it-term dwar il-possibbiltà ta' rieżami tal-arkitettura superviżorja Ewropea biex tittejjeb fir-rigward tat-tliet fatturi, ir-rwoli, is-swieq, l-intemedjarji, u finalment titqies l-adozzjoni ta' mudell b'żewġ modalitajiet.

4.2.12. Fl-aħħar nett, il-KESE jikkunsidra li huwa neċessarju li tissaħħaħ is-sistema demokratika ta' kontroll u monitoraġġ tal-attivitajiet imwettqa mill-BERS u l-ASE.

Brussell, it-18 ta' Frar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Green Paper “Nagħmlu l-aħjar mill-kompetenzi tradizzjonali tal-Ewropa: il-possibilità li tiġi estiża l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-Unjoni Ewropea għal prodotti mhux agrikoli”

(COM(2014) 469 final)

(2015/C 251/08)

Relatur: WALKER SHAW

Nhar l-1 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Green Paper – Nagħmlu l-aħjar mill-kompetenzi tradizzjonali tal-Ewropa: il-possibilità li tiġi estiża l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-Unjoni Ewropea għal prodotti mhux agrikoli

COM(2014) 469 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-2 ta' Frar 2015.

Matul il-505 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta' Frar 2015 (seduta tat-18 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'155 vot favur, 3 voti kontra u astensjoni 1.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja l-estensjoni tal-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika (IG) għal prodotti mhux agrikoli permezz ta' regolament unitarju tal-UE, li huwa jqis li se jipprovdi protezzjoni ta' valur u meħtieġa għall-kumpaniji li għandhom rekord ippruvat ta' stimolu għat-*tkabbir* ekonomiku u innovazzjoni, u li jipprovdu impjiegi b'ħiliet ta' livell għoli u mħallsa aħjar.

1.2 Il-KESE jirakkomanda li kemm is-sistema volontarja tal-IG kif ukoll l-immarkar tal-oriġini obligatorju fuq il-prodotti tal-konsumatur mill-pakkett tas-sigurtà tal-prodott għandhom jiġu appoġġjati filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-istudji li diġà twettqu sabiex tiġi provduta traċċabilità akbar, trasparenza u informazzjoni għall-konsumaturi u biex jingħata rikonoxximent ta' provenjenza lill-produtturi madwar l-UE.

1.3 Sa fejn hu possibbli, din is-sistema għandha ssegwi l-qafas eżistenti għall-prodotti agrikoli/alimentari biex jinżammu sistemi uniformi għar-reġistrazzjoni, il-protezzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar, u biex tiġi evitata l-konfużjoni għall-amministrazzjonijiet u l-konsumaturi. Għandu jiġi garantit ukoll l-istess livell ta' protezzjoni u salvagwardji taħt TRIPS li jgawdu minnu l-prodotti agrikoli/alimentari.

1.4 L-IG u kumpaniji oħra b'użu intensiv tal-proprjetà intellettwali ġeneralment jinvestu b'mod qawwi fit-taħriġ ta' ħiliet ta' livell għoli u għandhom jiġu appoġġjati biex jipproteġu l-prodotti u l-għarfien prattiku tagħhom, li jippermettilhom li jidderiġu l-investment lejn taħriġ tal-ħiliet pożittiv u l-iżvilupp tal-kapital soċjali aktar milli lejn azzjoni legali difensiva.

1.5 Il-KESE jemmen li hemm bżonn ta' proċess ta' reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida għal perjodu mhux limitat biex jiġu evitati l-burokrazija u l-ispejjeż, iżda għandha tkun soġġetta għal monitoraġġ u infurzar kontinwu biex jiġi assigurat li l-prodotti jżommu l-kriterji tal-istatus. Għandha tkun disponibbli wkoll proċedura għat-tneħħija mir-reġistru fejn ikun meħtieġ.

1.6 Il-proċess tar-reġistrazzjoni għandu jkun trasparenti u indipendenti, preferibbilment iffinanzjat u amministrat mis-settur pubbliku, u mingħajr ħlas. Jekk jiġi deċiż li jintroduċu ħlas, dan għandu jinżamm baxx ħafna biex ikun evitat li jkun ta' deterrent għar-reġistrazzjoni, jew li l-ispejjeż ta' riskju jgħaddu għand il-konsumaturi. Ir-reġistrazzjoni għandha tiġi kompletata fi żmien stabbilit biex tiġi evitata burokrazija mġebbda u inċertezza kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-konsumaturi – jidher li l-18-il xahar ikun perjodu raġonevoli. Il-KESE jirakkomanda li s-suġġerimenti tal-SMEs sabiex jiġu evitati spejjeż addizzjonali għandhom jgħinu biex isawru l-applikazzjoni tas-sistema.

1.7 Il-protezzjoni tal-provenjenza u l-assoċjazzjoni li din għandha mal-patrimonju, it-tradizzjoni, il-kwalità, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, is-sengħa u l-għarfien tekniku huma importanti. Tintiegħ rabta b'saħħitha bejn il-prodott u l-post ta' oriġini Il-KESE jemmen li l-approċċ imħallat adottat għall-prodotti agrikoli – denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO) u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) aktar flessibbli – għandha tiżgura kopertura inklużiva ta' prodotti li jeħtieġu protezzjoni.

1.8 Il-KESE jemmen li r-relazzjoni bejn s-sistema tal-IG għall-prodotti mhux agrikoli u l-liġi tal-marki kummerċjali għandha tiġi definita b'mod simili għal dik attwalment użata għal prodotti agrikoli, sabiex ikun hemm kontinwità fil-prodotti kollha u tiġi evitata l-konfużjoni.

2. Sfond u introduzzjoni

2.1 Il-Green Paper "Nagħmlu l-aħjar mill-kompetenzi tradizzjonali tal-Ewropa: il-possibilità li tiġi estiża l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-Unjoni Ewropea għal prodotti mhux agrikoli" tkompli fuq l-istudju ppubblikat mill-Kummissjoni f'Marzu 2013 ⁽¹⁾ li huwa tal-fehma li l-istrumenti legali eżistenti li huma disponibbli għall-produtturi fil-livell nazzjonali u Ewropew mhumiex biżżejjed. Il-Kummissjoni organizzat seduta pubblika fit-22 ta' April 2013 biex tiddiskuti r-risultati tal-istudju u tipprovdi pjattaforma għal dibattitu wiesa' dwar il-ħtieġa għal protezzjoni tal-IG aktar effiċjenti tal-prodotti mhux agrikoli fil-livell tal-UE. Fid-dawl tar-risultati tal-istudju u l-eżitu tas-seduta pubblika, il-Kummissjoni ddeċidiet li ssegwi l-ħidma analitika tagħha permezz ta' din il-Green Paper ta' konsultazzjoni.

2.2 F'Settembru 2013, l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern ħarġu studju konġunt b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni bl-isem "Intellectual property rights (IPR) intensive industries: contribution to economic performance and employment in the EU" [L-industriji intensivi fid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali: il-kontribut għall-prestazzjoni ekonomika u l-impjeg fl-UE] ⁽²⁾.

L-istudju jenfasizza l-valur ekonomiku tal-industriji intensivi tal-proprjetà intellettwali (inklużi l-industriji b'użu intensiv tal-IG) f'termini ta' produzzjoni, impjeg, pagi u kummerċ, u l-kontribut li qed jagħmlu għall-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 għall-impjeg u t-tkabbir. L-istudju juri li l-industriji b'użu intensiv tal-PI jġġeneraw 'il fuq minn 26 % tal-impjeg fl-UE u 39 % tal-attività ekonomika tal-UE. Huma wkoll ġeneralment iħallsu pagi ogħla bi primjum ta' aktar minn 40 %.

2.3 Fis-Summit tal-UE f'Marzu 2014, il-President Barroso ppreżenta l-Komunikazzjoni "Għal Rinaxximent Industrijali Ewropew" ⁽³⁾, li konfermat l-importanza tal-industriji b'użu intensiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-IG għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-UE, u l-ħtieġa li l-UE tappoġġja dawn l-industriji. Din il-Komunikazzjoni enfasizzat li ħafna minn dawn il-kumpaniji kienu raw tkabbir u prestazzjoni aħjar minn industriji oħra matul il-kriżi.

2.4 Attwalment, huma biss il-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (inbejjed, spirti) li jgawdu minn protezzjoni unitarja mogħtija esklużivament fil-livell tal-UE. L-IG li mhumiex agrikoli huma protetti biss fil-livell nazzjonali/reġjoni, permezz ta' oqfsa legali nazzjonali differenti. Dawn ma ġewx armonizzati fl-Istati Membri kollha, u hemm differenzi sinifikanti fid-definizzjonijiet, il-proċeduri, il-livelli ta' protezzjoni u l-infurzar, li mhuwiex utli la għall-intrapriżi u l-anqas għall-konsumaturi. Prodotti mhux agrikoli huma, madankollu, koperti minn liġijiet dwar il-kompetizzjoni inġusta jew it-tqarriq tal-konsumaturi, iżda għal darb'oħra b'kamp ta' applikazzjoni u approċċi differenti.

2.5 Bosta kumpaniji li jipproduċu prodotti mhux agrikoli b'livelli għolja ta' ħilet artiġjanali u għarfien tradizzjonali fuq bażi ġeografika joperaw f'ambjent internazzjonali, u qed isibuha dejjem aktar diffiċli biex jiproteġu l-kwalità, l-awtentiċità u l-integrità tal-prodotti tagħhom minn tikkettar ta' intenzjoni ħażina, frodi u falsifikazzjoni, u abbuż tal-marki kummerċjali. Mingħajr protezzjoni unitarja, il-kumpaniji u l-konsumaturi jkollhom jiddependu fuq varjetà ta' approċċi u livelli ta' protezzjoni madwar l-UE li tista' toħloq konfużjoni. Ħafna kumpaniji jsibuha għalja u ineffettiva, u jonfqu somom konsiderevoli ta' flus jiddefendu lilhom infushom fuq bażi ta' każ b'każ. Dan huwa piż kemm finanzjarjament kif ukoll f'termini ta' riżorsi umani. Il-kumpaniji ilhom jappellaw lill-Kummissjoni biex din testendi l-protezzjoni tal-IG għall-prodotti mhux agrikoli.

⁽¹⁾ http://ec.europa.eu/internal_market/indprop/docs/geo-indications/130322_geo-indications-non-agri-study_en.pdf

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/internal_market/intellectual-property/docs/joint-report-epo-ohim-final-version_en.pdf

⁽³⁾ COM(2014) 14 final.

2.6 Filwaqt li strumenti nazzjonali eżistenti tal-IĠ, flimkien mal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni inġusta u t-tqarriq tal-konsumatur li jeżistu fl-Istati Membri kollha tal-UE, jipprovdu ċertu livell ta' protezzjoni għal prodotti mhux agrikoli, fil-prattika dawn il-liġijiet huma limitati u ħafna kumpaniji jilmentaw li dawn ma jirnexxihomx jipprovdu protezzjoni effettiva kontra l-użu ħażin ta' ismijiet tal-IĠ mhux agrikoli.

3. Kummenti ġenerali

3.1 L-estensjoni tal-protezzjoni IĠ fl-UE għal prodotti mhux agrikoli ser tibbenefika kemm lill-produtturi kif ukoll lill-konsumaturi. Din mhijiex miżura protezzjonista. Anzi, din ser tiżgura kompetizzjoni ġusta għall-produtturi, biex jiġu protetti l-kwalità u l-integrità tal-prodotti, l-artiġjanat jew il-proċessi tradizzjonali tagħhom (li sikwit jirrikjedu livell għoli ta' ħiliet) u, fl-istess ħin, tipprovdi lill-konsumatur b'informazzjoni affidabbli dwar il-post u/jew metodu ta' produzzjoni u garanzija tal-awtenticià u tal-kwalità tal-prodott.

3.2 Il-KESE jemmen li l-estensjoni tas-sistema tal-IĠ għall-prodotti mhux agrikoli se ġġib magħha benefiċċji ekonomiċi ċari għall-UE. Din hija opportunità biex jiġu promossi u protetti prodotti, għarfien u ħiliet ta' livell għoli tradizzjonali, ta' spiss żviluppati permezz ta' skejjet u kulleġġi speċjalisti vokazzjonali, li għandhom rekord ippruvat ta' 'ħolqien ta' impjegi stabbli u tajbin. Billi tipprovdi garanziji ta' provenjenza u l-kwalità tal-prodotti, din iżżid l-l-attraenza tagħhom, u tgħin biex tibni l-profil tagħhom u jagħti spinta 'l quddiem fil-bejgħ. Status rikonoxxut b'mod aktar universali jista' jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tat-turiżmu u dħul ieħor relatat mal-prodotti, li jgħib miegħu aktar benefiċċju ekonomiku. Din ser toffri wkoll aktar protezzjoni uniformi u effettiva madwar l-UE kontra t-telf ikkawżat mill-falsifikazzjoni u l-imitazzjoni.

3.3 Hemm ħafna prodotti mhux agrikoli b'rikonoxximent u reputazzjoni qawwija tal-IĠ madwar l-UE li huma soġġetti regolarment għal użu ħażin u imitazzjoni. Għalkemm uħud minn dawn il-kumpaniji ssuperaw il-kriżi aħjar minn oħrajn, il-każijiet ta' abbuż tal-marki kummerċjali u l-falsifikazzjoni u l-imitazzjoni żdiedu bil-pressjoni tal-kriżi. Kumpaniji bla skrupli raw kif jistgħu jagħmlu l-flus malajr permezz tal-isem u r-reputazzjoni ta' prodotti ta' kwalità ta' IĠ, iżda mingħajr l-ebda rabta mal-oriġini, il-provenjenza, il-kwalità jew sengħa/l-għarfien assoċjat mal-prodott. Dan jirriżulta ftelf ta' dħul u sehem mis-suq għal negozjanti legali, kif ukoll fi ħsara potenzjali għar-reputazzjoni u spejjeż legali addizzjonali. Produtturi ta' prodotti bħal Bohemian Crystal, Savile Row Bespoke, Marmo di Carrara, Harris Tweed, Paška čipka (Pag lace), Schwarzwälder Kuckucksuhr, Ceramica Artistica e tradizionale di Vietri sul Mare, Stoke on Trent potteries, Brački kamen (ġebel u skulturi Brač), prodotti taċ-ċeramika Deruta u Murano, jiffaċċjaw sfida kontinwa biex jipproteġu lilhom infushom billi jniedu kampanji, jirreġistraw il-marki kummerċjali u jieħdu azzjoni legali. L-estensjoni tal-IĠ għal prodotti bħal dawn tista' tgħin biex tiġi evitata din l-azzjoni legali kontinwa u għalja.

3.4 Protezzjoni leġislattiva armonizzata li taqbel mal-protezzjoni mogħtija lis-settur agrikolu/alimentari u kompatibbli ma' oqfsa legali Ewropej u internazzjonali eżistenti ser tgħin biex jiġi ppreservat il-patrimonju kulturali u artistiku tradizzjonali rifless f'ħafna prodotti eliġibbli u biex jitnaqqas l-użu ħażin. Billi jitnaqqas l-ispejjeż għall-SMEs biex jipproteġu r-reputazzjoni tal-prodotti tagħhom permezz ta' litigazzjoni, huma ser ikunu jistgħu jinvestu aktar fl-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-prodott, u t-twessigħ tas-suq tagħhom, u jevitaw żieda fil-prezzijiet tal-prodotti tagħhom għall-konsumaturi.

3.5 Ħafna konsumaturi ta' prodotti IĠ huma konsumaturi eżiġenti li jagħmlu għażliet infurmati abbażi ta' sengħa ta' kwalità u prodotti awtentiċi. Huma għandhom id-dritt li jistennew il-protezzjoni tal-integrità tal-prodotti li għalihom ta' spiss qed iħallsu primjum. Dan ma għandux jillimita l-għażla jew il-kompetizzjoni, peress li l-protezzjoni IĠ tista' tingħata lil kwalunkwe kumpanija li tissodisfa l-kriterji tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, il-provenjenza, il-kwalità, il-karatteristiċi, is-sengħa u l-għarfien li jiddefinixxu l-istatus.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-KESE jemmen li huwa meħtieġ regolament unitarju tal-UE għall-armonizzazzjoni ta' prodotti IĠ mhux agrikoli. L-alternattivi attwali eżistenti huma wisq frammentati, joħlqu konfużjoni, għaljin u ineffettivi għal ħafna min-negozji siewja biex ikampaw peress li m'għandhomx ir-riżorsi biex jitrattaw dawn id-diversi strutturi u liġijiet li joperaw fil-livell reġjonali jew nazzjonali madwar l-UE. Konsistenza akbar ser tgħin lill-intrapriżi biex jissopravviva u jikbru, u jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikunu inqas vulnerabbli għal abbuż.

4.2 Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tissempjifika l-proċess ta' din l-estensjoni billi tibqa' viċin il-qafas leġislativ armonizzat eżistenti applikat għall-prodotti agrikoli/alimentari fejn rilevanti, bl-applikazzjoni tal-aqwa prattiki, u titgħallem mill-esperjenzi tal-introduzzjoni ta' protezzjoni għal dan is-settur biex tinforma s-sistema li għandha tiġi applikata għall-prodotti mhux agrikoli. Filwaqt li għandu jiġi aċċettat li ċerti speċifitàjiet settorjali jistgħu jeħtieġu approċċ differenti, kif ġie applikat għall-inbejjed u l-ispirti, ir-regola ġenerali għandha tkun il-kontinwità tal-applikazzjoni u approċċ inklużiv għal prodotti li għandhom ikunu koperti fis-setturi kollha. Prodotti mhux agrikoli għandhom igawdu mill-istess salvagwardji u protezzjonijiet provduti għall-IĠ agrikoli fir-rigward tal-Ftehim TRIPS. Madanakollu l-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tevalwa jekk hemmx lok għal titjib f'dawn is-sistemi ta' protezzjoni fid-dawl tal-esperjenza tal-applikazzjoni ta' TRIPS sa issa, partikolarment fir-rigward ta' sistemi ta' notifikazzjoni u reġistrazzjoni ċari, konsistenti u strutturati, u l-konsistenza fit-trattament.

4.3 Filwaqt li l-KESE jifhem li s-sistema tal-IĠ hija dispożizzjoni volontarja distinta mill-proposti attwali għall-immarkar obligatorju tal-orijini fuq il-prodotti tal-konsumatur manifatturati jew importati fl-UE li jinsabu fil-pakkett għas-sikurezza tal-prodotti, huwa jirrakkomanda li dawn iż-żewġ proposti jiġu adottati sabiex jipprovdu aktar traċċabilità, trasparenza u informazzjoni għall-konsumaturi u biex jagħtu r-rikonoxximent ta' provenjenza lill-produtturi madwar l-UE.

4.4 Il-KESE jantiċipa li l-armonizzazzjoni ta' protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti mhux agrikoli ser tippovdi wkoll benefiċċji fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi peress li ser tissempjifika l-proċeduri u tagħti ċarezza għal prodotti li jirċievu protezzjoni awtomatika. Din ser tippovdi approċċ aktar iffukat għan-negozjati kummerċjali u tgħin biex jiġu protetti prodotti ta' valur għoli tal-UE, li ta' spiss ikollhom valur għoli għall-esportazzjoni. Din il-protezzjoni msaħħa ser taġixxi wkoll bħala diżinċentiv għal dawk li jkunu qed jikkunsidraw l-falsifikazzjoni jew l-użu ħażin ta' dan l-istatus.

4.5 Ħafna prodotti IĠ jeħtieġu livelli estremament għolja ta' ħilet fil-produzzjoni tagħhom. Il-kumpaniji investew ħafna f'taħriġ ta' ħilet u għarfien tul il-ġenerazzjonijiet. Ħafna minnhom għandhom apprendistat stabbiliti sew u ta' suċċess u skemi kontinwi ta' taħriġ, li jżviluppaw nies bi kwalifiki għoljin, b'ħilet li għandhom valur għoli fis-suq. Il-KESE jemmen li dawn il-kumpaniji għandhom jiġu appoġġjati biex jżviluppaw dan il-kapital soċjali ta' valur billi tingħatalhom għajjnuna biex jipproteġu l-prodotti u l-għarfien tagħhom, u biex ikunu jistgħu jidderiġu l-investiment lejn taħriġ ta' ħilet pożittivi aktar milli lejn azzjoni legali difensiva. Il-kumpaniji tal-IĠ jipprovdu impjegji ta' valur u opportunitajiet ta' taħriġ lill-persuni, li jkunu sabu t-talent tagħhom sostnut f'taħriġ artiġjanali. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll id-dipendenza reċiproka ta' ħafna kulleġġi ta' taħriġ vokazzjonali speċjalizzati u l-produtturi tal-IĠ f'ċerti pajjiżi u reġjuni, pereżempju l-kulleġġ ta' taħriġ vokazzjonali għat-tqattigħ tal-ġebel fi Brački kamen. Xi wħud minn dawn il-kumpaniji jinsabu mbiegħda u f'żoni ta' qgħad għoli, li jagħmel ir-rwol tagħhom fis-suq tax-xogħol iktar importanti.

4.6 Sabiex tiġi stabbilita assoċjazzjoni ma' post partikolari, l-attenzjoni ewlenija għandha tkun li tiġi provduta l-protezzjoni ta' provenjenza u l-assoċjazzjoni li din għandha mal-patrimonju, it-tradizzjoni, il-kwalità, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, is-sengħa u l-għarfien tekniku. Tinħtieġ rabta b'saħħitha bejn il-prodott u l-post ta' orijini Il-KESE jemmen li iż-żewġ tipi ta' approċċ ta' rabta adottati għall-prodotti agrikoli – denominazzjoni protetta ta' orijini (DPO) u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) aktar flessibbli – għandhom jiżguraw kopertura inklużiva ta' prodotti li jeħtieġu protezzjoni. Kwalunkwe simbolu aċċettat taħt l-iskema jkollu jindirizza assoċjazzjoni u rikonoxximent mhux ambigwi u jissodisfa l-kriterji tal-IĠ u jkun uniformi madwar l-Ewropa biex tiġi evitata l-konfużjoni għall-konsumaturi u biex jgħin biex jiġi stabbilit ir-rikonoxximent.

4.7 Filwaqt li l-KESE jagħraf li l-kwalità u l-orijini mhumiex neċessarjament sinonimi, huwa jirrikonoxxi li l-prodotti IĠ għandhom reputazzjoni mibnija fuq valur għall-klijenti, u li l-karatteristiċi ta' kwalità huma ta' spiss fid-DNA tal-prodotti IĠ u dan jista' jkun importanti fid-definizzjoni u l-protezzjoni tas-sengħa ta' kwalità u l-għarfien tekniku, u fil-monitoraġġ u l-infurzar tal-istandards fil-kumpaniji. Ħafna produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' prodotti IĠ diġà għandhom punti ta' riferiment definiti proprji, u b'mod attiv jissorveljaw lilhom infushom fir-rigward ta' dawn l-istandards sabiex tiġi protetta l-integrità tal-prodotti tagħhom. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li dawn l-iskemi ta' monitoraġġ volontarju u kodiċi ta' kondotta ma jaħdmux fl-Istati Membri kollha u jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn mekkaniżmi formali għall-monitoraġġ u l-infurzar fil-livell nazzjonali u tal-UE. Il-KESE jinnotta li, minħabba l-kriżi u l-miżuri ta' awsterità, ħafna aġenziji ta' monitoraġġ u infurzar ġew soġġetti għal tnaqqis, u li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-miżuri biex jiżguraw sorveljanza u infurzar effettivi.

4.8 Bħal fil-każ tal-prodotti agrikoli, il-KESE jemmen li jeħtieġ proċess formali ta' reġistrazzjoni. Din għandha tkun valida għal perjodu mhux limitat biex jiġu evitati burokrasija u spejjeż, iżda għandha tkun soġġetta għal monitoraġġ kontinwu u l-infurzar biex jiġi assigurat li l-prodotti jżommu l-kriterji tal-istatus. Il-proċedura ta' reġistrazzjoni għandha wkoll tinkludi dispożizzjonijiet għat-tneħħija mir-reġistru fejn il-prodotti ma jkunux aktar konformi mal-istandards jew ma għadhomx jiġu prodotti aktar. Għandu jkun hemm ukoll proċess ta' oġġezzjoni, inkluż id-dritt ta' appell biex jiġu evitati każijiet ta' oġġezzjoni żgradevoli.

4.9 Sistema ta' żewġ fażijiet ta' involviment tal-awtorità nazzjonali flimkien ma' protezzjoni u sorveljanza leġislattivi fil-livell tal-UE jista' jkun approċċ sensibbli. Il-proċess ta' reġistrazzjoni għandu jkun trasparenti u indipendenti, u preferibbilment ikun iffinanzjat u amministrat mis-settur pubbliku. Il-KESE jinnota li attwalment m'hemm l-ebda miżata ta' reġistrazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-prodotti agrikoli/alimentari u għaldaqstant l-istess prinċipju għandu jiġi applikat għal prodotti mhux agrikoli. Jekk jiġi deċiż li jintroduċu miżata, din għandha tinżamm baxxa ħafna biex ikun evitat li tkun ta' deterrent għar-reġistrazzjoni, jew li l-ispejjeż ta' riskju jgħaddu għand il-konsumaturi. Ir-reġistrazzjoni għandha tiġi kompletata fi żmien stabbilit biex tiġi evitata burokrasija mġebba u inċertezza kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-konsumaturi – jidher li 18-il xahar ikun perjodu raġonevoli.

4.10 Il-KESE jemmen li r-relazzjoni bejn s-sistema tal-IĠ għall-prodotti mhux agrikoli u l-liġi tal-marki kummerċjali għandha tiġi definita b'mod simili għal dik attwalment użata għal prodotti agrikoli, sabiex ikun hemm kontinwità fil-prodotti kollha u tiġi evitata l-konfużjoni, filwaqt li nitgħallmu mill-esperjenza fl-applikazzjoni tagħha f'dan is-settur sabiex il-proċess jiġi rfinat u jitnaqqas kemm jista' jkun il-potenzjal għal tilwima. Il-KESE jinnota li kwalunkwe negozju li jopera f'reġjun speċifiku għandu jitħalla japplika għal denominazzjoni tal-oriġini protetta f'dak ir-reġjun.

Brussels, it-18 ta' Frar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment — Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015”

(COM(2014) 902 final)

(2015/C 251/09)

Relatur ġenerali: is-Sur LOBO XAVIER

Nhar id-19 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“L-Istharrig Annwali dwar it-Tkabbir 2015”

COM(2014) 902 final.

Nhar id-9 ta' Diċembru 2014, il-Bureau tal-Kumitat ta' Istruzzjonijiet lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Ewropa 2020 sabiex jipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, matul il-505 sessjoni plenarja tiegħu tat-18 u d-19 ta' Frar 2015 (seduta tad-19 ta' Frar), li jaħtar lis-Sur Lobo Xavier bħala relatur ġenerali u adotta din l-Opinjoni b'174 vot favur, 8 voti kontra u astensjoni 1 (waħda).

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015 tal-Kummissjoni⁽¹⁾ li għandu l-għan kunċettwali li jippromovi livelli adatti ta' tkabbir li jsostnu l-irkupru tal-Ewropa. L-approċċ imsejjes fuq it-tliet pilastri – it-tisħiħ tal-investment, ir-riformi strutturali u l-konsolidazzjoni fiskali u baġitarja reattiva – jidher li huwa reazzjoni tajba għall-ħtiġijiet tal-Ewropa u l-KESE jappoġġja l-pjan ta' implimentazzjoni allinjat ma' Semestru Ewropew iżjed effettiv. Madankollu, il-Kumitat jenfasizza wkoll li għad hemm xi dgħufijiet fil-proċess, meta wieħed iqis li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ma jinkludix, pereżempju, l-aspetti soċjali u ambjentali u, b'mod partikolari, il-ġlieda kontra l-qgħad, li għadu għoli immens, u l-ġestjoni tal-kriżi soċjali għandhom jiġu ttrattati bħala prijorità politika b'mod espliċitu. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir huwa l-punt tat-tluq għal Semestru Ewropew effettiv u, għalhekk, il-KESE jemmen li għandu jkun hemm aktar impenn f'dak li jirrigwarda l-obbligi ta' skadenza biex jinkisbu parteċipazzjoni aħjar u riżultati aħjar.

1.2. Il-KESE huwa tal-fehma li l-fiduċja li jsir investment tiddependi wkoll miċ-ċarezza u s-semplikità tal-iskadenza proposta, flimkien mas-sehem tal-partijiet interessati ewlenin. L-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili inġenerali għandhom jiġu involuti fil-proċess sabiex tinkiseb il-kredibbiltà. Fil-fehma tal-KESE, huwa kruċjali li l-Kummissjoni tkun involuta mal-Parlament Ewropew u l-imsieħba soċjali kif ukoll organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew, qabel ma jiġi ppreżentat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir. Il-KESE jirrikonoxxi l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi parteċipazzjoni akbar min-naħa tas-soċjetà ċivili, anke bil-kooperazzjoni tal-parlamenti nazzjonali, iżda jwissi li għandu jiġi implimentat “kalendarju ġdid tas-soċjetà ċivili”⁽²⁾ biex tinkiseb l-effiċjenza u l-parteeipazzjoni ġenwina, b'riżultati effettivi. Jeħtieġ li jsir sforz kbir mill-imsieħba u l-istituzzjonijiet kollha biex l-intenzjonijiet tajbin jissarrfu f'konsegwenzi, u l-KESE jappella għal rwol proattiv mill-imsieħba soċjali.

1.3. Il-KESE jemmen li mhuwiex possibbli li jiġi implimentat pian għat-tkabbir li jappoġġja miżuri għall-ħolqien tal-impjiegi mingħajr l-investment. Għalhekk, huwa kruċjali għall-Ewropa li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet adatti għal investment ibbażat fuq is-sħubijiet li jinvolvi kemm lis-settur privat kif ukoll dak pubbliku. L-effettività tat-taħlita ta' politiki proposta hija s-sinjal adatt biex il-fiduċja tingħata spinta – li hija essenzjali għall-investment. Il-KESE jqis li huwa nuqqas kbir li fil-Pjan ta' Investment tagħha, li fih innifsu huwa rakkomandabbli, il-Kummissjoni timmira biss l-investment privat u, b'mod ġenerali, tinjora l-ħtieġa ta' investment pubbliku. Il-KESE jappoġġja d-diskussjoni li għaddeja fil-Kummissjoni tal-UE dwar l-użu tal-hekk imsejja “regola tad-deheb” fil-finanzjament, biex fil-kuntest tal-qafas tar-regoli fiskali tal-UEM, l-investimenti soċjali jiġu esklużi mill-kalkolu tad-defiċits pubbliċi netti⁽³⁾.

⁽¹⁾ Għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015, ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/europe2020/making-it-happen/annual-growth-surveys/index_mt.htm

⁽²⁾ Ara l-Anness.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “L-impatt tas-servizzi tan-negozju fl-industrija”, ĠU C 226, 16.7.2014, p. 21-27.

Il-KESE josserva wkoll li, indipendentement minn min se jmessi l-investment, il-muftieħ għas-suċċess huwa definizzjoni ċara tat-tip ta' investment u s-sostenibbiltà tiegħu fil-ġejjieni. F'dan il-kuntest, iż-żieda fl-investment fit-tul fis-sistemi tal-educazzjoni u t-taħriġ se tibbenefika tassew lis-suq tax-xogħol u jippermettu lill-Ewropej jifhmu d-dimensjoni soċjali tal-isfida.

Huwa essenzjali li jkun hemm approċċ adatt biex jiġi miġġieled il-qgħad fost iż-żgħażaġħ – li, b'xorti ħażina, huwa realtà fl-Ewropa – u l-Istati Membri għandhom jgħaqqdu l-politiki nazzjonali tagħhom sabiex tiġi evitata l-esklużjoni u jhegħgu l-integrazzjoni tal-gruppi żvantaġġati tas-soċjetà fis-suq tax-xogħol.

1.4. Il-KESE huwa verament konvint li l-industrija taqdi rwol kruċjali fl-iżvilupp tal-Ewropa. Hemm varjetà wiesgħa ta' eżempji tajbin ta' innovazzjoni fis-setturi industrijali u dan l-ambjent għandu jiġi amplifikat, sabiex jippromovi l-ħolqien tal-impjiegi u riżorsi umani bi kwalifiki għolja. Il-pjan ta' investment għandu jirrikonoxxi l-valur miżjud ta' "industriji Ewropej li jkunu fuq quddiem" u jippromovi eżempji ta' innovazzjoni u Prattika tajba.

1.5. Il-KESE jitlob li tingħata attenzjoni lill-promozzjoni tal-investment soċjali f'dan il-proċess. Il-KESE jemmen li l-investment soċjali jista' jaqdi rwol kritiku fil-promozzjoni tal-benesseri u l-qerda tal-faqar u l-esklużjoni; għalhekk, diġà appella biex fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi⁽⁴⁾ jiġu stabbiliti prijoritajiet b'mod espliċitu u jhegħgē il-promozzjoni ta' miżuri li jippermettu li l-atturi rilevanti tas-soċjetà ċivili jilliberaw il-potenzjal sħiħ tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u jsaħħu r-rwol tal-komunitajiet lokali⁽⁵⁾.

1.6. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-isforz li sar biex jiġi promoss il-potenzjal tal-Ewropa permezz tas-suq diġitali. Is-suq diġitali jista' verament jaġhti spinta lill-ekonomija u t-tkabbir tal-impjieg jekk jittieħdu ċerti miżuri ewlenin. In-negozji ser ikunu jistgħu jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-aġenda diġitali biss meta jkun hemm regoli komuni Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data li jstabbilixxu standards għoljin u meta terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi. Il-KESE jhegħgē lill-Kummissjoni tħaffef il-pass tal-implimentazzjoni tas-suq intern biex tisfrutta bis-sħiħ din l-aġenda.

1.7. Il-KESE jemmen li r-responsabbiltà fiskali hija meħtieġa mill-Istati Membri kollha u għandha tintrabat b'mod dirett mal-promozzjoni tal-impjieg u r-responsabbiltà soċjali. Għall-promozzjoni tat-tkabbir, huwa essenzjali li jiġu rispettati l-kompromessi rigward governanza bbilanċjata u responsabbli. Il-KESE jappoġġja konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir u jitlob – fejn possibbli – lill-Istati Membri jnaqqsu l-piż tat-tassazzjoni impost mill-politiki ta' awsterità fuq iċ-ċittadini u jitlob għal miżuri oħra bil-għan li tingħata spinta mill-ġdid lill-investment privat mingħajr ma jiġi injorat l-investment pubbliku intelliġenti.

1.8. Is-sistema ta' governanza mmirata lejn il-kisba ta' responsabbiltà fiskali permezz ta' sorveljanza baġitarja iżjed konxja u integrata hija approċċ interessanti li jista' jippermetti li r-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-UE jiġu integrati kif imiss fit-tħejjija tal-baġits nazzjonali. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon is-semplifikazzjoni tas-Semestru, li diġà rakkomanda fl-Opinjoni dwar "L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2014"⁽⁶⁾, u jixtieq li dawn il-bidliet ikunu effettivi.

1.9. Il-Kumitat huwa favur iktar uniformità fil-preżentazzjoni tal-qagħda baġitarja ta' kull Stat Membru. Dan ser jissimplifika l-paraguni u jista' jkun aktar effiċjenti biex jinkisbu soluzzjonijiet fil-livell Ewropew. Jista' jkun ukoll interessanti li jiġi kkunsidrat mill-ġdid il-kalkolu tad-dejn intern sabiex tinkiseb informazzjoni aktar reali u bbilanċjata.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir bħala linja gwida għall-"aġġornament" tal-politiki Ewropej immirati biex jaġhtu spinta lill-ekonomija u lit-tkabbir sostenibbli għal kulħadd.

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Lejn Investment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020", ĠU C 271, 19.9.2013, p. 91-96 u dwar "L-impatt tal-investimenti soċjali fuq l-impjiegi u l-fondi pubbliċi", ĠU C 226, 16.7.2014, p. 21-27.

⁽⁵⁾ Ara d-Dikjarazzjoni ta' Milan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: EESC calls for innovation in the Union's welfare systems to adapt to the new challenges ahead (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2014", ĠU C 214, 8.7.2014, p. 46-54

Is-Semestru Ewropew ta prova li qed iservi bħala punt ta' referenza għall-introduzzjoni jew it-tisħiħ ta' politiki fiskali jew ir-riformi strutturali meħtieġa biex jiġi żgurat it-tkabbir, u kiseb riżultati tanġibbli; madankollu, jista' jiġi kkritikat minħabba d-dewmien tal-proċeduri u n-nuqqas ta' riżolutezza rigward l-aħjar modi biex noħroġu mill-kriżi gravi li laqtet lill-Ewropa b'tant ħruxija, u li għada qed tinħass, f'it jew wisq, fl-Istati Membri kollha.

2.2. Għalhekk, il-valur tal-inizjattiva ma jistax jiġi kkontestat, speċjalment meta wieħed iqis ir-restrizzjonijiet li jiffaċċja kull Stat Membru fid-dawl tal-politiki tat-tkabbir, li jirriflettu ċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħhom u l-ħeffa li biha jkunu implimentaw miżuri u riformi li kellhom impatt u kisbu r-riżultati.

2.3. Fl-Istħarriġ Annwali tagħha dwar it-Tkabbir 2015, il-Kummissjoni tirrakkomanda biċ-ċar politika ekonomika msejsa fuq tliet pilastru integrati ewlenin: it-tkabbir tal-investment, riformi strutturali iżjed rapidi u konsolidazzjoni fiskali responsabbli li tiffavorixxi t-tkabbir.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-mod li bih dawn it-tliet pilastru tal-politika ekonomika huma integrati ser ikun il-muftieħ għas-suċċess u għall-ksib tar-riżultati li jippermettu li jitnaqqas il-qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh. Dan se jeħtieġ riformi strutturali fis-suq tax-xogħol, aktar riforma tal-pensjonijiet, il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, swieq iżjed flessibbli tal-prodotti u s-servizzi, it-titjib tal-klima ta' investment u l-ambjent tan-negozju, it-tijib fil-kwalità tal-investment fir-riċerka, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ u spinta mill-ġdid lit-tiftix ta' effiċjenza fl-amministrazzjoni pubblika.

2.4. Huwa interessanti li l-Kummissjoni tagħmel ukoll sejħa għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili matul il-proċess tat-tkabbir u t-tibdil, b'enfasi partikolari fuq is-sehem tal-imsieħba soċjali⁽⁷⁾. Hija titlob ukoll lill-Istati Membri biex jinvolvu lill-parlamenti nazzjonali b'mod aktar attiv, u biex iħeġġu lill-pubbliku jinvolvi ruħu b'mod attiv u jgħin fil-valutazzjoni tal-politiki li għandhom jiġu implimentati.

Ta' min jinnota dan l-isforz biex titjeb il-parteċipazzjoni pubblika fi żmien fejn hemm tħassib li n-nies ihossuom distakkati ferm mill-proġett Ewropew.

3. Approċċ integrat

3.1. Promozzjoni tal-investment

3.1.1. Il-KESE huwa konvint li l-irkupru tal-livelli ta' investment, flimkien mal-fiduċja tal-investituri (fost kemm l-istituzzjonijiet kif ukoll l-individwi) huwa komponent ewleni tat-tkabbir. Huwa għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa⁽⁸⁾, li jindirizza l-ħtieġa għall-promozzjoni ta' investimenti strutturali kruċjali li joħolqu l-kundizzjonijiet għat-tkabbir u s-sostenibbiltà meħtieġa għall-kompetittività. Madankollu, il-KESE jqis li huwa nuqqas kbir li fil-Pjan ta' Investment tagħha, li fih innifsu huwa rakkomandabbli, il-Kummissjoni timmira biss l-investment privat u, b'mod ġenerali, tinjora l-ħtieġa ta' investment pubbliku. Il-KESE jappoġġja d-diskussjoni li għaddejja fil-Kummissjoni tal-UE dwar l-użu tal-hekk imsejħa "regola tad-deheb" fil-finanzjament, biex fil-kuntest tal-qafas tar-regoli fiskali tal-UEM, l-investimenti soċjali jiġu esklużi mill-kalkolu tad-defiċits pubbliċi netti⁽⁹⁾.

3.1.2. L-analiżi tas-sitwazzjoni attwali turi li l-Ewropa saret anqas kompetittiva meta mqabbla ma' ekonomiji globali oħra, preċiżament minħabba t-tnaqqis fl-investment f'oqsma kritiċi, pereżempju l-immodernizzar tat-tagħmir u l-aċċess għat-teknoloġiji u t-titjib tal-edukazzjoni, fost l-oħrajn. Filwaqt li l-KESE konsegwentement japprova dan il-pjan għall-promozzjoni tal-investment, għadd ta' fatturi varjabbli jibqgħu mhux ċari u jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-utilità tal-pjan. Il-bażi kunċettwali tidher soda, iżda l-KESE jiddubita kif il-pjan jista' jiġi implimentat b'mod sħiħ u fuq skala kbira.

⁽⁷⁾ Ara r-rakkomandazzjonijiet li saru fl-Opinjoni tal-KESE dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014, u r-rapport tal-KESE dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Ewropa 2020: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.europa-2020-meetings.34402> (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁸⁾ Għall-Pjan ta' Investment, ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/priorities/jobs-growth-investment/plan/index_en.htm (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-impatt tas-servizzi tan-negozju fl-industrija", ĠU C 226, 16.7.2014, p. 21-27.

3.1.3. Ir-riżervi li l-KESE jħossu obbligat li jesprimi rigward ir-rakkomandazzjonijiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir jikkonċernaw l-iżjed ir-restrizzjonijiet li għadhom qed jiffaċċjaw xi Stati Membri mil-lat tal-livelli ta' investiment meħtieġa. Għad hemm inugwaljanza sostanzjali fl-aċċess għall-finanzi, speċjalment għall-SMEs, liema ħaġa jista' jkollha impatt negattiv fuq l-utilità tal-inizjattiva, anke jekk il-gvernijiet nazzjonali juru rieda politika. F'dan l-istadju, għadu mhux ċar kif din l-inugwaljanza ser tiġi indirizzata u mnaqqa sabiex jiġi promoss l-investiment inklużiv fl-Ewropa, minkejja r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tant sodisfaċenti dwar l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, liema ħaġa tinvolvi approċċ għid dwar l-insolvenza u l-falliment tan-negozju u titjib tal-qafas regolatorju bil-għan li jittejjeb l-investiment fit-tul fl-SMEs.

3.1.4. Il-KESE jemmen ukoll li l-programmi ta' investiment eżistenti u disponibbli se jkunu kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet relatati mat-tkabbir u japprova l-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu inkoraġġiti – inklużi l-pubbliku ġenerali, in-negozji u l-korpi uffiċjali – jaqdu rwol attiv fi programmi mmirati lejhom li huma maħsuba biex ikunu inklużivi u jipromovu l-eċċellenza, bħall-Orizzont 2020⁽¹⁰⁾ (għall-innovazzjoni u r-riċerka), il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa⁽¹¹⁾ (għall-investimenti fl-infrastruttura) u COSME⁽¹²⁾ (għall-finanzjament tal-SMEs). Il-KESE jitlob ukoll, madankollu, li l-istrutturi għall-monitoraġġ tal-programmi jsiru aktar inklużivi u "faċli għall-utent" sabiex titrawwem l-eċċellenza u jkun hemm aċċess aktar ġust għall-istituzzjonijiet u l-Istati Membri kollha, mingħajr ma jintilfu r-rigorożità u l-eċċellenza meħtieġa mill-programmi.

3.1.5. Il-KESE jemmen tassew fl-effettività tal-investiment soċjali u l-impatt dirett tiegħu fuq il-benesseri tal-popolazzjoni. Il-politika pubblika m'għandhiex tinjora l-qawwa tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, mhux biss minħabba li huma marbuta mill-qrib mas-soċjetà ċivili iżda wkoll għax hemm eżempji tajbin li jistgħu jintużaw f'sitwazzjonijiet simili. L-Ewropa għandha tippromovi l-aħjar prattiki mill-Istati Membri kollha tal-Komunità⁽¹³⁾.

3.2. Riforzi strutturali

3.2.1. Is-suq uniku għall-prodotti u s-servizzi minn dejjem kien fil-qalba tal-integrazzjoni Ewropea. Diġà ntlaħqu diversi għanijiet, permezz ta' sforzi enormi, iżda xi oqsma li huma ta' importanza kritika għat-tkabbir għadhom ma nbidlux. Għalhekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Istati Membri biex jintgħelbu l-ostakli għall-ħolqien ta' suq uniku li jkun effettiv, effiċjenti u ġust. Il-KESE lanqas ma jiddubita l-benefiċċji għall-konsumaturi Ewropej ta' suq uniku effiċjenti għall-prodotti u s-servizzi, li jagħmlu l-Ewropa post aktar attraenti għall-investiment, u b'hekk ikun hemm impatt dirett fuq il-ħolqien tal-impjiegi u l-benesseri soċjali. Il-Kumitat jemmen, madankollu, li huwa importanti li jsiru sforzi ikbar u jittieħdu passi prattiċi lejn il-kisba ta' dan l-għan.

3.2.2. Il-pożizzjoni ewlenija li tinkiseb bil-ħolqien ta' suq diġitali uniku huwa għalhekk essenzjali u huwa wkoll biċ-ċar xi ħaġa li l-KESE jimpenja ruħu bis-sħiħ lejha. Il-KESE huwa konvint għalkollox mill-benefiċċji ta' suq diġitali uniku effiċjenti u huwa tal-fehma li l-arranġamenti ta' finanzjament għall-investiment fl-infrastruttura u l-għarfien għandhom ikunu orjentati lejn dan l-għan; madankollu, jerġa' jieħdu nota tad-differenzi bejn l-Istati Membri, li jistgħu jxekklu l-integrazzjoni effiċjenti.

3.2.3. Bl-istess mod, filwaqt li jitrawmu l-eċċellenza u l-effiċjenza tas-suq uniku diġitali⁽¹⁴⁾, l-Ewropa għandha titlob lill-kompetituri tagħha jirrispettaw ir-regoli u l-istandards Ewropej, għax jekk ma jagħmlux imqar dan ikun inġust għas-suq intern innifsu. Il-KESE mhuwiex qed jirreferi għall-protezzjoniżmu jew kwalunkwe miżura oħra bħal din, iżda sempliċement qed jappella għaċ-ċarezza matul il-proċess u għall-implimentazzjoni adatta tal-miżuri u r-rekwiżiti meħtieġa biex tkun minn ta' quddiem fl-oqsma differenti tal-ekonomija u s-soċjetà.

3.2.4. Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-pjani għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi jridu jkunu allinjati mar-riformi nazzjonali li jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni fix-xogħol ta' kwalità għolja, iżidu l-produttività u jieħdu l-aħjar mis-sistemi tat-taħriġ u l-edukazzjoni.

⁽¹⁰⁾ Għall-Orizzont 2020, ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea <http://ec.europa.eu/programmes/horizon2020> (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹¹⁾ Għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/connecting-europe-facility> (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹²⁾ Għall-COSME, ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/enterprise/initiatives/cosme/index_en.htm (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-investiment b'impatt soċjali", ĠU C 458, 19.12.2014, p. 14-18

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020", EUR/007 – EESC-2015-00034-00-00-AC-TRA.

3.3. It-tiftix ta' politika fiskali responsabbli

3.3.1. Minkejja t-titjib fil-prestazzjoni tal-Istati Membri rigward id-dejn sovrani nazzjonali tagħhom – l-għadd ta' pajjiżi f'defiċit eċċessiv naqas minn 24 fl-2011 għal 11 fl-2014⁽¹⁵⁾, li huwa żvilupp pożittiv – għad fadal ħafna xi jsir f'dan ir-rigward, speċjalment mill-perspettiva ta' tkabbir fuq medda medja ta' żmien u fit-tul.

3.3.2. Il-proċessi ta' aġġustament tal-Istati Membri saru għad-detriment tal-benesseri soċjali taċ-ċittadini, u affettwaw lil kulħadd, kemm l-individwi kif ukoll in-negozju. Għaldaqstant, il-KESE huwa tal-fehma li l-għlieda kontra l-qgħad, li għadu għoli immens, kif ukoll il-ġestjoni tal-kriżi soċjali, għandhom jiġu ttrattati bħala prijorità politika b'mod espliċitu.

3.3.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon politika li tgħaqqad ir-responsabbiltà fiskali ma' politiki għat-tkabbir ekonomiku iżda jwissi dwar il-ħtieġa li jiġu implimentati politiki li jirriflettu s-sitwazzjoni reali f'kull Stat Membru. L-applikazzjoni ta' miżuri ġeneriċi għal sitwazzjonijiet differenti wriet li hija riċetta għall-falliment. Il-Kummissjoni ma tridx tirrepeti żbalji reċenti.

3.3.4. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni sssahha il-għlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evazzjoni tat-taxxa. Għandhom jiġu promossi l-prattiki tajbin fil-għlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evazzjoni tat-taxxa; għandhom ukoll jiġu kondiviżi biex jinkisbu aktar effiċjenza u ġustizzja.

4. Titjib fis-sistema ta' governanza, li jagħmilha aktar effettiva

4.1. Il-KESE qed jaqdi rwol partikolarment attiv fil-valutazzjoni u r-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea 2020⁽¹⁶⁾. Għalhekk, huwa b'sens ta' responsabbiltà li l-Kumitat jikkunsidra li l-fatt li ż-żmien magħżul għar-reviżjoni tal-Istrateġija jiġi allinjat mas-Semestru Ewropew u l-Kunsill huwa miżura ewlenija għall-kisba tal-għanijiet proposti u biex il-miżuri proposti jkunu iżjed effiċjenti, u wkoll għall-valutazzjoni tal-għanijiet innifishom.

4.2. Dan l-allinjament, kif ġie osservat b'mod wiesa' mill-Kumitat ta' Tmexxija Ewropa 2020, huwa kruċjali għall-valutazzjoni tal-għanijiet stabbiliti u biex jiġu aġġustati l-miżuri li huma implimentati, u b'hekk isiru aktar effiċjenti fid-dawl tas-sitwazzjoni reali fl-Ewropa inġenerali u l-Istati Membri b'mod partikolari.

4.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon is-semplifikazzjoni tas-Semestru Ewropew, speċjalment il-proposta biex titressaq valutazzjoni ekonomika komprensiva waħda għal kull Stat Membru u l-fatt li l-pubblikazzjoni tagħha ser issir iżjed kmieni, f'Marzu. Fil-fehma tal-Kumitat, huwa importanti li anke r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSR) ser jiġu ppreżentati iżjed kmieni.

4.4. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-programmi nazzjonali ta' riforma għandhom ikunu ffukati mill-ġdid u jqis li huwa essenzjali li l-imsieħba soċjali, kif ukoll organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, jiġu involuti f'fażi bikrija fit-tfassil tagħhom. Dan ser isahha is-sjeda tas-Semestru Ewropew u jwassal għal implimentazzjoni aħjar, billi fl-aħħar mill-aħħar itejjeb il-leġittimità demokratika tiegħu.

4.5. Il-KESE jenfasizza li r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 għandha tiġi ppubblikata fi żmien propju b'mod li l-partijiet interessati jingħataw żmien biżżejje biex jippreparaw il-pożizzjonijiet tagħhom.

4.6. Il-Kumitat jemmen li l-politiki ta' innovazzjoni soċjali u investment soċjali għandhom jiġu inklużi fir-reviżjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u jkollhom l-appoġġ ta' inizjattiva ewlenija. Il-KESE jitlob għall-introduzzjoni ta' kejl tal-impatt soċjali fid-dawl tal-progress tal-politiki soċjali, inklużi indikaturi soċjali f'rapporti ta' progress nazzjonali.

4.7. L-Ewropa għandha tieħu azzjoni soda billi turi solidarjetà u rispett lejn is-sovrani tal-Istati Membri, il-kapaċità ta' rispons u, fuq kollox, tmexxija intelliġenti biex jinstabu soluzzjonijiet li huma inklużivi u bbilanċjati, u b'hekk jinħoloq kunsens li jista' jimmobilizza l-pubbliku biex jipparteċipa f'proġett li huwa verament Ewropew u li hu ta' benefiċċju għal kulħadd.

⁽¹⁵⁾ Għad-"defiċit eċċessiv" ara l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015 fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea http://ec.europa.eu/europe2020/making-it-happen/annual-growth-surveys/index_mt.htm, punt 4: FI-INSEGWIMENT GĦAR-RESPONSABILITÀ FIS-KALI.

⁽¹⁶⁾ Ara r-rapport tal-KESE dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Ewropa 2020: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.europe-2020-meetings.34402> (mhux disponibbli bil-Malti).

4.8. Il-KESE huwa konxju tal-isfidi futuri u għalhekk jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ideat fir-rapport tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir rigward kwistjonijiet ambjentali. Hija ħaġa minn awl id-dinja li l-pjan ta' investiment jikkunsidra dan it-tħassib, iżda taqsima speċifika dwar l-isfidi, l-oportunitajiet u l-politika ambjentali tagħti wkoll is-setgħa lit-tmexxija tal-Ewropa f'dan il-qasam. Din ser ikollha wkoll impatt fuq il-fiduċja u l-kunfidenza fil-konfront tal-futur tal-industrija fl-UE kif ukoll fuq il-benesseri tal-poplu u fuq is-sostenibbiltà.

Brussell, id-19 ta' Frar 2015.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE

ANNEX

Kalendaju tas-Semestru Ewropew – biex tikkonsulta l-kalendarju, jekk jogħġbok segwi l-link:

<http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.europe-2020-opinions.34757>

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT